**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 152/2016 AL

**A B f'isimha proprio u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri C D B skont Digriet tal-Qorti tas-26 ta' Lulju 2016**

**vs**

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *L-esponenti A B u l-konvenut E D kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri C D B nhar it-3 ta' Mejju, 2011;*

2. *Ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet meta l-esponenti A B kien għadha tqila bil-minuri C B D u filwaqt illi l-konvenut beda jistiga lill-esponenti A B*

[1] Fol. 1.

*sabiex twettaq abort – b'din ta' l-aħħar tirrifjuta bl-aktar mod kategoriku – il-konvenut ma riedx jirrikonoxxi lill-minuri bħala bintu. Kien għalhekk li l-esponenti A B kellja tipproċedi b'kawża kontra l-konvenut li għandha r-rikors maħluf bin-numru: 129/2013/AL fl-ismijiet: A B pro et noe v. Dr. E D et li permezz tagħha talbet illi dina l-Onorabbli Qorti, fost affarijiet oħra, tiddikjara li l-minuri hija bint naturali tal-konvenut u b'sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Mejju, 2015, li ma ġietx appellata, it-talbiet ta' l-esponenti ġew milqugħa;*

3. *Il-konvenut naqas bl-aktar mod assolut milli jaqdi l-obligi tiegħu ta' missier: huwa ma riedx jaf b'bintu, qatt ma raha, qatt ma mantniha bl-ebdamod u qatt ma ikkontribwixxa għall-ħlas ta' spejjeż, fost oħrajn, ta' saħħa u edukazzjoni, liema spejjeż dejjem ħalsithom fl-intier l-esponenti A B waħedha u dan minkejja li l-konvenut huwa avukat u għandu diversi karigi uffiċjali. Inoltre l-konvenut dejjem ittraskura l-iżvilupp u l-edukazzjoni tal-minuri u dejjem naqas li jmantniha, kif ingħad, liema nuqqas, għadu għaddej sal-ġurnata tallum anke wara s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, u naqas ukoll milli jieħu ħsiebha, jgħallimha u jedukaha kif jixraq;*

4. *L-eponenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'dina l-istanza b'digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-31 ta' Mejju, 2016 uhija tiddikjara li ta fil-fatti hawn imsemmija personalment;*

*Għaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qiegħda hawn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C D B unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti A B;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tiehu kwalunkwe decizjoni wahedha rigward il-minuri C D B inkluzi dawk ta' sahha u edukazzjoni;*

3. *Tordna li l-konvenut jigi mnehha mill-jeddijiet kollha tas-setgha ta genitor ai termini tal-artikolu 154(1)(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fl-interess suprem tal-minuri C D B;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bhala missier il-minuri C D B kellu u ghad ghandu l-obbligu li, fost l-ohrajn, imantni ossija jikkontribwixxi ghal manteniment tal-istess minuri u dana b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri;*

5. *Tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-konvenut lill-esponenti A B ghall-htigijiet tal-minuri C D B, liema retta alimentari tkun rivedibbli minn zmien ghal zmien skond il-modalitajiet illi jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha;*

6. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti A B ghall-htigijiet tal-minuri C D B ir-retta alimentari hekk stabbilita flimkien ma' zidiet perjodici skond ma tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti;*

7. *Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri C D B sad-data tal-effettiva kundanna ta' hlas ta' manteniment, mahduma bir-rata appozitament stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-konvenut lill-esponenti A B sabiex il-konvenut jirrimborza lill-istess esponenti ghall-ammonti mahruga ossija zborsati minnha u applikati fil-manteniment tal-imsemmija minuri, jew porzjon appozitament stabbilita tal-istess;*

8. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti A B dik is-somma likwidata ai termini tat-talba precedent bhala arretrati ta' manteniment;*

9. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha jew porzjoni stabbilia appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri C D B u dana kemm ghal dawk li huma mizati u spejjez kurrikulari kif ukoll extra-kurrikulari tal-minuri C D B.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut E D,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Preliminarjament, ai termini tal-artikolu 156(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-attrici biex tindika b'mod adegwat u skjett l-iskop tal-prova ta' kull xhud indikat minnha f'terminu*

[2] Fol. 28.

*prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, taht sanzjoni ta' sfilz tal-istess lista ta' xhieda f'kaz li l-attrici ma tottemperax ruhha, liema talba l-eccepjenti jirrizerva li jqajem f'kull stadju ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi, fil-mertu in kwantu ghall-ewwwel talba ma hemmx oggezzjoni li l-kura u kustodja effettiva tkun f'idejn l-attrici, purche' fejn jidhlu kwistjonijiet ta' sahha u edukazzjoni d-decizjonijiet jittiehdu b'mod kongunt;*

3. *Illi in kwantu ghat-tieni talba, din qed tigi opposta – kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza l-attrici diga' ipprovat tabbuza fl-ispejjz li ppretendiet mill-eccepjenti, u ghaldaqstant, anke sabiex jigu protetti l-interessi tal-istess eccepjenti, l-attrici m'ghandhiex ikollha carte blanche tiddeciedi wehidha dwar infieq f'kwistjonijiet ta' sahha u edukazzjoni;*

4. *Illi in kwantu ghat-tielet talba, ma jezistux l-estremi biex titnehha l-patria potestas mill-konvenut, u dan 'fis-suprem interess tal-minuri' u ghaldaqstant din it-talba qed tigi oposta;*

5. *Illi in kwantu ghar-raba' talba fic-cirkostanzi jigi eccepit li kwalunkwe manteniment dovut mill-eccepjenti ghandu jiddekorri mid-data li huwa gie rikonoxxut bhala missier minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta, ossia mis-26 ta' Mejju 2016;*

6. *Illi in kwantu ghal hames u s-sitt talba, jigi eccepit illi ma hemmx oggezzjoni li tigi likwidata retta alimentari li l-eccepjenti ghand jhallas favur il-minuri pero kif tghid il-Ligi, irid l-ewwel jigi identifikat u likwidat il-bzonn tal-minuri u l-manteniment jigi temperat skond il-mezzi tal-eccepjenti partikolarment b'applikazzjoni tal-artikolu 20 u 23 (b'rizerva ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 partikolarment fil-kuntest tar-rikors ghal manteniment pendente lite intavola kontestwalment ma' din il-kawza) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad specifikament stante li fit-tielet premessa saret emfasi li l-eccepjenti huwa avukat, daqs li kieku ghandu l-miljuni u bix tingibed simpatija oltre dak li l-Ligi trid. Dwar it-talba ghal zidiet perjodici l-attrici trid tispjega u tissostanzja x'ziedet qed talludi ghalihom qabel l-eccepjenti jippronunzja ruhu u jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment fuq dan il-punt meta tali spjegazzjoni tinghata.*

7. *Illi fir-rigward tas-seba u tmien talba, u minghajr pregudizzju ghall-hames eccezzjoni li l-eccepjenti jzomm ferm maghha, ghand jigi specifikat li l-attrici ma hiex qed titlob arretrti ta' manteniment per se, izda qed titlob ir-*

*rifuzjoni ta' spejjez allegtament inkorsi minnha – dan ifisser li l-attrici trid iggib l-ahjar prova tal-ispejjez allegatament inkorsi minnha li jridu jkunu konnessi mad-disposti tal-artikolu 19 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sa llum* ***qatt*** *ma sar;*

8. *Illi in kwantu ghad-9 talba, mhux car u mhux mifhum il-kuntest ghal din it-talba meta diga saru talbiet ghal-manteniment, inkluz arretrai, l-eccepjenti jirrizrva li jeccepixxi ulterjorment waa li l-attrici taghti d-debita kjarifika;*

9. *Illi in kwantu ghall-ispejjez kif mitluba, jigi eccepit li ma hux gust li l-ispejjez kollha jigu akkollati lill-eccepjenti u dan ghas-segwenti ragunijiet li se jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza:*

*a) l-eccipjenti kien ilu minn Novembru 2015 jitlob lill-attrici tghaddilu l-proposti taghha sabiex il-kwisjtoni tigi risolta amikevolment – kien biss fit-2 ta' Mejju 2016 li l-attrici ghogobha ressq il-proposti taghha u l-uniku kuntrat li ghogbha taghmel bejn l-ghoti tas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2015 u t-2 ta' Mejju 2016 kien biss u nikament sabiex tigbor l-ispejjez ta' dik il-kawza u sabiex l-eccepjenti jiffirmalha ghall-passaport tal-minuri;*

*b) il-pretensjonijiet maghmula mill-attrici f'Mejju 2016 kienu esorbitanti, abbuzivi u eccessivi u kienu jinkludu spejjez li ma jinkwadrawx taht il-kappa tal-manteniment – huwa ovvju minn hekk li l-attrici qatt ma riedet tasal mal-eccepjenti;*

*c)illi ma kien hemm ebda raguni li jsir Mandat ta' Sekwestru kontra l-eccepjenti, izjed u izjed fl-ammont ta' €70,000 – dan huwa tentattiv car sabiex tipprova ggib lill-eccepjenti gharkubtejh biex icedi ghall-pretensjonijiet abbuzivi li diga saret referenza ghalihom u minn issa l-eccepjenti qieghed jirrizerva kull azzjoni spettanti lilu skond il-ligi fil-konfront tal-attrici inkluz ghad-danni;*

*d) illi dan kollu ser jindika kif l-agir tal-attrici (mhux l-azzjoni odjerna per se, izda l-modus operadi taghha, kien intiz biss u unikament bhala vendikazzjoni kontra l-eccepjenti talli kien temm ir-relazzjoni u mhux ghax fil-verita l-attrici ghandha s-suprem interess tal-minuri 'at heart'.*

*Ghal dawn il-motivi jigi eccepit li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu akkolati (fi shih jew imqar in parti) lill-attrici.*

10. *Illi in finis, jigi eccepit bir-rispett li filwaqt li l-attrici f'din il-kawza mohha biex tghaffeg lill-eccepjenti u tnehhi d-drittijiet tieghu, dina l-Onorabbli Qorti ghandha, bl-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti kull direttiva u/jew ordni fir-rigward tal-access favur l-ecccepjenti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-Att tat-Twelid ta' C D B, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 1676 tas-sena 2011, fejn hemm imniżżel li twieldet nhar it-3 ta' Mejju 2011;[3]

Rat is-sentenza fl-ismijiet **A B pro et noe vs. E D et**, deċiża minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Mejju 2015, fejn ġie ddikjarat illi E D huwa l-missier naturali tal-minuri C D B;[4]

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti ddikjarat l-medjazzjoni bejn il-partijiet magħluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża ai termini tal-liġi;[5]

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar is-26 ta' Lulju 2016,[6] fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €500 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni;

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar il-5 ta' Marzu 2018,[7] fejn il-Qorti laqgħat it-tielet talba tal-konvenut u rriduċiet il-manteniment bin-nofs, u għaldaqstant ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[8]

Rat l-affidavit tal-konvenut;[9]

---

[3] Fol. 6.
[4] Fol. 8.
[5] Fol. 20.
[6] Fol. 48.
[7] Fol. 117.
[8] Fol. 135.
[9] Fol. 733.

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti eżebiti, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Perit Legali Dr Anna Mallia;[10]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia;[11]

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet tal-attriċi,[12] u n-nota responsiva tal-konvenut;[13]

Rat in-nota ta' kritika u sottomissjonijiet tal-attriċi għar-rapport peritali,[14] u kif ukoll dik tal-konvenut;[15]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[16]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI:**

1. **Eċċezzjoni Preliminari -** ***"ai termini ta' l-artikolu 158(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-attriċi biex tindika b'mod adegwat u skjett l-iskop tal-prova ta' kull xhud indikat minnha f'terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, taht sanzjoni ta' sfilz ta' l-istess lista ta' xhieda f'kaz li l-attrici ma tottemperax ruhha"*****:**

Din l-eċċezzjoni ġiet sollevata abbażi tal-fatt illi fil-lista tax-xhieda tal-attriċi, għalkemm din elenkat dawk ix-xhieda li beħsiebha tressaq fil-mori tal-kawża, skont il-konvenut hija naqset milli tiddikjara l-iskop tal-prova ta' kull xhud. Għaldaqstant il-konvenut eċċepixxa illi ai termini tal-Artikolu 156(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha tordna lill-attriċi sabiex tagħmel tali dikjarazzjoni.

[10] Fol. 77.
[11] Fol. 1653.
[12] Fol. 804.
[13] Fol. 852.
[14] Fol. 1701.
[15] Fol. 1756.
[16] Fol. 1700.

Jirrizulta illi din l-eccezzjoni giet irtirata mill-konvenut seduta stante fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022, u ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Fl-udjenza ta' nhar il-5 ta' Novembru 2020, ġie vverbalizzat illi:

*"Il-Qorti giet informata li l-partijiet ghalqu l-provi u jixtiequ jipprezentaw nota u l-attriċi ghandha tipprezenta n-nota taghha sal-ahhar ta' Novembru 2020 bil-visto ta' Dr. James D'Agostino li jkollu sal-15 ta' Jannar 2021 sabiex jipprezenta n-nota tieghu bil-vista ta' Dr. Cuschieri u wara da nil-Perit Legali diga giet awtorizzata tghaddi ghar-rapport".*[17]

Mill-atti jirriżulta illi l-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha nhar il-11 ta' Diċembru 2020,[18] li ġiet notifikata lill-Avukat tal-konvenut nhar il-11 ta' Jannar 2021.[19] Konsegwentament, il-konvenut ppreżenta n-nota responsiva tiegħu nhar il-21 ta' Jannar 2021,[20] fejn saħaq illi:

*"l-esponenti ma giex notifikat b'Nota tal-attrici mhux biss sal-iskadenza I kellha, u sahansitra gie notifikat il-konsulent legali tal-esponenti bin-nota attrici biss fil-11 ta' Jannar 2021 – 4 ijiem biss qabel jiskadi t-terminu tal-esponenti ghan-Nota resonsiva tieghu.*

*(…)*

5. *Illi peress li ma ottemperatx ruhha (ghal darb'ohra) ma' ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, inkwantu l-prezentata kjarament tardiva, u minghajr ma giet debitament notifikata, u peress illi dan gab lill-esponenti f'pozizzjoni ta' zvantagg u pregudizzju car, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe Nota li l-attrici ipprezenta tardivament, u apposta, stante li altrienti dan jippregudika l-pozizzjoni tal-esponenti".*[21]

---

[17] Fol. 803.
[18] Fol. 804.
[19] Fol. 848.
[20] Fol. 852.
[21] Fol. 853.

Jirriżulta li l-konvenut qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu li l-Qorti ma tieħux konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi stante *'it-tardivita' tal-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet'* u kif ukoll li *"in-notifika li saret nhar il-11 ta' Jannar 2021 ċjoe' 4 t'ijiem qabel kien jiskadi t-terminu mogħti lill-esponenti għan-nota responsiva tiegħu'*. Magħdud ma' dan, il-konvenut jisħaq illi l-kwistjoni kollha fl-interita' tagħha waslet lill-konvenut f'pożizzjoni ta' żvantaġġ u preġudizzju ċar. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq iż-żewġ kwistjonijiet ssollevati mill-konvenut hawn surreferiti:

i. L-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tardivament u dan bi ħdax-il (11) ġurnata, liema perjodu ma jistgħax jiġi kklasifikat bħala perjodu relattivament kbir. Naturalment fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li kien ikun idoneju kieku l-attriċi talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tippreżenta n-nota ta' osservazzjonijiet tagħha wara t-terminu stabbilit matul l-udjenza tal-5 ta' Novembru 2020 u dan, jekk xejn, bħala rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti. Madanakollu, il-Qorti tfakkar illi f'tali ċirkostanza *non si tratta* l-osservanza ta' termini perentorji stabbiliti fil-Kodiċi proċedurali nostrana li jirrikjedu li tali jiġu osservati *ad unguem*, hekk kif il-possibilita' li wieħed jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet toħroġ minn Artikolu 165 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jagħti d-diskrezzjoni assoluta lill-Qorti sabiex tistabbilixxi hi stess dak iż-żmien li fih għandha tiġi ppreżentata tali nota mill-parti kkonċernata. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi bl-istess mod, għandu jitħalla fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti li tiddeċiedi jekk nota li tkun ġiet ippreżentata tardivament għandhiex tiġi aċċettata *o meno*. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ma ġietx ippreżentata xhur wara t-terminu stabbilt mill-Qorti iżda ftit ġranet wara, din tal-aħħar ma tinsabx tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi għandha tippenalizza lill-attriċi u ma tieħux konjizzjoni tan-nota ppreżentata minnha;

ii. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-konvenut ġie notifikat bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi nhar il-11 ta' Jannar 2021. Madanakollu, il-Qorti tara illi minkejja l-fatt li fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2020 hija ordnat illi l-konvenut għandu sal-15 ta' Jannar 2021 sabiex jippreżenta n-nota responsive tiegħu, dan seta' jkun possibbli biss kieku l-partijiet

mxew bil-*visto* ta' xulxin. Fil-verita' u jekk wieħed jagħti ħarsa lejn Artikolu 166 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta illi l-liġi tipprefiġi li ż-żmien mogħti lill-parti l-oħra sabiex tippreżenta nota responsiva, *"jibda jgħodd mill-ġurnata tan-notifika tal-iskrittura li għall-preżentata tagħha l-qorti tkun tat il-permess".* Għaldaqstant u għalkemm il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jippreżenta n-nota responsiva tiegħu sal-15 ta' Jannar 2021, il-Qorti tara li fis-sitwazzjoni l-konvenut seta' jipprevalixxi ruħu mid-disposizzjoni tal-liġi hawn surreferita.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li r-raġunijiet mressqa mill-konvenut ma jreġux. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja kollox u fi kwalunkwe każ il-konvenut xorta waħda ppreżenta n-nota responsiva tiegħu u b'hekk ma jidhirx li dak allegat mill-konvenut kellu mis-sewwa, ċjoe' li ġie mitfugħ f'pożizzjoni żvantaġġjata u ġie ppreġudikat. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda twarrab il-pretensjoni tal-konvenut illi l-Qorti ma tieħux konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

## KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU:

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' riassunt tal-verżjoni tal-partijiet, tal-provi kollha mressqa minnhom u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

### 2. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Anna Mallia ġiet maħtura għal tali skop fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2017,[22] fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din żammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, hija kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

***Dokumenti esebiti:***

| | |
|---|---|
| *Dok RV1 a Fol 6* | *certifikat tat-twelid tal-minuri C D B* |

[22] Fol. 77.

| | |
|---|---|
| *Dok RV2 a fol 7* | *kopja legali tas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2015 fl-atti tal-kawza numru 129/2013/AL fl-ismijiet A B pro et noe v Dr E D et* |
| *Dok RV3 a fol 16* | *kopja legali tad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-31 ta' Mejju 2016* |
| *Dok RV4 a fol 21* | *kopja legali tal-itta ufficjali bin-numru 18/2016 ipprezentata fis-17 ta' Frar 2016* |
| *Dok MC a fol 33* | *kopja tal-ittra legali tat-22 ta' Frar 2016 b'risposta ghall-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2016 (esebita mar-rikors guramentat bhala Dok RV4)* |
| *Dok MC1 a fol 35* | *kopja tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontra l-konvenut* |
| *Dok RV1 sa RV4 fol 157et* | *l-komportament tal-konvenut qabel u meta l-attrici harget tqila* |
| *Dok RV5 sa RV7 fol 161et* | *dokumenti biex l-attrici turi li l-konvenut xtaqha taghmel abort* |
| *Dok RV8 a fol 164* | *dokument biex turi li l-konvenut beda joghbodha kif harget tqila* |
| *Dok RV9 a fol 169* | *dokument biex turi li ma kellha sapport mil-konvenut* |
| *Dok RV 10 a fol 170* | *dokument biex turi li l-konvenut ma kienx jinteressah la minnha u lanqas mit-tarbija* |
| *Dok RV 11 a fol 171* | *dokument biex turi l-kovenut kien qallha li huwa anke jekk jara mara tqila jhossu hazin* |
| *Dok RV 12 fol 172* | *dokumenti biex turi kemm il-konvenut kien jikkrea drammaticita u* |
| *Dok RV 13 fol 177* | *meta jibghtilha messaggi li jixtieq raqad u ma qamx u jittama li tahsibha bhalu u li skond l-attrici kien qed jirreferi ghal abort* |
| *Dok RV14 fol 178* | *dokument biex turi li l-konvenut ried li t-tifla tigi adottata* |
| *Dok RV15 fol 179* | *dokument biex turi li l-konvenut qallha li bil-kawza biex huwa jigi rikonoxxut bhala l-missier ma kienet ser tiehu xejn* |

| | |
|---|---|
| *Dok RV 16 fol 180* | *dokument biex turi li l-konvenu qallha li ghalxejn diehla l-Qorti u li jekk taghmillu hajtu infern l-istess jaghmlilha hu* |
| *Dok RV 17 fol 181* | *dokumenti biex turi li l-konvenut qatt ma ried jaf la biha u lanqas bit-tarbija ghax skond hu hi mmissha hadet hsieb l-affarijiet fil-bidu* |
| *Dok RV 18 fol 182 et* | *kopja tal-atti processwali tal-kawza numru 129.2013 AL deciza fis-26 ta' Mejju 2015 li permezz taghha l-konvenut gie dikjarat li hu missier il-minuri C* |
| *Dok RV 19 fol 252 et* | *rendikont ta' spejjez tal-attrici ghal minuri mis-sena 2011 sas-sena 2017* |
| *Dok A sa Dok U fol 649 et* | *rendikont ta' pagamenti li ghamlet l-attrici ghal minuri fil-klabb 5 -16* |
| *Dok RV 20* | *ma jirrizultax li giet esebita mill-attrici u li skond hi fl-affidavit taghha tghid li hija kopja tal-ittra ufficjali li hija baghtet lil konvenut* |
| *Dok MS1 a fol 746* | *tender li teghet l-attrici meta kienet ghadha tahdem mal-Gvern* |
| *Dok MS2 a fol 747 et* | *nota tal-eccezzjonijiet ta' tnejn mil-konvenut fil-kawza li ghamlet l-attrici kontra l-Bord tad-Dixxiplina, l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjoni Industrijali* |
| *Dok MS 3 fol 759* | *messaggi what's App bejn l-partijiet sabiex il-konvenut jkollu access ghal minuri* |
| *Dok MS4 fol 796* | *ittra li l-avukat tal-konvenut baghat lill-attrici jirrispondi ghall-ittra ufficjali li baghtitlu l-attrici fit-22 ta' Frar 2016 u li fiha talabha tressaq proposti ta' manteniment u access ghal minuri* |

*<u>Seduta 26 ta' Mejju 2017</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok JB1 u JB2* | *employment history sheet tal-partijiet* |
| *Dok HSBC (1) sa HSBC (4)* | *erba kontijiet fuq isem il-konvenut* |
| *Dok A1 sa A 8* | *kopja tal-hatra tal-konvenut bhala President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li dehret fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern, u l-FS3 tal-konvenut ghas-snin 2013 sa 2016 u payslips ta' Jannar 2017, Frar 2017 u Marzu 2017* |

*<u>Seduta 14 ta' Gunju 2017</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok RN* | *rendikont tad-dhul tal-konvenut bhala legal adviser Regjun Nofsinhar bejn Lulju 2013 sal-ahhar ta' Gunju 2014, prosekutur mat-Tribunal tal-istess Regjun ghal Mejju 2015 biss.* |
| *Dok KM* | *dokument li juri li l-konvenut huwa membru fil-Board of Management Conservatorio Vincenzo Bugeja u li dhul minn din il-kariga m ghandu xejn* |
| *Dok MSE1 u MSE2* | *dokument li juri li l-partijiet ma ghandhom xejn mal-Malta Stock Exchange* |
| *Dok Banif 1 sa Banif 3* | *zewg kontijiet u credit f'isem l-attrici* |
| *Dok APS1 u APS2* | *zewg kontijiet f'isem l-attrici llum it-tnejn maghluqin* |
| *Dok Bov1 sa Bov 6* | *sitt kontijiet f'isem l-attrici* |
| *Dok HSBC 5 sa HSBC 7* | *tlett kontijiet f'isem l-attrici* |

*<u>Seduta l-1 ta' Marzu 2018</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok AC1* | *swimming pool application dwar il-minuri u hlas ta' 96 ewro rigward l-istess* |
| *Dok AC2* | *entrata fil-ledger li turi li sar dan il-pagament* |
| *Dok SS1 u SS2* | *hlas ta' child care fi Stepping Stones Child Care ghal minuri fis-sena 2013 u 2014* |

*<u>Seduta 13 ta' Gunju 2018</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok BZ1* | *estratt mil-kuntratt tal-konvenut mal-Agenzija ghall-Ghajnuna Legali* |
| *Dok BZ2* | *salarju tal-konvenut, d-data tal-kuntratt u sommarju tas-salarju tieghu* |

*<u>Seduta 8 ta' Lulju 2018</u>*

| | |
|---|---|
| *Dok MA1* | *rendikont tal-pagamenti li irceta l-konvenut mit-Tezor* |
| *Dok MA2 sa MA 25* | *cheque images ta' dawn il-pagamenti.* |

*Seduta 5 ta' Frar 2020*

| | |
|---|---|
| *Dok MC* | *It-tlett kumpaniji registrati fejn l-attrici ghandha ishma u l-FS3 tal-attrici ghas-snin 2017 u 2018 u l-payslip tal-attrici ghal Dicembru 2019* |

*Seduta 15 ta' Ottubru 2020*

| | |
|---|---|
| *Dok RVV* | *Prospett guramentat prezentat mill-attrici tal-ispejjez li ghandha kull xahar ghal minuri* |

***Provi attrici***

*L-attrici fl-affidavit taghha a fol 36 et taghti rendikont tar-relazzjoni mal-konvenut u kif kellha taghmel kawza biex l-konvenut jigi rikonoxxut bhala missier liema kawza giet deciza fis-26 ta' Mejju 2015.*

*Hija tghid li la waqt it-tqala u lanqas wara li twieldet it-tifla l-konvenut qatt ma ha interess f'bintu. Hija kienet tmur kullimkien wahedha kemm ghal visti ghand il-gynaecologist u anke meta weldet l-isptar b'cesarja. Spejjez kollox hi harget. Wara li weldet it-tifla maret toqghod ghand habiba taghha F minhabba sahhitha u meta marret lura d-dar F kienet tmur tghinna fix-xoghol tad-dar u dan ghamlitu ghal xi tlett xhur. Hija wara l-isptar marret tghix Marsascala fil-flat li kienet kriet waqt it-tqala minhabba li fejn kienet toqghod il-Gharghur kien appartament it-tieni sular u lift ma kienx hemm. Ta' dan ix-xoghol bejn Mejju, Gunju u Lulju 2011 hija halsitha.*

*Hija tghid li huma kienu jaghmlu kollox flimkien u jmorru okkazjonijiet flimkien. Hija tispjega kif il-komportament tal-konvenut inbidel minn meta ghal habta ta' Awwissu 2010 hija gharfitu li hija tqila. U li minn dakinhar l-konvenut inbidel u ried li hija taghmel abort. Huwa ma ssaportjaha xejn la fit-tqala u lanqas wara fit-trobbija tat-tifla u li meta kien jara mara tqila huwa kien jitmerriha. Anke waqt it-tqala hija tghid li l-konvenut baqa rrabjat u ahdar lejha u kien jakkuzaha li kienet persuna egoista. Hija xehdet li l-konvenut anke heddidha li jekk iccempillu d-dar tieghu huwa ser jaghmel rapport l-ghassa u li anke jekk taghmel kawza ghal paternita ma tkun hadet xejn. Meta kellha t-tarbija huwa riedha taghti t-tifla ghall-adozzjoni.*

*Id-dokumenti esebiti mill-attrici mal-affidavit taghha sabiex tissostanzja dan juru wkoll li l-konvenut jghid li huwa qatt ma ried tfal u li anke hija kien qablet li tfal bejniethom ma jkunx hemm.*

***Arretrati spejjez manteniment***

*Fl-affidavit taghha l-attrici prezentat din il-lista ta' spejjez:*

*Rendikont tal-ispejjez li hija inkorriet ghal minuri mis-sena elfejn u hdax (2011) sas-sena elfejn u sbatax (2017);*

*Rendikont iehor ta' spejjez mis-sena 2016 sa Lulju 2016 cioe sa meta hareg l-ewwel digriet dwar il-manteniment fis-26 ta' lulju 2016 u spejjez ohra li hija kellha thallas ghat-tifla fis-sena 2017;*

*Rendikont ta' spejjez li hija ghamlet matul it-tqala;*

*Spejjez li ghamlet bi preparamenti ghat-twelid tat-tifla;*

*Kera ta' appartament li kellha tikri minhabba li fejn kienet toqghod gewwa l-Gharghur kien flat it-tieni sular u kien minghajr lift. Dan kellha taghmlu fuq parir tat-tobba li qalulha biex tevita t-tarag minhabba li t-tifla kienet ser titwieled b'cesarja;*

*Pagament lil habiba taghha Yvetti minn Mejju sa Lulju 2011 talli kienet tmur tghinha;*

*Spiza ohra kienet ta' li stem cells li hija prezervat lil bintha;*

*Spejjez ta' hwejjeg sas-sena 2011;*

*Spejjez ta' toiletries bhal creams, bubble baths u bzonnijiet ohra tat-trabi u detergents, wipes u tissues;*

*Hrieqi mis-sena 2011 minn meta twieldet il-minuri sas-sena 2015;*

*Spejjez ta' ikel;*

*Gas biex issajjar u ssahhan id-dar;*

*Cable u internet;*

*Gugarelli;*

*Spejjez ancillari;*

*Servizz ta' child care;*

*Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 xehed Zak Ellul Bonici in rapprezentanza ta' Stepping Stones limited u spjega li Stepping Stones huwa child care centre u li bejn 2012 sa 2014 l-minuri kienet tattendi c-child care centre mis-sena 2012 u l-hlas ta' 1075 ewro sar fis-sena 2013 u l-hlas ghas-sena 2013 sar fil-binu tas-sena 2014 u kien ta' 1040 ewro u ebda hlas iehor ma sar;*

*Spejjez edukattivi;*

*Spejjez ta' klabb 3-16;*

*Xiri ta' tablet u laptop;*

*Spejjez extra – kurrikulari – tricycle, scooter u rota, korsijiet tal-ghum, membership f'Lido kull sajf;*

*Spejjez ta' kors ta' zfin u drama;*

*Spejjez ta' sahha.*

*Mid-data tad-digriet tas-26 ta' Lulju 2016 sas-sena 2017 l-ispejjez inkorsi mill-attrici kienu dawn:*

*Hrug f'muzewijiet u affarijiet kulturali u safar;*

*Hrug ta' passaport u ritratti;*

*Lejl f'lukanda nhar il-Milied u mawra u soggorn Kemmuna;*

*Xiri ta' presepju u pasture;*

*Spejjez tal-festin tal-Maghmudija u f'eghluq snienha;*

*Spejjez inkorsi ghal-licenzja tas-seqan u l-polza ta' assigurazzjoni u petrol;*

*Spejjez ta' sahha;*

*Spejjez ta' babysitting minhabba safar fuq xoghol mill-attrici u zewg drabi oha fejn kellha bzonn thalli lit-tifla mal-babysitter F;*

*Spejjez tal-kawza li ghamlet sabiex l-konvenut jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri.*

*Hija tghid fl-affidavit taghha a fol 151 li spejjez mis-sena 2011 sas-sena 2017 ghamlet kif gej:*

*Sena 2011 - €24,475.51*
*Sena 2012 - €19,091.74*
*Sena 2013 - €21,089.91*
*Sena 2014 - €21,963.39*
*Sena 2015 - €22,605.07*
*Sena 2016 - €13,289.89 sa Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u €8,453.63 ghax- xhur ta' Awissu, settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru tas-sena 2016*
*Sena 2017 - €20,902.93c*

*Total €151.872.07 u ghalhekk hija tipprezenta n-nofs cioe €75,936.04. Hija prezentat rendikont ta' dawn l-ispejjez Dok RV19.*

*Dwar ir-raba, hames, sitt, seba u tmien talbiet l-attrici fl-affidavit taghha tghid a fol 153 li dawn jirrigwardaw l-manteniment. L-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri u huwa obligat ihallas manteniment. Hija tichad li esagerat f'dawn l-ispejjez. Hija spjegat ukoll li qed titlob arretrati ta' manteniment qabel id-digriet u spejjez ohra li ghamlet kemm wara l-ewwel digriet u kemm wara t-tieni digriet u dan ghax l-ispejjez dejjem jikbru. Hija tghid li l-konvenut dejjem oggezzjoni li jhallas arretrati ta' manteniment minn qabel ma huwa gie dikjarat li huwa l-missier naturali tal-minuri u hija tinsisti li tali spejjez huma dovuti minn meta hija harget tqila bit-tifla.*

***Provi konvenut***

***Fl-affidavit tieghu l-konvenut fol 734 et** kkonferma li huwa missier il-minuri C B (ma jaghtix il-kunjom tal-minuri D B), u jikkonferma li kellu relazzjoni mal-attrici. Huwa jghid li ma kienx ser jinhela fuq ir-relazzjoni li kellu mal-attrici kif ghamlet hi fl-affidavit taghha izda jghid li t-tnejn li huma uzaw kliem iebes lejn xulxien. Huwa spjega l-attitudni pessima u aggressiva tal-attrici kemm waqt il-medjazzjoni u kif ukoll l-abbozz li riedet sabiex jaslu f'kuntratt dwar il-minuri u li hija ma riedet tinnegozjah b'xejn.*

*Huwa jghid li l-attrici tridu jhallas ukoll l-ispejjez personali tieghu; li hija tosta u ppruvat taghti stampa li huwa ghandu hafna introjtu li mhux il-kaz.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu spjega fejn ma jaqbilx mal-ispejjez li l-attrici qed tghid li ghamlet u spjega li l-attrici ghandha mezzi biex tghix u tghajjex lil minuri tant li ghandha farmhouse Ghawdex li tinkera, li riedet tixtri sehem huha ta' appartament bil-prezz ta' €97,700, li ghandha shares fil-kumpanija Vittoria Suites Limited u fil-kumpanija Venscic Limited u giet sospiza mix-xoghol fejn kienet tahdem mad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrjali ghax applikat ghal tender meta dan ma setghatx taghmlu. Huwa jghid li ma ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tat-tifel li sussegwentement l-attrici kellha minn haddiehor.*

*In kontro-ezami (seduta 15 ta' Ottubru 2020) il-konvenut xehed li huwa veru li huwa ma accettax lit-tifla mil-bidu nett. Mistoqsi x'kien il-kliem iebes da parti tal-attrici l-konvenut wiegeb li dawn saru b'emails li ma ghadhomx ghandu. Skond hu l-attrici trid il-pound of flesh ghax ghamlitlu sekwestru ma' Lia Football Club. Huwa jammetti li sad-digriet tal-Qorti huwa ma hallas xejn manteniment u dwar l-arretrati huwa lest li jghaddilha hamsa u tletin elf ewro (€35,000) u mhux hamsa u sebghin elf ewro (€75,000 li qed titlob l-attrici u dan ghax hemm spejjez li ma jaqbilx maghhom kif diga spjega fl-affidavit tieghu. Huwa jaf li manteniment ghandu jhallas mit-twelid u kienu anke baghtu proposti lill-attrici izda hija ma accettatx u baqghet ma qaltlux kemm qed tippretendi manteniment. Huwa jammetti wkoll li spejjez sahha u edukazzjoni qatt ma hallas xejn u dan ghax meta kien isaqsiha ghal spjegazzjoni tal-ircevuti l-attrici ma kienetx taghti kaz u l-attrici ghamlet kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar dwar dawn l-ispejjez. Huwa jghid li l-ispejjez tal-kawza tal-paternita hallashom.*

*Dwar l-access huwa jispjega li rikors tal-access ma ghamilx ghax kellhom ftehim bejniethom li sar quddiem il-perit legali u mistoqsi jghid li huwa ma jridx jara lit-tifla l-konvenut cahad dan u xehed li huwa jibghatilha biex jiltaqghu izda l-attrici ma tirrispondiehx. Huwa jammetti*

*li l-iskola qatt ma mar isaqsi dwar it-tifla. Huwa spjega ghalfejn certu items ma ghandux ihallashom u dan ser jigi spjegat fit-talba dwar hlas ta' arretrati ta' manteniment.*

*Il-perit legali hadet konjizzjoni wkoll tan-nota tal-osservazzjonijiet ipprezentata minn kull parti.*

*Ikkunsidrat*

***L-ewwel talba attrici: Kura u kustodja***

*Fl-ewwel talba taghha l-attrici qed titlob sabiex din il-Qorti joghgobha tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C D B unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti A B.*

*Fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut jeccepixxi li fil-mertu ma hemmx oggezzjoni li l-kura u kustodja effettiva tkun f'idejn l-attrici purche cejn jidhlu kwistjonijiet ta' sahha u edukazzjoni d-decizjonijiet jittiehdu b'mod kongunt;*

*Permezz ta' digriet a fol 55 tas-26 ta' Lulju 2016 din l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici u hatret lill-attrici bhala kuratrici ad litem sabiex tirrapprezenta lil minuri bintha C D B f'din il-kawza.*

*A fol 152 fl-affidavit taghha l-attrici tikkontendi li din ghandha tkun unikament u esklussivament f'idejha u dan ghax il-konvenut ma jiehu interess f'xejn fit-tifla. Veru Ii l-konvenut mhux qed joggezzjona ghal dan izda huwa jrid li decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu b'mod kongunt. Izda hija ma taqbilx u dan ghax l-konvenut qatt ma impurtah mit-tifla u decizjonijiet tant important ma jistghux jithallew f'idejh ghaliex zgur jew ma jikkomunikaw jew laqla xi kwistjoni u b'hekk it-tifla tbaghti.*

*Ghal dawn is-snin kollha d-decizjonijiet hadithom hi wahedha u l-konvenut qatt ma impurtah. Fol 153. Hija pprezentat chats u messaggi li skond hi baghtielha l-konvenut jghidilha biex taghmel abort u li meta twieldet it-tifla qallha biex jaghtuha ghall-adozzjoni.*

*Fl-affidavit a fol 232 et li l-konvenut pprezenta fil-kawza li l-attrici ghamlet sabiex il-konvenut jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija, (kawza 19/13 AL) xehed li sar jaf lill-attrici u tkelmu fuq facebook l-ewwel darba lejn l-ahhar ta' gunju 2010 fi jumejn jew tlett ijiem qabel il-fl-affidavit tieghu a fol 232 il-konvenut jghid li iltaqa mal-attrici fuq facebook xi erbat ijiem qabel birthday fit-28 ta' Gunju. Li Ghawdex maghha darba mar u li ma siefer qatt maghha. Huwa jghid li ma kienux f'relazzjoni tant li baqa johrog mal-hbieb rgiel u nisa.*

*Darba fis-27 ta' Gunju 2010 kien mistieden tieg u ma kellux ma min imur u saqsha lilha, kellu tieg tal-familja fit-2 ta' Lulju 2010 u ma kienx stedinha u kellu okkazjonijiet ohrajt ta' tigijiet, ikliet u okkazzjonijiet ohra simili li lilha ma kienx jghidilha. Kien zmien il-World Cup tas-sena 2010 u zgur li ma kienux jiltaqghu flimkien. Fl-10 ta' Lulju 2010 marru tieg flimkien u dakinhar qallha li ma riedx li jiltaqghu aktar izda hi ma rieditx taf u bdiet iccempillu biex jirrangaw l-affarijiet.*

*Huwa jammetti li gieli kellhom x'jaqsmu flimkien li hija qaltlu li hija allergika ghal latex izda taf x'inhi taghmel u mhux ser tinqabad tqila. Huwa jghid li d-diskors ta' bejniethom kien car – li r-relazzjoni taghhom kienet biss wahda kazwali u ma hemmx futur f'din ir-relazzjoni. Meta qaltu li ma kienetx baqghet tghodd il-granet tal-period/menstrual cycle huwa avzaha biex toqghod attenta. Meta qaltlu li hija tqila fl-24 ta' Awissu 2010 huwa hassu ingannat. Huwa jichad li qallha biex taghmel abort anzi jghid li kienet l-attrici li kienet qed tikkunsidra li taghmel dan meta saret taf li hija tqila. Kienet hajritu japplika ghal xoghol fl-Ufficju tal-Avukat Generali ghax qaltlu li hemm persuna jista jghinu u qaltlu wkoll li 'ghandu bzonnjahdem halli jkollok il-flus x'ittini'. Huwa dejjem baqa konsistenti li ma riedx relazzjoni serja jew stabbli maghha u ma riedx tfal minnha. Huwa jghid li kienu qablu biex jaghmlu karta li hadd ma jfittex lil hadd izda hija qaltlu li trid tahseb fuqha. Huwa jammetti li komunikazzjoni bejnu u bejn l-attrici dwar it-tifla hija impossibbli. U jammetti wkoll li komunikazzjoni bejn il-genituri rigward it-tifla hija importanti. Huwa jammetti li ma riedx jirrikonoxxi lil minuri kemm ghax ma kienx cert li hija minn tieghu u kif ukoll li t-tarbija gabitha fid-dinja b'decizjoni unilaterali taghha.*

*Illi in vista li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni li l-attrici tigi fdatha l-kura u kustodja tal-minuri din it-talba attrici ghandha tigi milqugha.*

***It-tieni talba attrici – decizjoni dwar sahha u edukazzjoni tal-minuri***

*Dwar it-tieni talba taghha cioe li hija tigi awtorizzata wahedha li tiehu kwalunkwe decizjoni rigward il-minuri inkluz dawk ta' sahha u edukazzjoni, hija tispjega li din it-talba hija gustifikata ghax hija biss dejjem hadet hsieb it-tifla u l-konvenut meta qed joggezzjoni qed iqis l-interessi tieghu biss. Fol 153.*

*Il-konvenut fir-risposta guramentata tieghu jopponi ghal din it-talba u dan a bazi ta' spejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri. Difatti huwa jghid hekk: Illi in kwantu ghat-tieni talba, din qed tigi opposta – kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza l-attrici diga pprovat tabbuza fl-ispejjez li ppretendiet mill-eccepjenti u ghaldaqstant anke sabiex jigu protetti l-interessi tal-istess eccepjenti, l-atttrici m'ghandhiex ikollha carte blanche tiddeciedi wehidha dwar infieq f'kwistjonijiet ta' sahha u edukazzjoni.*

*Il-konvenut fol 742 jghid li huwa ma ghandux oggezzjoni li decizjonijiet ta' kuljum rigward il-minuri tehodhom l-attrici izda decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu mil-partijiet konguntivament ghax bhala missier ghandu dritt jippartecipa fuq kwistjonijiet importanti f'hajjet it-tifla.*

*Il-perit legali tifhem lill-attrici meta tghid li jekk toqghod tistenna lil konvenut biex jaghti l-kunsens tieghu jispiccaw dejjem il-Qorti. Minn naha tal-konvenut l-oppozizzjoni tieghu ma kienetx dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri per se izda tikkoncentra biss dwar spejjez tal-istess ghax jekk lill-attrici jaghtiha carte blanche li dawn id-decizjonijiet tehodhom wahedha hija tibda ttellghalu spejjez bl-addocc u huwa jkun qieghed prezenti biss biex ihallas il-kontijiet.*

*Il-perit legali tifhem l-inkwiet taz-zewg partijiet fir-rigward u hija tal-fehma li l-manteniment tal-minuri ghandu jinkludu wkoll l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri anke tenut kont li l-konvenut minkejja d-digriet li permezz tieghu huwa gie ordnat li jhallas lill-attrici nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha, minhabba li huwa ma qabilx mal-ircevuti jew ghax l-attrici ma ghadditlux l-ircevuti kollha u ma taghtux spjegazzjoni taghhom wassal biex l-attrici bdiet kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.*

*<u>Ghaldaqstant il-perit legali hija tal-fehma li d-decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandha tehodhom esklussivament il-attrici b'dan li:</u>*

a. *L-attrici ghandha tinforma lil konvenut bl-isem tal-iskola fejn tattendi l-minuri;*
b. *Il-konvenut ikollu access ghall-informazzjoni dwar il-minuri minghand id-dirigenti tal-iskola u mill-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti dwar l-istess minuri;*
c. *Li l-attrici ghandha tinforma lil konvenut jekk il-minuri tkun ma tiflahx jew tkun rikoverata l-isptar;*
d. *Li l-awtoritajiet tal-isptar ghandhom ihallu lil konvenut fejn il-minuri tkun rikoverata jara lill-istess minuri;*
e. *Li l-konvenut ikun jista jattendi l-Prize Day's u Parents Day tal-minuri;*
f. *Li l-konvenut ikun jista jitlob informazzjoni dwar il-minuri minghand l-ghalliema tal-attivitajiet extra-kurrikulari taghha jekk ikun il-kaz.*

***It-tielet talba attrici – decizjoni dwar setghat ta' genitur***

*Dwar it-tielet talba sabiex l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha tas-setgha ta' genitur hija tghid li din ghandha tintlaqa ghax jezistu l-estremi kontemplati mil-ligi u b'mod partikolari huwa naqas ghal kollox milli jiehu hsieb, imantni, jghallem u jeduka t-tifla taghhom. Fol 153.*

*Illi l-konvenut eccepixxa dan li gej: Illi in kwantu ghat-tielet talba, ma jezistux l-estremi biex titnehha l-patria potestas mill-konvenut, u dan 'fis-suprem interess tal-minuri' u ghaldaqstant din it-talba qed tigi opposta;*

*A fol 742 l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li ma kienx huwa li waqqaf il-komunikazzjoni mat-tifla izda kienet l-attrici li ma baqghetx twiegeb ghall-messaggi fuq l-Whatsapp biex jara t-tifla waqt din il-kawza u skond hu kumbinazzjoni dan sehh meta l-Qorti rriduciet il-manteniment.*

*Huwa pprezenta numru ta' chats biex juri li ma kienx tort tieghu li ma ltaqghax mat-tifla izda t-tort huwa imputabbli lill-attrici li dejjem sabet xi skuza jew ohra biex thallih jara lit-tifla.*

*Fl-affidavit a fol 742 jispjega li mhux minnu li meta kellu l-access mat-tifla huwa qaghad jinterroga lit-tifla u lit-tifla la bikkiha u lanqas qallha li ghandha isem ikrah u ghajjarha kif allegat l-attrici f'pagna 20 tal-affidavit taghha.*

*Huwa jammetti li t-tifla lilu ma tafux u li ma ghamel ebda tentattiv biex l-Qorti tiffissa granet u hinijiet tal-access fol 741, izda fl-eccezzjonijiet tieghu huwa talab l-Qorti taghti direttiva xorta wahda fuq l-access tat-tifla "fl-ahjar interess taghha".*

*Il-ligi taghna tipprovdi meta l-Qorti ghandha tnehhi s-setgha ta' genitur min idejn genitur u dan permezz tal-artikolu 154 tal-Kap 16. L-attrici qed tibbaza t-talba taghha ai termini tal-artikolu 154 (e) tal-Kap 16 u tghid li din it-talba qed taghmilha ghax hija rabbiet it-tifla wahedha u l-konvenut qatt ma impurtah mit-tifla.*

*Illi **Artikolu 154 tal-Kap 16** jipprovi illi:*

*(1) Bla hsara ta' kull piena ohra li ghaliha jista jkun suggett skont il-ligi, il-genitur jista jigi mnehhi mil-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgha tal-ġenituri, jew minn bicca minnhom, f'kulll wiehed mil-kazijiet li gejjin:*

*(e) jekk il-genitur jonqas li jaqdi xi wiehed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*(2) Madankollu, l-qorti tista, ukoll fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) terga tqieghed lill-genitur fl-ezercizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu jekk ma tibqax ir-raguni li ghaliha tkun telfitu dawk il-jeddijiet."*

***Artikolu 3B tal-Kodici Civili** jitratta dwar id-dmir tal-mizzewgin lejn l-ulied li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied.... u dan bla hsara ghall-obbligi tal-genituri naturali tal-wild u f'kull kaz bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 149.*

***Artikolu 7 (1) tal-Kodici Civili jistipula:** Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici.*

***Artikolu 149 tal-Kap 16** jaghti setgha tal-Qorti li taghti ordnijiet minkejja dispizizzjonijiet ohra li jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.*

*Illi kif dejjem gie ritenut l-interess tal-minuri huwa suprem f'dan il-kaz u dan kemm fil-kaz li jirrigward l-kura u kustodja kif ukoll is-setghat tal-genituri.*

*Illi fuq is-suggett ta' kura u kustodja, jinghad li kienu hafna s-sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati. Illi fis-sentenza moghtija minn Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Susan Ellen Lawless vs Il Recerendo George Lawless deciza 8.12.1858 (Vol I, 180**) inghad illi "la cura ed educazione dei figli nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra I conjugi che si riconescera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli avuto riguardo alla loro eta ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediment che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli. " (vide ukoll John Cutajar vs Amelia Cutajar Prim Awla 8.1.1956 Vol XL.II.714; Giuseppe H vs Maria H pro et nor Prim Awla 31.5.1958 Vol XLII.ii.1068, Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa Prim Awla 10.6.1964 Vol XLVIII.ii.1033 u Monique Grecula vs Ronald Allen Grecula Prim Awla 6.3.2002.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Joseph Portelli** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 1994 il-Qorti rriteniet li f'certa kazijiet l-Qorti tista tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu u li "fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru*

*finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjonit taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata." (principju stabilit fil-kawza* ***Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et no Appell Civili 27.10.1995 -LXXIX.ii.624).***

*Id-decizjoni ghalhekk ma ghandhiex tkun imsejsa fuq x'jaqbel lil parti izda x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Hafna draba tali talbiet isiru proprjament biex genitur jigi eskluz mit-trobbija ta' wliedu u qed nispicca sfortunatament bi tfal jitrabbew bhala iltiema meta ghandhom iz-zewg genituri ghadhom hajjin.*

*Ghal dak li jirrigwarda kura u kustodja l-perit legali thoss li ghandha tissottolinea x'qalet il-Qorti tal-Appell fil* ***Sylvia Melfi vs Philip Vassallo Qorti tal-Appell 25.11.1998 f****ejn dik l-Onorabli Qorti qalet illi:*

*"In this case the court must do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.*

*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective o the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

*Mil-provi jirrizulta li t-tifla tal-partijiet giet bi zball: il-konvenut irrabjat ghax l-attrici dahqet bih meta qaltlu li hija toqghod attenta u inqabdet tqila u l-attrici irrabjatha ghal konvenut ghax meta inqabdet tqila abbunaha u meta weldet lil minuri baqa ma jridx la jaf biha u lanqas bit-tifla tant li kellha taghmel il-kawza sabiex t-tifla tigi dikjarata bint il-konvenut. U t-tifla f'dan kollu ma tahti xejn. L-affidavit tal-konvenut a fol 233 jispjega dan.*

*Illi galardaba l-konvenut ma hux qed joggezzjona li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdatha lil attrici u mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 154 jirrizulta mil-provi li l-konvenut naqas li jaqdi xi wiehed mill-obbligi imsemmija fl-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta cioe li jiehu hsieb, imantni u jeduka lill-bintu ghalkemm ghal manteniment kellu jistenna digriet tal-Qorti biex jibda jghaddi manteniment ghal bintu u dwar l-access baqa jgib l-iskuza li qed jaghmel din it-talba fil-kawza u qed jistenna l-ezitu ta' din il-kawza biex jibda jara lil bintu. Bhal dak li qallu ma jafx il-konvenut ta' bniedem ta' skola li hu li kull gurnata li tghaddi hija giljottina fuq rasu ghax aktar il-minuri tkun kull gurnata qed jitqbieghed minnu.*

*Ghaldaqstant hija l-fehma tal-perit legali li tali talba ghandha tintlaqa u meta l-konvenut jaghmel sforz sew anke permezz ta' phsycological sessions bejnu u bejn bintu u omm bintu l-attrici u skond l-istess artikolu 154 tal-Kap 16 u jibda relazzjoni mat-tifla tali setgha tal-genitur a bazi tal-artikolu 154(6) tal-istess Kap jista jerga jitqieghed lilu fl-ezercizzju tal-jeddijiet li jkun tilef jekk ma tibqa ir-raguni li ghaliha tkun telfitu dawk il-jeddijiet.*

***Ir-raba talba attrici – Jigi stabilit il-manteniment ghal minuri***

*F'din ir-raba talba l-attrici qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-konvenut lill-esponenti A B ghall-htigijiet tal-minuri C D B, liema retta alimentari tkun rivedibbli minn zmien ghal zmien skond il-modalitajiet illi jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha;*

*Il-konvenut eccepixxa kif gej: Illi in kwantu ghar-raba talba fic-cirkostanzi jigi eccepit li kwalunkwe manteniment dovut mill-eccepjenti ghandu jiddekorri mid-data li huwa gie rikonoxxut bhala missier minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta, ossia mis-26 ta' Mejju 2016;*

*L-attrici in kontro-ezami (seduta 26 ta' Novembru 2019) tispjega li mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar u nofs spejjez edukazzjoni u sahha mhux bizzejjed u barra l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni hija xtrat pjanu lit-tifla thallas lezzjonijiet ta' pjanu u obligat ruhha li tipprezenta prospett tal-ispejjez li ghandha kull xahar. Hija qed titlob hames mitt ewro (€500) fix-xahar u nofs spejjez edukazzjoni u sahha u tghid li €500 fix-xahar tridhom ghall-ikel biss. Mentri fl-attrici fl-affidavit taghha qed tippretendi €700 fix-xahar u li skond il-konvenut a fol 736 dan huwa ammont esagerat ghax spejjez ta' €1400 fix-xahar zgur li ma ghandhiex ghal minuri. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 l-attrici taghmilha cara li s-somma ta' €500 li qed tippretendi bhala manteniment ghat-tifla ma jinkludix l-ispejjez taghha personali u tat-tifel li hija ghandha minn G H u tghid li t-tifel missier jmantnih u jmantni wkoll lit-tifla tal-konvenut.*

*A fol 48 b'digriet ts-26 ta' Lulju 2016 din il-Qorti ordnat lil konvenut ihallas manteniment ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar bhala manteniment ghal minuri, oltre nofs l-ispejjez ghas sahha u edukazzjoni taghha.*

*A fol 117 din il-Qorti permezz ta' digriet tal-5 a' Marzu 2018 irriduciet l-ammont ta' manteniment ghal mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.*

*A fol 155 l-attrici tghid li anke meta l-manteniment gie ridott xorta wahda l-konvenut ma onorahx u kien hemm diversi drabi fejn hija kellha tmexxi bil-pulizija u li sal-lum il-konvenut ghadu ma jimpurtahx minn bintu.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu fol 735 jghid li skond hu l-attrici trid li huwa jhallas l-ispejjez personali taghha u tat-tifel li sussegwentement kellha minn haddiehor.*

*Fl-affidavit tieghu l-konvenut a fol 738 jghid li minn Awissu 2016 sa' April 2020 huwa ghadda s-somma ta' €16,000 f'manteniment lill-attrici u ghalhekk mhux minnu meta l-attrici tghid li huwa qatt ma ghaddielha manteniment. L-attrici tammetti li arretrati ta' manteniment ma hemmx mindu hareg id-digriet u li l-manteniment jithallas permezz ta' standing order mil bank. (seduta 28 ta' Novembru 2019).*

*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 l-attrici prezentat prospett tal-ispejjez li ghandha dwar il-minuri:*

*Spejjez ta' ikel: €675.58c fix-xahar*
*Spejjez ta' toiletries: €70.27c fix-xahar*
*Spejjez outing, transport, water, electricity and internet bills: €376.50c monthly*
*Clothing: €124.53 monthly*
*Total ta' spejjez li l-attrici tghid li ghandha huwa ta' €1237.88c fix-xahar.*

*Il-konvenut anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, baqa jinsisti li l-manteniment ghandu jibqa kif imhu cioe ta' €250 fix-xahar u nofs l-ispejjez u edukazzjoni.*

Introjtu tal- attrici

*L-attrici in kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019 xehdet li hija tahdem mad Dipartiment tal-Agrikoltura bhala Manager II u income tax returns hija ma timliex u l-FS3 tista tipprezenta. Hija tammetti li ghandha proprjeta gewwa Ghawdex u hija ko-proprjetarja ma haddiehor u li ma tinkeriex.*

*Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020 l-konvenut pprezenta Estratt mill-Malta Business Registry sabiex jipprova li l-attrici hija shareholder fis-socjeta Venscic Limited u fis-socjeta Vittoria suites Limited u fiz-zewg kumpanija ghandha l-istess numru ta' shares daqs ix-shareholder l-iehor G H. Huwa pprezenta ukoll fl-FS 3 tal-attrici ghas-snin 2017 u 2019 li minnhom jirrizulta li f-sena 2017 l-attrici qalet paga gross ta' €26426.500 u fis-sena 2018 hija kellha paga gross ta' €27130.54c. Il-konvenut pprezenta wkoll l-paylsip tal-attrici ghax-xahar ta' Dicembru 2019 li minnhom jirrizulta li hija ghandha paga gross ta' €2120.62 u netta ta' €1639.50c.*

*Mill-employment history sheet tal-attrici (seduta 26 ta' Mejju 2017 jirrizulta li l-attrici meta twieldet it-tifla fit-3 ta' Mejju 2011 kienet impjegata mad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrjali filwaqt li l-konvenut kien self employed mill-1 ta' Frar 2009 sat-2 ta' April 2017 u mit-3 ta' April 2017 beda full time bhala Kap tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali.*

*Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 in kontro-ezami l-attrici li hija proprjeta Ghawdex flimkien ma' haddiehor u li ma ghandha ebda introjtu minn dawn iz-zewg kumpanija Vittoria Suites Limited u Venscic Limited u spjegat li dawn iz-zewg kumpaniji inholqu ghax hekk kien hemm bzonn u li dawn ma ghandhom ebda konnessjoni mal-proprjeta ta' Ghawdex.*

***G H (seduta 3 ta' Marzu 2020)*** *jammetti li huwa azzjonist fil-kumpanija Vittoria Suites Limited u fil-kumpanija Venscic Limited u spjega li Vittoria Suites Limited ma taghmel xejn filwaqt li l-kumpanija l-ohra tinnegozja izda kuntratt tal-Gvern huma mhux jiehdu ghax l-attrici hija azzjonisti u xi hadd qed jaghmililha l-hsara. Dividends minn din il-kumpanija ma jiehdux. Huwa jammetti li l-farmhouse hija reklamata bhala Vittoria Living u l-kumpanija la hi tieghu u lanqas tal-attrici u lanqas ta' Vittoria Suites Limited. Vittoria living topera fuq catering.*

Introju tal-konvenut

*Bhala prova dwar l-introjtu tal-konvenut l-attrici resqet diversi xhieda:*

*Mill-employment history sheet tal-konvenut (seduta 26 ta' Mejju 2017 jirrizulta l-konvenut kien self employed mill-1 ta' Frar 2009 sat-2 ta' April 2017 u mit-3 ta' April 2017 beda full time bhala Kap tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali.*

***Bruno Zahra in rapprezentanza tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2018 l**i xehed li l-konvenut huwa CEO u Avukat Kap tal-Agenzija u ghandu kuntratt ta' tlett snin li beda mit-3 ta' April 2017 sat-2 ta' April 2020 u li juri li kellu kull sena salarju ta' 33,148, expense allowance ta' €1500, communication allowance ta' €1600, all inclusive transport allowance ta' €4,658.75, Yearly bonuses €270.20c, income supplement €242.26c.*

*Illi ghalhekk il-kuntratt tieghu skada fit-2 ta' April 2020 u ebda prova ma gab il-konvenut jew xi parti jekk dan il-kuntratt giex imgedded jew le.*

***Marisabelle Azzopardi Assistant Direttur it-Tezor** (seduta 6 ta' Lulju 2018) li prezentat l-pagamenti kollha li rceva l-konvenut mis-sena 2010 sa' dakinhar tas-seduta . Dawn il-pagamenti Dok MA1 jibdew mit-22 ta' Dicembru 2010 sal-5 ta' Gunju 2018 u jvarjaw minn xahar ghal iehor. Fis-sena 2018 huwa irceva €20.35c biss, fis-sena 2017 huwa irceva €3203.10c, fis-sena 2016 huwa irceva €1029,48, fis-sena 2015 huwa irceva €1816.88c, fis-sena 2014 huwa irceva €1247.84, fis-sena 2013 huwa irceva €1400, fis-sena 2012 huwa irceva €393.16, fis-sena 2011 huwa ma irceva xejn u fis-sena 2010 huwa irceva €279.52c.*

*Fl-istess seduta tas-6 ta' Lulju 2018 xehed **Espedito Grech Director Research and Personnel Assistant fl-Ufficcju tal_Prim Ministru** li spjega li s-salarji gew taht ir-responsabilita taghhom minflok l-Accountant General u pprezenta rendikont tas-salarju tal-konvenut mis-sena 2017 sas-sena 2018. Minnhom jirrizulta li l-konvenut mit-13 ta' Awissu 2017 sal-ahhar tas-sena 2017 irceva €12,488.56c salarju u mil-1 ta' Jannar 2018 sal-15 ta' Lulju 2018 huwa irceva €17,685.88c salarju.*

*Fl-istess seduta xehdet **Isabelle Testaferata de Noto Segretarju Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** u spjegat li l-konvenut huwa President ta' din l-Assocjazzjoni u ilu f'din il-kariga mil-14 a' Ottubru 2013 u prezentat l- pagamenti li huwa thallas minn Mejju 2013 sa Mejju 2017 liema pagamenti juri li l-konvenut fis-sena 2016 irceva €10,842.72c gross, fis-sena 2015 irceva €10,572.48c, fis-sena 2014 irceva €10,302.24c u fis-sena 2013 irceva €6970. Hija pprezentat l-payslip ghal Jannar 2017 fl-ammont ta' €905.46 gross u €769.46 net, ta' Frar 2017 fl-istess ammont cioe ta' €905.46 gross u €769.46 net u ta' Marzu 2017 gross €905.46 u net €770.46c.*

*Fl-istess seduta tas-6 ta' Lulju 2018 xehed Karsten Xuereb Direttur Ezekuttiv ta' Valletta 2018 Foundation li l-konvenut kien governor fil-Bord tal-Gvernaturi mis-26 ta' April 2013 u kien ghadu hemm sa dakinhar tas-seduta li huwa minn din il-kariga huwa ghandu dhul ta' tmien mitt ewro (€800) fis-sena.*

*Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 xehed Dulcie Gauci mir-Regjun Nofsinhar li pprezenta rendikont tad-dhul tal-konvenut bejn Lulju 2013 sal-ahhar ta' Gunju 2014 u ta' Mejju 2015 xahar wiehed biss li hadem bhala prosekutur li jammontaw ghal €4718.*

*Konsiderazzjonijiet*

*L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied fir-rigward tal-manteniment jibqa bazikament l-istess: kull wiehed skont il-mezzi tieghu ikkalkulati skont id-dipozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodici u l-bzonnijiet tal-istess minuri. Illi meta l-qorti tigi biex tistabilixxi manteniment, m'hemm xi formula stabbilita fil-ligi li biha l-Qorti taghmel il-kalkoli biex imbaghad ohrog ir-rizultat. Izda* ***fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu*** *16 insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:*

*(1) Il-manteniment gandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu l-mezzi ta' min ghandu jaghtih;*
*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort ohra ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*
*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghal manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utli tal-beni sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*
*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief bili jilqa f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*
*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.*

*Bhala fatti:*

*Id-digriet tal-5 ta' Marzu 2018 huwa ta' manteniment ta' €250 kull xahar u nofs l-ispejjez edukazzjoni u sahha tal-minuri.*

*Fl-affidavit taghha l-attrici a fol 135 prezentat fit-13 ta' Gunju 2019 l-attrici tippretendi manteniment ta' seba mitt ewro (€700) u nofs l-ispejjez edukazzjoni u sahha tal-minuri.*

*Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2019 l-attrici xehedet li qed tippretendi manteniment ghal minuri minghand il-konvenut ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha.*

*L-attrici tahdem full time mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u ghandha salarju ta' €2120.62c gross u paga netta ta' €1639.50c. (seduta 5 ta' Frar 2020). Mil-kont bankarju li ghandu l-attrici mal-Bank of Valletta kont numru 14904698012 (Dok Bov 2) jirrizulta li l-paga baqghet diehla kemm qabel, waqt u wara t-tqala u li kienet tircevi dhul iehor ta' aktar minn elf ewro b'mod kostanti. Dan juri li l-attrici dhul iehor minbarra l-paga ghandha wkoll. Mil-bank statements tal-konvenut ma jirrizultax li huwa ghandu dhul iehor ghajr dak li saret il-prova tieghu ghalkemm dawn li statements jaslu sas-sena 2016.*

*Jigi rilevat li l-konvenut ma ssottometta ebda prova sabiex juri ghadux jiehu l-paga mal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali u ghadx ghandu r-retainers l-ohra kollha u ghalhekk il-perit legali qed tirrelati fuq il-provi prodotti f'din il-kawza.*

*Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 hija prezentat prospett tal-ispejjez li tghid li ghandha ghal minuri u li jammontaw ghal €1237.88 fix-xahar u cioe €275.58 ikel, €70.27c spejjez ta' toiletries/detergents, €376.50c outings/transport, water electricity and internet bills, €124.53 clothing.*

*Il-perit legali fliet dawn id-dokumenti u tirrelata kif gej:*

*Dwar spejjez ta' ikel €275.48 fix-xahar: bicca laham 7 ewro hija esagerata kif huwa esagerat li lit-tifla taghtiha laham erba darbiet f'gimgha (€119); kif anke li taghmilha grilled checked ghal lunch kuljum (€105.30) u anke l-kontorni huma esagerati (€54.43C) u ma jistghax jinghad li dawk il-pakketti kollha ta' kontorni jintuzaw biss ghat-tifla, kartuna halib kuljum ghat-tifla hija esagerata (€29.14) kif hija esagerata li taghitha tlett sticks Peperami ghall-iskola maghha kuljum (€65.55).*

*Ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali:*

*€22.60 fix-xahar ghal breakfast/cereal kuljum hija ragonevoli*

*€29.14 kartuna halib kuljum hija esagerata u ghandha tkun nofs kartuna halib kuljum cioe €14.57c*

*Yoghurt 29.45 fix-xahar naqblu*

*3 peperami sticks cioe €29.45 fix-xahar dawn it-tifla ma ghandhiex bzonn tiekol 3 salami ghal lunch tal-iskola. Ma jaghmilx sens meta l-attrici tghid li taghtiha grilled chicken ghall-iskola u meta l-attrici thalsilha l-lunch fil-klabb 3-16 fol 369 et.*

*Grilled chicken breast – dawn mhux dovuti kollha ghax l-omm gieli thallas lit-tifla lunch fil-club 3-16 kif jirrizulta mill-ircevuta li hija stess esebiet fol 369 et. Ghalhekk fil-fehma tal-perit legali nofs dan l-ammont cioe €53 huwa ragonevoli.*

*Smoothie drink 2 daily €135.78*

*Ilma 2 small bottles daily for school €32.86*

*2 large bottles weekly €5*

*One bar chocolate kitkat daily €21.70c*

*Fruit and veg €26.13*

*Dinner one piece of meat nofs l-ammont pretiz cioe €59.50c*

*Contorni – dawn esagerati tenut kont li l-attrici tixtri wkoll l-haxix u frott, u ghalhekk nofs cioe €34.18c hija ragonevoli*

*Orange juice €16.74*

*Pasta – gluten free 250g llum hawn tal-500g u aktar gluten free u t-tifla zgur li ma tiekolx 250g pasta kull darba kif qed tikkontendi l-attrici u dan ghal darbtejn f'gimgha u ghalhekk n-nofs cioe €12.60c hija ragonevoli.*

*Drinking chocolate €34 ragonevoli ghalkemm fis-sajf wiehed ma tantx jixrob drinking chocolate.*

*Ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali bhala spejjez ghall-ikel u xorb tal-minuri hija ma ghandhiex aktar minn €497.76c*

*Dwar toiletries /detergents l-attrici tghid li ghandha spejjez ta' €70.27c ghal minuri.*

*Cotton buds 0.38c*

*Toothpaste 50ml - €1.39 ghalkemm l-attrici ghandha tixtri toothpaste aktar biex tiffranka*

*Tooth brushes - 0.34c*

*Mouthwash - €1.15 ghalkemm l-attrici ghandha tixtri moutwash fi fliemken aktar biex tiffranka*

*Shower Gel €5.29c*

*Toilet paper - €2.99*

*Nivea dry comfort anti perspirant – €3.45*

*Intimate wash - €6.24*

*Washing detergent – one bottle monthly €7.59 huwa esagerat u nofs huwa aktar ragonevoli cioe €3.80c*

*Fabric conditioner – one bottle monthly €7.45 huwa esagerat kif ukoll llum tista tixtrih bil-gallun u ditta tajba. Nofs huwa aktar ragonevoli cioe €3.73c*

*Wet ones for school €1.90*

*Wipes €2.19*

*Tissues for school 0.50c*

*Box of tissues – it-tifla d-dar ma jkollhiex bzonn kaxxa tissues ghaliha u ghalhekk dan l-ammont mhux dovut*

*Plasters – one packet every 3 months cioe 0.88c fix-xahar qisu t-tifla twegga jew tolqot x'imkien kuljum mhux plawsibbli u ghalhekk tali ammont ghandu jigi ridott bin-nofs cioe 0.44c*

*Shampoo, condition, u hair serum – hair serum mhux indispensabbli ghat-tfal u ghalhekk ammont dovut huwa ta' €13.02c*

<u>*Total: 96.31c*</u>

<u>*Outings/transport/water, electricity and interne bills*</u>

*Outings fil-weekends u public holidays dawn ma ghandu jaghti xejn minnhom l-konvenut ghax jekk trid tohrog lil familja tiekol barra ma ghandux jaghmel tajjeb il-konvenut*

*Water and electricity – l-ewwel jinghad li fil-kont ma hemmx miktub li hemm residenti joqghodu fih u jekk qed thallas aktar l-attrici minhabba f'hekk ma ghandu jehel taghhom il-konvenut. L-uniku kont actual li l-attrici prezentat jirrigwarda l-kont bejn Frar 2019 sa Gunju 2019 cioe kont ta' erba' xhur li jammonta ghal €1405.88c u li meta tiddividieh bejn erba xhur l-istima tal-attrici ta' €65 fix-xahar hija ragonevoli.*

*Fuel and parking fees biex tiehu t-tifla l-iskola, piano, pottery, swimming u private lessons, hija ma pprezentat ebda prova dwar dawn il-lezzjonijiet spejjez karozza u transport, transport tal-iskola huwa b'xejn u li prova li t-tifla tmur xi privat jew attivita extra kurrikulari l-attrici ma resqietx, u ghalhekk tali talba ma tistghax tintlaqa.*

*Insurance u internet u television dawn mhux dovuti ghax bit-tifla jew minghajrha kif jargumenta l-konvenut dawn l-ispejjez l-attrici xorta kienet u baqghet taghmilhom.*

<u>*Ghaldaqstant spejjez ghandha €65 fix-xahar f'dan ir-rigward.*</u>

*<u>Rigward hwejjeg u zraben</u> l-attrici tikkontendi li ghandha spejjez ta' €124.53c fix-xahar. It-tifla ser taghlaq ghaxar (10) snin fit-3 ta' Mejju li gej u ghadha qed tizviluppa u tohrog mil-hwejjeg malajr. L-attrici ma produciet ebda ircevuta sabiex tipprova li hija effettivament ghandha dawn l-ispejjez.*

***Dawn il-konteggi kollha igibu total ta' €783.60c cioe €391.80c fix-xahar.***

*L-attrici ghandha paga netta ta' €1600 circa kull erba gimgha; il-konvenut ghandu dhul ferm aktar minn hekk kwazi t-triplu ta' dak li tircevi l-attrici izda l-attrici wkoll ghandha dhul iehor kif jirrizulta mil-bank statements Dok BOV 2 kont numru 14904698012 wkoll.*

*Tajjeb ikun rilevat li meta a fol 117 din il-Qorti rriduciet il-manteniment ghal minuri l-konvenut ma pprezenta ebda dokument li juri d-dhul tieghu.*

*Hija l-fehma tal-perit legali u dan ghar-ragunijiet li rrelatat dwarhom il-perit legali aktar il fuq f'din ir-relazzjoni: tali manteniment ghandu fiss fix-xahar u jkun jinkludi nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri u ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali s-somma ta' hames mitt ewro fix-xahar (€500) li jinkludi spejjez edukazzjoni u sahha hija wahda ragonevoli purche li kwalunkwe spiza ta' sahha ghal minuri li teccedi l-mittt ewro (€100) u li ghaliha ma jaghmilx tajjeb ghaliha l-istat u tkun bil-kunsens moghti preventivament miz-zewg partijiet, din tkun a karigu tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-perit legali din it-talba ghandha tigi milqugha u l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ghal minuri fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar liema manteniment jinkludi l-ispejjez kollha rigwardanti l-isess minuri ghajr spejjez straordinarji ta' sahha li jeccedu l-mitt ewro (€100) liema spejjez ghandhom jithalsu bil-kunsens moghti miz-zewg partijiet bil-miktub liema spejjez jithalsu mil-partijiet konguntivament.*

***Il-hames talba attrici – sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas tali manteniment***

*Illi fil-hames talba taghha l-attrici talbet lil dina l-Onorabbli Qorti li tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti A B ghall-htigijiet tal-minuri C D B ir-retta alimentari hekk stabbilita flimkien ma' zidiet perjodici skond ma tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti;*

*Il-konvenut fir-risposta guramentata tieghu, in kwantu ghal hames u s-sitt talba, jigi eccepixxa illi ma hemmx oggezzjoni li tigi likwidata retta alimentari li l-eccepjenti ghand jhallas favur il-minuri pero kif tghid il-Ligi, irid l-ewwel jigi identifikat u likwidat il-bzonn tal-minuri u l-manteniment jigi temperat skond il-mezzi tal-eccepjenti partikolarment b'applikazzjoni tal-artikolu 20 u 23 (b'rizerva ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 partikolarment fil-kuntest tar-rikors ghal manteniment pendente lite intavola kontestwalment ma' din il-kawza) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad specifikament stante li fit-tielet premessa saret emfasi li l-eccepjenti huwa avukat, daqs li kieku ghandu l-miljuni u bix tingibed simpatija oltre dak li l-Ligi trid. Dwar it-talba ghal zidiet perjodici l-attrici trid tispjega u tissostanzja x'ziedet qed talludi ghalihom qabel l-eccepjenti jippronunzja ruhu u jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment fuq dan il-punt meta tali spjegazzjoni tinghata.*

*Ghar-ragunijiet imsemmija fir-raba talba hija l-fehma tal-perit legali li l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ta' sitt mitt ewro (€600) kull xahar liema somma tinkludi l-ispejjez kollha rigwardanti l-minuri. Tali manteiment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja mahrug ai termini tal-Kap 148 tal-Ligijiet ta' Malta u jibqa dovut sakemm it-tifla taghlaq l-eta ta' 18-il sena jew tibqa tistudja full-time sal-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel. kemm -il darba il-minuri meta taghlaq l-eta ta' 18-il sena u tkun ghadha tistudja full time tmur tghix ma' missierha tali maneniment dovut jibda jigi versat mill-attrici lil konvenut u jekk il-minuri meta taghlaq l-eta ta' 18-il sena u tkun ghadha tistudja full-time tmur tghix ghal rasha tali manteniment jithallas direttament lil minuri.*

*Hija l-fehma tal-perit legali li tali manteniment jizdied mitt ewro (€100) kull xahar kull hames snin mid-data tas-sentenza tenut kont l-esigenzi tal-minuri li dejjem jikbru u l-hin li kull omm*

*tqatta ghat-trobbija tal-minuri liema hin qatt ma jigi kalkolat tenut kont li l-omm tissagrifika hafna mil-hajja taghha personali sabiex trabbi lil uliedha. Tali pagament jista jibqa jsir bi standing order kif qed isir fil-prezent.*

*Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-perit legali din it-talba ghandha tigi milqugha u l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ghal minuri fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar liema manteniment jinkludi l-ispejjez kollha rigwardanti l-isess minuri ghajr spejjez straordinarji ta' sahha li jeccedu l-mitt ewro (€100) liema spejjez ghandhom jithalsu bil-kunsens moghti miz-zewg partijiet bil-miktub liema spejjez jithalsu mil-partijiet konguntivament.*

***Is-sitt talba attrici – arretrati ta' manteniment***

***L-attrici fil-kontro-ezami taghha (seduta 28 ta' Novembru 2019)** tghid li manteniment pendenti minn wara d-digriet tal-Qorti ma hemmx u l-hlas isir bl-internet banking.*

***In kontro-ezami (seduta 15 ta' Ottubru 2020) l-konvenut xehed** li jaccetta li jghaddi lill-attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) mis-somma ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) li qed titlob l-attrici u spjega ghaliex. Tali spjegazzjoni tinsab aktar l-isfel b'referenza ghal kull item. U xehed li huwa jrid jara l-ircevuti humiex veritjieri.*

*Fis-sitt talba taghha l-attrici talbet li l-Qorti illikwida l-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri C D B sad-data tal-effettiva kundanna ta' hlas ta' manteniment, mahduma bir-rata appozitament stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-konvenut lill-esponenti A B sabiex il-konvenut jirrimborza lill-istess esponenti ghall-ammonti mahruga ossija zborsati minnha u applikati fil-manteniment tal-imsemmija minuri, jew porzjon appozitament stabbilita tal-istess;*

*Il-konvenut fir-risposta guramentata tieghu, in kwantu ghal hames u s-sitt talba, jigi eccepit illi ma hemmx oggezzjoni li tigi likwidata retta alimentari li l-eccepjenti ghand jhallas favur il-minuri pero kif tghid il-Ligi, irid l-ewwel jigi identifikat u likwidat il-bzonn tal-minuri u l-manteniment jig temperat skond il-mezzi tal-eccepjenti partikolarment b'applikazzjoni tal-artikolu 20 u 23 (b'rizerva ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 partikolarment fil-kuntest tar-rikors ghal manteniment pendente lite intavola kontestwalment ma' din il- kawza) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad specifikament stante li fit-tielet premessa saret emfasi li l-eccepjenti huwa avukat, daqs li kieku ghandu l-miljuni u bix tingibed simpatija oltre dak li l-Ligi trid. Dwar it-talba ghal zidiet perjodici l-attrici trid tispjega u tissostanzja x'ziedet qed talludi ghalihom qabel l-eccepjenti jippronunzja ruhu u jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment fuq dan il-punt meta tali spjegazzjoni tinghata.*

*Fl-affidavit taghha l-attrici fol 153 tghid li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jhallas tal-ispejjez li hija ghamlet qabel hareg id-digriet ta' manteniment ghal minuri ghax skond hu l-pagament huwa dovut mid-data tad-digriet u spejjez li saru qabel inghata dan id-digriet mhux dovuti. Izda hija l-parir legali li naghtalha kien li tali spejjez jibqghu dovuti. Id-dokumenti esebiti mill-attrici mal-affidavit taghha sabiex tissostanzja dan juru wkoll li l-konvenut jghid li huwa qatt ma ried tfal u li anke hija kien qablet li tfal bejniethom ma jkunx hemm.*

*Fl-affidavit taghha l-attrici prezentat din il-lista ta' spejjez a fol 252 et bid-dokumenti annessi rigward certu items:*

*rendikont tal-ispejjez li hija inkorriet ghal minuri mis-sena elfejn u hdax (2011) sas-sena elfejn u sbatax (2017) fol 252 et);*

***Item 1: Spiza ohra kienet ta' li stem cells** li hija prezervat lil bintha. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju l-**Professur Renald Blundell** kkonferma bil-gurament li ha stemm cells u storage tal-minuri u thallas u anke hareg vat receipt. A fol 738 il-konvenut jikkontendi li din spiza li ma kienetx necessarja; Din tammonta ghal €2350 u fl-umli fehma tal-esponenti l-konvenut ghandu ragun u ma ghandux jaghmel tajjeb ghal nofs din l-ispiza tenut kont li din hija spiza li genitur jaghmel ghax irid u mhux bil-fors. **€2350 mhux dovuti.***

***Item 2 clothes/shoes/costumes and accessories***

***Item 3 child care centre and report** fis-sena 2012 €1075, fis-sena 2013 €1050 u fis-sena 2014 €225. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 xehed Zak Ellul Bonici in rapprezentanza ta' Stepping Stones limited u spjega li Stepping Stones huwa child care centre u li bejn 2012 sa 2014 l-minuri kienet tattendi c-child care centre mis-sena 2012 u l-hlas ta' 1075 ewro sar fis-sena 2013 u l-hlas ghas-sena 2013 sar fil-bidu tas-sena 2014 u kien ta' 1040 ewro u ebda pagament iehor ma sar mill-attrici. Il-perit legali ma taqbilx mal-konvenut li l-attrici kien imissha saqsiet lilu jekk jistghax izomm it-tifla u li fl-istess nifs huwa xehed li anke kieku stess saqsietu huwa ma kellux fejn izommha. Tali spejjez kienu bzonn anke biex l-attrici setghet tmur tahdem. **Ghalhekk nofs is-somma ta' €2115 cioe €1057.50c hija dovuta.***

***Item 4 – kera tal-appartament gewwa Marsascala.** L-attrici tikkontendi li hija kellha bilfors tikri appartament b'anqas tarag minhabba li fejn toqghod gewwa l-Gharghur kien flat it-tieni sular u kien minghajr lift. Dan kellha taghmlu fuq parir tat-tobba li qalulha biex tevita t-tarag minhabba li t-tifla kienet ser titwieled b'cesarja. In kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici terga tispjega li kellha bzonn tikri appartament b'anqas trag ghax fejn toqghod il-Gharghur l-appartament huwa third floor minghajr lift u kellha bzonn tikri flat ghax lit-tifla xtratha b'cesarja u ma setghetx ttella t-tifla t-tarag. A fol 738 il-konvenut jikkontendi li dawn l-ispejjez saru ghal kumdita tal-attrici li m aghandhomx x'jaqsmu xejn mal-manteniment tat-tifla; Prova ta' dawn l-ispejjez l-attrici pprezenta **fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2018 lil Matthew Pace Direttur ta' Illusions Limited** li kkonferma li lill-atttrici kienu krewlha appartament Wied il-Ghajn minn April 2011 sa' Lulju 2011 u pprezenta rendikont li juri li l-attrici halset €3600 b'kollox. Illi t-tifla twieldet fit-3 ta' Mejju 2011; li huwa minnu li hafna tarag ma jaghmilx tajjeb ghat-tqala u anke wara t-tqala jekk l-attrici xtrat b'cesarja. Il-konvenut ma jichadx dan u jghid biss li ma kellhiex tikri dan il-post. Il-perit legali ma taqbilx mal-konvenut u tqis li l-attrici ma kellhiex triq ohra ghajr li tikri appartament b'anqas tarag u ghalhekk **nofs il-kera li tammonta ghal €1800 hija dovuta.***

***Item 5-carer maid for first three months after baby was born:** dawn skond l-attrici jammontaw ghal €1500 li thalsu fis-sena 2011. Illi fil-fehma tal-perit legali l-attrici kellha bzonn l-*

*ghajnuna ghall-ewwel tlett xhur wara t-tqala u s-somma ta' €1500 hija wahda ragonevoli ghal dawn it-tlett xhur.* ***Il-konvenut ghandu jhallasha €750***

***Item 6 – carer for C when I was recovered in hospital (one week day and night) €700 fis-sena 2012.*** *Il-konvenut a fol 738 huwa jaghmel referenza ghal pagna 15/16 tal-affidavit tal-attrici fejn issemmi x'halset lil babysitter meta kienet l-isptar ghal gimgha u kif meta twieldet it-tifla hija qed tallega li halsitha €500 ta' xahar ghajnuna u ta' gimgha halsitha €700. Izda l-konvenut qed jinsa li meta weldet l-attrici kienet prezenti u l-baby sitter ma kienx hemm bzonnha l-hin kollu. Anke dan l-ammont huwa dovut tenut kont li ma jgabet ebda prova li l-attrici setghet halliet lit-tifla ma haddiehor u* ***ghalhekk il-konvenut ghandu jhallasha €350.***

***Item 7 babysitting @50 euros per night/day*** *- €1250 fis-sena 2011, €2750 fis-sena 2750, €2950 fis-sena 2013, €3000 fis-sena 2014, €3100 fis-sena 2015, €2250 bejn Jannar u Lulju fis-sena 2016, €850 fis-sena minn Awissu sa Dicembru 2016, u €3100 fis-sena 2017. L-attrici tispjega li dawn l-ispejjez ta' babysitting kellha tirrikorrihom minhabba safar fuq xoghol mill-attrici u zewg drabi oha fejn kellha bzonn thalli lit-tifla mal-babysitter F. In kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019 l-attrici spjegat li l-babysitter kellha bzonnha meta hija kienet issiefer fuq coarses tax-xoghol ghax ma kellhiex ma min thalli t-tifla u darba minnhom marret btala Bucharet u halliet it-tifla ma babysitter. In kontro-ezami l-attrici (seduta 28 ta' Novembru 2019) spjegat li hija ma setghetx tahdem ghax ma kelliex is-sapport tal-konvenut u lanqas part time ma setghet tahdem ghax ma kellhiex ma min thalli t-tifla. Hija dak iz-zmien kienet tahdem mad-Dipartiment tax-Xoghol u kienet ukoll tghallem part time mal-Education Department. Illum tahdem bhala Manager II mad- Dipartiment tal-Agrikoltura. In kontro-ezami (seduta 15 ta' Ottubru 2020) il-konvenut xehed li 55 days babysitter jarahom hafna li lilu qatt ma qaltlu biex izommha it-tifla u anke kieku stess huwa ma ghandux fejn izomm it-tifla. Il-konvenut jikkontendi dwar items 5 sa 7 li dawn l-ispejjez ma ghandhom x'jaqsmu mal-manteniment tat-tifla u li skond l-konvenut huma ivvintati u esagerati ghax f'7 snin li tonfoq €19,250 ifisser li ghal kull gurnata mil-55 gurnata li l-attrici qed tghid li halliet lit-tifla mal-babysitter hija halset 50 ewro (€50) ghal kull darba. Inoltre fis-sena 2017 l-attrici kellha tifel ma' G H u se mai huwa jhallas kwart u mhux in-nofs u l-kwart l-iehor ihalsu missier it-tifel li ghandha. izda l-attrici tghid li G H jhallas hu ghal manteniment ta' ibnu u anke tat-tifla tal-konvenut. Il-perit legali tirrileva li mhux minnu li l-attrici kienet ghal xi zmien bla paga u dan kif jirrizulta minn li statements tal-Bank of Valletta kont numru 14904698012 Dok BOV 2. Inoltre it-tifla kienet tmur c-child care li bejn is-sena 2012 u 2014 it-tifla kienet tattendi Child Care. L-omm ma gabitx prova tal-hinijiet tac-child care u generalment l-ommijiet jaghmlu arrangamenti biex jigbru lil uliedhom wara x-xoghol mic-child care centre. Illi ghalhekk l-perit legali ma temminx lill-attrici meta tghid li kellha bzonn il-babysitter u dan ghax ebda prova ma gabet ghaliex kellha bzonn din il-babysitter wara li tlesti mix-xoghol.* ***Ghalhekk din is-somma fl-umli fehma tal-perit legali mhix dovuta.***

***Item 8 – baby sitter day and night from 25th June to 4th July 2014 work seminar in Tier Germany. €600.*** *Jekk l-attrici siefret fuq xoghol u ma kellhiex ma min thalli t-tifla huwa ragonevoli li l-konvenut ihallas nofs dawn l-ispejjez u ghalhekk il-perit legali ma taqbilx mal-konvenut meta jghid li dawn ma ghandhomx x'jaqsmu mal-manteniment.* ***Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici €300.***

***Item 9 baby stting for 4 nights from 29th December to 3rd Jan 2015 (Bucharest).*** *L-attrici ghandha dritt li tiehu l-mistrieh taghha u tenut kont li hija ma kellhiex fejn thalli l-minuri ghajr ma babysitter, nofs tali spiza ghandu jhallasha l-konvenut.*

***Item 10 Work course in*** *Turin* ***14 June to 20 June 2015 €700.*** *Ta' sebat ijiem l-attrici qed tghid li halset €100 ghal kull jum.* *Fl-umli fehma tal-esponenti l-attrici ghandha dritt tigi rimbursata izda mhux bir-rata ta' €100 kuljum kif qed tippretendi izda bir-rata ta' €60 kuljum u* ***ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddilha €210.***

***Item 11 Passport fee and photos: €66 u l-konvenut jaccetta li jhallas nofshom cioe €33***

***Items 12 sa 18 – Holiday in Holland mis-7 sat-12 ta' Settembru 2011 €500,***

***Item 13 Holiday in Paris 11 to 15 June 2012 €500, Item 14 holiday in Prague 22nd Aug to 1st Sep 2012 €500,***

***Item 14 holiday in Florence 2013 €500,***

***Item 15 holiday Marina di Ragusa in November 2017 €500,***

***Item 16 Holiday Gardaland Christmas 2016 €600, Excelsior Hotel f'diversi ljieli, Comino Hotel mis-17 sal-24 ta' Lulju 2013. Il-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez sas-sena 2013 cioe is-somma ta' €1550 stante li l-ispejjez l-ohra li saru wara id-data tas****-26 ta' Lulju 2016 hareg id-digriet tal-manteniment u tali spejjez ma kienux skond l-ordni tal-Qorti* ***ghalhekk dawn l-ammonti mhux dovuti.***

***Item 19 Crib****- lanqas dan ma huwa dovut meta kull familja f'Malta bi tfal u bla tfal tarma presepju ghal Milied.*

***Item 20 road license and car insurance****: din mhix dovuta stante li jkollok karozza hija htiega anke jekk ma ghandekx tfal.*

***Item 21 cable and internet****: dan mhux dovut ghax dan is-servizz ma dahlitux l-attrici minhabba t-tifla.*

***Item 22 Presents and parties:*** *dawn mhux dovuti stante li ebda prova ma gabet l-attrici dwar dan.*

***Item 23: C's Birthday Party and Other Parties*** *– is-somma hija ta' €476.75 u saret fis-sena 2016. Il-birthday tat-tifla huwa 3 ta' Mejju u ghalhekk qabel id-digriet tal-manteniment tas-26 ta' Lulju 2016.* ***Il-konvenut ghandu jhallas nofs din is-somma cioe €238.37c. Item 24 educational toys/book and other toys:*** *a fol 300 dok 9A l-attrici prezentat rendikont tal-istess spejjez minghajr ircevuti. Il-perit legali ma tistghax tiehu konjizzjoni taghhom u tista biss tapplika l-principju arbitrio et viri stante li toys u kotba lit-tfal l-genitur huwa tenut li jixtri u jiddeciedi li f'sakemm hareg id-digriet ta' manteniment fis-26 ta' Lulju 2016 is-somma ta' €150 ghal kull sena hija sufficjenti.* ***ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas €275l.***

***Item 25 Tablet 7 inch Nurvo and google nexus and case cover: il-konvenut ghandu jghaddi nofs l-ispiza tat-tablet cioe nofs €97.96 cioe €48.98c*** *stante li l-ohrajn xtrathom l-attrici lil minuri minghajr ma din kellha ebda bzonn partikolari taghhom.*

***Item 26 – computer laptop li l-attrici tghid li xtratu lit-tifla fis-sena 2014 fl-ammont ta' €545. Dan l-ammont mhux dovut stante tifla ta' tlett snin tkun ghadha ma bdietx tahdem fuq il-laptop.***

***Item 27 – trycycle and scooter and bicycle: l-konvenut ghandu jghaddi €144.97c cioe nofs dawn l-ispejjez.***

***Item 28 – Cereliac – Il-konvenut ghandu jghaddi nofs l-ammonti cioe €2075.72c***

***Item 29 – milk – Il-konvenut ghandu jghaddi nofs l-ammonti cioe €5880.50c***

***Item 30 food:*** *tali ammont huwa esagerat tenut kont li tfal normali wara sena jkunu diga bdew jieklu ikel normali u f'dan il-kaz l-attrici baqghet sejra bil-bottle normali mat-tifla u kif ukoll meta t-tifla bdiet tattendi klabb 3-16 l-omm kienet thalsilha €7 ghal healthy snack. Fol 369 et.* ***Ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali l-konvenut ghandu jhallas €2500.***

***Item 31 – electricity bills:*** *l-attrici prezentat Dok 12 li minnhom jirrizulta kont mil-24 ta' Marzu 2011 sad-19 ta' Settembru 2011 ta' €272.53 residenti tnejn meta t-tifla twieldet fit-3 ta' Mejju 2011, u li ghalhekk ta' dan il-kont il-konvenut ma ghandu jhallas xejn. Rigward il-kontijiet l-ohra dawn jammontaw ghal €4091.88c u dan sas-17 ta' Settembru 2016.Id-digriet tal-manteniment hareg fis-26 ta' Lulju 2016.* ***Il-konvenut ghalhekk ghandu jghaddilha €2045.94c.***

***Item 31 – gas for heating:*** *prova ta' dan l-attrici ma prezentatx u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tiehu konjizzjoni tat-talba taghha.*

***Item 32 – medical expenses and medicines and paediatrician: dawn huma dovuti u l-konvenut ghandu jhallas nofs dawn l-ammonti cioe €2421.84 u dan sad-digriet ta' manteniment tas-26 ta' Lulju 2016.***

***Item 33 injections – dawn dovuti u l-konvenut ihallas in-nofs cioe €86.50c.***

***Item 34 medicial visits and ultrasounds during pregnancy - dawn huma dovuti u l-konvenut ihallas n-nofs cioe €210.***

***Item 35 – satchel/lunch box/bottle: total ta' €116.99c u l-konvenut ihallas in-nofs cioe €58.50c.***

***Item 36 membrship for Lido in Summer –*** *dawn mhux dovuti stante li hawn bahar fejn wiehed jiehu lit-tifla u l-bahar f'Malta nadif u ghandna l-blue flag beaches ukoll.*

***Item 37, 38, 39 u 40:*** *toiletries, detergents, wipes and tissues, nappies: il-konvenut ghandu jhallashom cioe €1112.50 ghal item 37, wipes and tissues huma esagerati u ghalhekk l-perit legali qed tikwantifika dan l-ammont arbitrio et viri €500 u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas €500, nappies huma dovuti u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas nofs cioe €1920.51c.*

***Item 41 Petrol -*** *it-total ta' petrol huwa ta' €8385 ghal hames snin u bir-rata ta' €30 petrol fil-gimgha l-ispejjez huma ragonevoli. Izda kemm dawn it-€30 petrol fil-gimgha intefqu kollha ghat-tifla hija l-problema* ***u ghalhekk fl-umli fehma tal-perit legali l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' tlett elef ewro (€3000) stante li petrol ghal qadjiet u hrug taghha personali l-attrici hliet zgur.***

***Dwar items 12 sa 41 a fol 738 il-konvenut jispjega ghaliex huwa ma ghandu jaghti xejn minn dawn l-ispejjez:***

***12 sa 18 – varji holidays*** *li mhux relatati mal-manteniment.*

***19 crib*** *– mhux relatat mal-manteniment*

***20 – road licence u car insurance*** *– dawn spejjez tal-attrici mhux tat-tifla.*

*Anke kieku ma kellhiex it-tifla xorta wahda kienet tirrikorri dawn l-ispejjez. Fil-kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici tispjega li qed tippretendi dan il-pagament ghax lit-tifla twassalha kullimkien bil-karozza.*

***21 – cable u internet*** *– minn dejjem kellha cable u internet u dawn ma ghandhomx x'jaqsmu mal-manteniment. Fil-kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici tispjega li qed tippretendi dan il-pagament ghax it- tifla tara l-internet u l-U tube u hija cioe l-attrici ma ghandhiex cans tara television.*

***22 – presents and parties*** *– dawn ma humiex spejjez relatati ma' manteniment*

***25 u 26 – tablet u laptop****. Tifla ta' tlett snin ma tuzax laptop u tifla lanqas tibdilha tablet f'sentejn u anke kieku stess dawn ma humiex spejjez li ghalihom jithallas il-manteniment.in kontro-ezami (seduta 15 ta' Ottubru 2020) il-konvenut jghid li tifla ta' tlett (3) snin ma ghandux ikollha laptop.*

***31- electricity bills*** *– dawn thallashom l-attrici ghax huma kontiiet taghha u kienet xorta thallashom anke kieku ma kellhiex it-tifla.*

***32 – gas and heating*** *– dawn thallashom l-attrici. Fil-kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici tispjega li qed tippretendi kumpens ghal dawl ilma u gas ghax it-tifla ghandha bzonn dawl ilma u gas.*

***36 – membership for lido in summer*** *– dawn thallashom l-attrici u ma ghandhomx x'jaqsmu ma' manteniment. Fil-kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici tispjega*

*li hija qed titlob dan il-hlas ghax it-tifla tehodha diversi lidos fis-Sajt u mhux il-baha minhabba l-bram jew xi infection.*

***37 u 38 – toiletries and detergents** – dawn kontijiet tal-attrici u xorta kienet se tonfoqhom anke kieku ma kienx hemm it-tifla.*

***41 – petrol** – thalsu l-attrici minbarra li huwa ammont esagerat. Hija qed tallega li f'seba snin halset €11,120 spejjez ta' petrol u dan jammonta ghal €132.38 fil-gimgha meta l-konum medju ta' petrol huwa ta' €80 fix-xahar b'karozza normali. Inoltre l-attrici tghix il-Gharghur u l-iskola tat-tifla tinsab in-Naxxar u transport huwa b'xejn ghal-iskola. Fil-kontro-ezami (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici tispjega li qed tippretendi dan il-pagament ghax il-petrol tuzah biex lit-tifla twassalha kull fejn ikollha bzonn. Il-perit legali hadet in konsiderazzjoni l-lanjanzi tal-konvenut meta rrelatat dwar dawn l-items. Il-perit legali qed arbitrio et viri tiddeciedi li konsum ta' petrol kellha l-attrici dwar qadjiet li jirrigwardaw il-minuri u li tali somma ghandha tkun ta' sitt mitt ewro (€600) ghal hames snin mit-twelid tal-minuri sal-ewwel digriet tal- manteniment cioe sas—26 ta' Gunju 2016 ammont totali ta' tlett elef ewro (€3000). Il-konvenut jghid ukoll a fol 738 ghaliex ma ghandux ihallas ghal dawn l-ispejjez u cioe:*

*Item 2 clothes/shoes etc, Item 3 child care, Item 23 C's birthday party, Item24, educational toys, Item 27 tricycle/scooter/bicycle, Item 28 cerelac, Item 29 milk, Item 30 food, Item 33 medical expenses, Item 35 satchel/lunchbox/bottle, Item 39 wipes and tissues, Item 40 nappies, Item 42, stationery for school, Item 43 Klabb 3-16, Item 44 Kinder 1 expenses, Item 46 Kinder 2 expenses, Item 47 swimming course, Item 48 stage coach, Item 49 swimming course, Item 52, summer school fee, Item 53, name tags, Item 54 items needed for baby C, Item 55 school uniform/runners, education expenses Jan-July 16, educational & medical expenses Aug – Dec 16, Educational & Medical Expenses Jan -Dec 17. Sa item 41 il-perit legali diga rrelatat dwarhom wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti.*

***Item 42 stationary for school – il-konvenut ghandu jghaddi nofs cioe €63***

***Item 43 klabb 3-16** - Permezz ta' affidavit fol 648 **Corinne Vella, Service Manager mal-Fondazzjoni ghal Servizzi Edukattivi** prezentat dokumenti li juru s- sieghat li attendiet l-minuri C B u l-mizata relattiva u dan ghal perjodu mis-sena 2014 sat-30 ta' Mejju 2018 d-data ta' meta hadet dan l-affidavit. Dawn id-dokumenti huma ircevuti ta' pagamenti li saru mill-attrici lill-istess Fondazzjoni u li jammontaw ghal €439.60c li minnhom €75 biss huma tas-sena 2017. Ircevuti ghas-sena 2016 u tas-sena 2018 ma gewx prezentati. L-attrici a fol 256 tghid li fis-sena 2014 hija halset €54 u fis-sena 2015 hija halset €319.80c u li s-somma hija ragonevoli tenut kont li t-total huwa ta' €373.80 u **ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddi n-nofs cioe €186.90c**.*

***Item 44 kinder 1 expenses scholastic year** – dawn huma dovuti u l-konvenut ghandu jghaddi nofs is-somma ta' €141.52 u cioe 70.76c.*

***Item 45 Christmas Presents for teachers and Klabb teachers**: l-konvenut ghandu jghaddi nofsis-somma ta' €164. In kontro-ezami (seduta 15 ta' Ottubru 2020) il-konvenut xehed li*

*dawn l-ispejjez ma ghandhomx x'jaqsmu ma' manteniment u l-attrici ghandu jkollha xi haga x'turi dwar dawn l-ispejjez. Izda huwa imissu jaf li t-tfal iridu jhossuhom bhal tfal ohra u jaghtu rigal lill-ghalliema.* ***Huwa ghandu jghaddilha €82.***

***Item 46 kinder 2 expenses scholastic year till end of October 2015, €220.93 – il-konvenut ghandu jghaddi nofs dawn l-ispejjez u cioe €110.46c.***

***Item 47 swimming course: €96.*** *Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018,* ***xehed Dr Adrian Camilleri mill-Malta Football Association*** *u spjega li l-minuri kienet tattendi lezzjonijiet tal-ghawm bejn spring 2015 sa Gunju 2015 u l-ispejjez kienu ta' sitta u disghin ewro (€96). Il-konvenut ghandu jiehu pjacir li omm bintu qed tghallimha l-ghawm ukoll u* ***ghandu jhallas €48.***

***Item 48 drama/dancing school stage coach and uniform pantos:*** *l-attrici prezentat Dok "1 biex tipprova li hija nefqitilha s-somma ta' €393.53 u l-****konvenut ghandu jghaddi n-nofs cioe €196.76c****.*

***Item 49 swimming course summer – 40 ewro dok 22. Il-konvenut ghandu jghaddi 20 ewro lill-attrici.***

***Item 50 extra judicial fees paid to Dr Sladden fil-kawza tal-paternita*** *fl-ammont ta' 1287.37c. A fol 738 il-konvenut jghid li dawn l-ispejjez ma ghandux ibaghtihom hu. Izda l-perit legali ma taqbilx ma dan ghax jekk huwa ried jirrikonoxxi lil bintu kien hemm proceduri li jiswew anqas u setgha sar test tad-dna ex parte. L-attrici qed tippretendi li tithallas l-ispejjez kollha izda hija l-fehma tal-perit legali li dan ma ghandux ikun stante li kienet hija li ddikjarat lil missier it-tarbija bhala father unknown. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas nofs dawn l-ispejjez u cioe* ***€643.68c****.*

***Item 51 – outing during the week and weekends for C:*** *dawn ma ghandux ibaghtihom il-konvenut.*

***Item 52 summer school fee. Il-konvenut ghandu jhallas in-nofs cioe €108.80c****.*

***Item 53 name tags – il-konvenut ghandu jhallas in-nofs u cioe €8.64***

***Item 54 items needed for baby C €7176.37c dok 26. Il-perit legali hija tal-fehma li tali items kienu bzonjuzi ghat-tifla u ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddilha n-nofs cioe €3588.18c.***

***Item 55 school uniforms shoes/runners: €196.30 u l-konvenut ghandu jhallas in-nofs cioe €98.15c***

***Item 56 educational expenses Jan sa July 2016 l-konvenut ghandu jghaddi nofs €203.58 cioe €101.79c***

***Item 57 education and medical expenses from August 2016 to December 2016*** *– dawn mhux dovuti stante li huma spejjez li saru wara d-digriet tal-manteniment tas-26 ta' Lulju 2016 u l-attrici intavolat proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar dwar dawn l-ispejjez.*

***Item 58 – education and medical expense from Jan 2017 u Dec 2017*** *– dawn mhux dovuti stante li huma spejjez li saru wara d-digriet tal-manteniment tas-26 ta' lulju 2016 u l-attrici intavolat proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar dwar dawn l-ispejjez.*

*Jigi rilevat li l-attrici fl-affidavit taghha a fol 151 li spejjez mis-sena 2011 sas-sena 2017 ghamlet kif gej:*

*Sena 2011 - €24,475.51*
*Sena 2012 - €19,091.74*
*Sena 2013 - €21,089.91*
*Sena 014 - €21,963.39*
*Sena 2015 - €22,605.07*
*Sena 2016 - €13,289.89 sa Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u €8,453.63 ghax- xhur ta' Awissu, settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru tas-sena 2016.*
*Sena 2017 - €20,902.93c*

*Total €151.872.07 u ghalhekk hija tipprezenta n-nofs cioe €75,936.04. hija prezentat rendikont ta' dawn l-ispejjez Dok RV19.*

*Il-konvenut, mil-banda l-ohra jikkontendi li sehemu ta' dawk l-ispejjez li huwa jaccetta in principju ma jaqbizx is-somma ta' €35,540.76c u fil-kontro-ezami (15 ta' Ottubru 2020) huwa xehed bil-gurament li huwa lest li jghaddilha hamsa u tletin elf ewro (€35,000).*

***Illi l-perit legali meta ghoddiet it-total tas-somma li fil-fehma umli taghha huma dovuti lil konvenut dawn igibu total ta' tnejn u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin ewro (€32,125) dejjem skond il-kalkoli tal-perit legali. Stante li l-konvenut ddikjara li huwa lest li jghaddilha s-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) huwa ghandu jghaddilha din is-somma ta' €35,000.***

*Hija l-umli fehma tal-perit legali li l-hin li kull omm tqatta fit-trobbija ghal uliedha ghandu jigi kumpensat ukoll tenut kont li dan il-hin l-omm tissagrifikah mil-hin taghha ghal uliedha. Izda dwar dan il-perit legali thalli fl-idejn abbli tal-Qorti.*

***Is-seba talba attrici – ordni sabiex l-konvenut ihallas dawn l-arretrati ta' manteniment****. Is-seba talba attrici hija sabiex l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-esponenti A B dik is-somma likwidata a itermini tat-talba precedenti bhala arretrati ta' manteniment. Din it-talba ghandha tigi milqugha fis-somma likwidata fis-sitt talba u cioe fis-somma ta' €35,000.*

***It-tmien talba attrici*** *– Fit-tmien talba l-attrici qed titlob li din il-Qorti joghgobha tordna u tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma likwidata ai termini tas-seba talba dwar arretrati ta' manteniment. Il-konvenut eccepixxa kif gej: Illi fir-rigward tas-seba u tmien talba u minghajr pregudizzju ghall-hames eccezzjoni li l-eccepjenti jzomm ferm maghha, ghand jigi specifikat li l-attrici ma hiex qed titlob arretrati ta' manteniment per se, izda qed titlob ir-rifuzjoni ta' spejjez allegatament inkorsi minnha – dan ifisser li l-attrici trid iggib l-ahjar prova tal-ispejjez allegatament inkorsi minnha li jridu jkunu konnessi mad-disposti tal-*

*artikolu 19 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sa llum* ***qatt*** *ma sar; Din it-talba ghandha tigi milqugha fis-somma likwidata fis-sitt talba u cioe fl-ammont ta' €35,000c.*

**Dwar id-disa talba – *spejjez ta' sahha,* edukazzjoni u extra-kurrikulari.** *Fid-disa talba taghha l-attrici qed titlob li l-konvenut ihallas l-ispejjez kollha jew porzjoni stabbilia appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri C D B u dana kemm ghal dawk li huma mizati u spejjez kurrikulari kif ukoll extra-kurrikulari tal-minuri C D B. Il-konvenut fir-risposta guramenta tieghu jeccepixxi li in kwantu ghad-9 talba, mhux car u mhux mifhum il-kuntest ghal din it-talba meta diga sarutalbiet ghal-manteniment, inkluz arretrati, l-eccepjenti jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment wara li l-attrici taghti d-debita kjarifika; u li in kwantu ghall-ispejjez kif mitluba, jigi eccepit li ma hux gust li l-ispejjez kollha jigu akkollati lill-eccepjenti u dan ghas-segwenti ragunijiet li se jigu ppruvati waqt it- trattazzjoni tal-kawza:*

*a) l-eccipjenti kien ilu minn Novembru 2015 jitlob lill-attrici tghaddilu l-proposti taghha sabiex il-kwisjtoni tigi risolta amikevolment – kien biss fit-2 ta' Mejju 2016 li l-attrici ghogobha tressaq il-proposti taghha u l-uniku kuntrat li ghogbha taghmel bejn l-ghoti tas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2015 u t-2 ta' Mejju 2016 kien biss u nikament sabiex tigbor l-ispejjez ta' dik il-kawza u sabiex l-eccepjenti jiffirmalha ghall-passaport tal-minuri;*

*b) il-pretensjonijiet maghmula mill-attrici f' Mejju 2016 kienu esorbitanti, abbuzivi u eccessivi u kienu jinkludu spejjez li ma jinkwadrawx taht il-kappa tal-manteniment – huwa ovvju minn hekk li l-attrici qatt ma riedet tasal mal-eccepjenti;*

*c) illi ma kien hemm ebda raguni li jsir Mandat ta' Sekwestru kontra l-eccepjenti, izjed u izjed fl-ammont ta' €70,000 – dan huwa tentattiv car sabiex tipprova ggib lill-eccepjenti gharkubtejh biex icedi ghall-pretensjonijiet abbuzivi li diga saret referenza ghalihom u minn issa l-eccepjenti qieghed jirrizerva kull azzjoni spettanti lilu skond il-ligi fil-konfront tal-attrici inkluz ghad-danni;*

*d) illi dan kollu ser jindika kif l-agir tal-attrici (mhux l-azzjoni odjerna per se, izda l-modus operadi taghha, kien intiz biss u unikament bhala vendikazzjoni kontra l-eccepjenti talli kien) illi dan kollu jindika kif l-agir tal-attrici (mhux l-azzjoni odjerna per se izda l-modus operandi taghha, kien intiz biss u unikament bhala vendikazzjoni kontra l-eccepjenti talli kien temm ir-relazzjoni u mhux ghax fil-verita l-attrici ghandha s-suprem interess tal-minuri 'at heart'.*

*Dwar din it-talba l-perit legali diga rrelatat fit-taqsima li tirrigwarda likwidazzjoni ta' somma ta' manteniment li fl-umli fehma taghha ghandha tinkludi l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha. Dwar l-ispejjez extra – kurrikulari l-attrici ghajr prova li xtrat pjanu t-tifla ma gabitx u ebda prova ta' spejjez ta' attivita extra kurrikulari qed tattendi t-tifla fil-prezent ma gabet. Gabet prova li t-tifla attendiet xi swimming lessons izda mhux x'qed tattendi t-tifla fil-prezent. U ghalhekk il-perit legali ma tistghax tirrelata dwar l-ispejjez extra-kurrukulari.*

*Tali talba ghandha tigi michuda kemm-il darba din il-Qorti tiddeciedi li taqbel mal-perit legali u tordna li l-konvenut ghandu jhallas somma wahda fix-xahar bhala manteniment ghal minuri li ghandha tinkludi kollox.*

***Talba tal-konvenut dwar l-access***

*Fir-risposta guramentata tieghu, l-konvenut para 10, eccepixxa li filwaqt li l-attrici f'din il-kawza mohha biex tghaffeg lill- eccepjenti u tnehhi d-drittijiet tieghu, dina l-Onorabbli Qorti ghandha, bl-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghit kull direttiva u/jew ordni fir-rigward tal-access favur l-ecccepjenti.*

*Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2018 fuq talba tal-perit legali l-konvenut accetta li jibda jkollu access ghal bintu u bi qbil bejn il-partijiet dan kellu jsir kull nhar ta' Tnejn mil-5pm sas-7pm u nhar ta' hamis fl-istess hinijiet u fil-weekend temporanjament dan ikun fil-gurnata tas-Sibt mill-11am sas-1pm u dan fil-prezenza tal-omm fuq ix-xewqa tal-omm ghax skond hi t-tifla qatt ma rat lil missierha.Fis-seduta tas-17 ta' April 2018 l-avukat tal-konvenut irrileva li l-access mhux qed ikun possibbli stante li kull meta l-konvenut jikkomunika mal-attrici hija ma tirrispondix izda l-attrici cahdet dan u li sahansitra hija hadet it-tifla l-Mcdonalds u l-konvenut ma tfaccax.*

*A fol 155 l-attrici tghid kif kien wara li l-esponenti perit legali insistiet mal-konvenut biex huwa jibda relazzjoni ma' bintu li accetta li jibqa jara lil bintu. Dan kien fi Frar tas-sena 2018 meta iltaqghu fejn il-playground tan-Naxxar. Izda gara li l-konvenut hlief jinterrogaha fuq ommha ma ghamilx tghid l-attrici u jmaqdar lil attrici u jghidilha li ommha semmietha isem ikreh. It-tifla kienet tmur lura imbikma u missierha qatt ma hadilha xejn la cikkulata, helu jew xi toy, u la Milied u birthday qatt ma cemplilha jew xtralha rigal. Hija tghid fol 155 li tnejn biss kienu l-okkazjonijiet li l-konvenut iltaqa ma bintu fil-mori ta' din l-kawza u fit-tilet appuntament hallihom jistennewh McDonalds tan-Naxxar minghajr ma indejnja javaaha li ma kienx sejjer. Hija tammetti li kienet ser tittardja bi ftit izda avzatu b'messagg u skond hi l-konvenuta njoraha u meta baghtitlu biex jara fejn baqa huwa infurmaha li ma kienx gej. Wara skopriet li kien ghadu hareg digriet fejn il-manteniment gie ridott u li ghalhekk l-konvenut kien lahaq l-iskop tieghu.*

*Kienu tnejn l-okkazjonijiet li l-konvenut iltaqa ma bintu u t-tielet appuntament hallihom jistennew hdejn McDonalds tan-Naxxar ghal xejn.*

***Fil-kontro-ezami taghha (seduta 28 ta' Novembru 2019) l-attrici xehdet*** *li messaggi kull gimgha l-konvenut ma kienx jibghatilha u meta irceviet xi messaggi kien meta l-perit legali ghamlet pressure biex huwa jiltaqa mat-tifla. Darba fi Frar kienet ix-xita hdejn il-bandli tan-Naxxar hija tghid li l-konvenut iltaqa mat-tifla u regghet tenniet li huwa beda jaghmlilha hafna mistoqsijiet lit-tifla li dejjaqha u qallha li ghandha isimha ikreh u wara dakinhar kien biex jiltaqa maghha hdejn il-bandli tar-Rabat u minhabba li kiella baby ta' sitt xhur u kien Frar kienet issugerietlu li jiltaqghu Macdonalds in-Naxxar u l-konvenut kien mar. darba ohra ftehmu fl-istess post u u hallihom jistennew u meta baghatitlu messagg biex jara hux gej l-konvent qallha li ma kienx gej u minn dakinhar ma talbiex aktar biex jara t-tifla. Hija tammetti li bidlet n-numru tal-mobile u fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 tammetti li lil konvenut hija ma ghaddietlux in-numru l-gdid tal-mobile taghha ghax lilha ghamilielha cara li ma jridx ikellimha u li ghamlet sentejn qabel bdiet il-kawza tipprova tikkomunika mieghu. Hija tghid li l-mobile number bidlitu ghax kienet qed tircevi telefonati anonimi.*

*Il-***verzjoni tal-konvenut a fol 742 hija differenti:** *huwa jghid li l-attrici marret tard u lanqas infurmatu li sejra tard; marret ghall-access ma 'mara ohra u t-tifel taghha. Bilkemm laqu wasli li l-attrici kienet mohha f'dak li ha jieklu McDonalds tan-Naxxar/Gharghur fejn ftehmu li jiltaqghu, inhela hafna hin sakemm ordnaw u kielu, wara ftit baghtet lit-tifla tilghab fil-play area fuq; u kien biss meta sarlu l-hin biex jitlaq li qalet lit-tifla biex tohrog mil-play area u dak il-hin mohh l-attrici kien biex tpoggi l-kliem f'halq it-tifla biex imur jiffirma l-karti tal-passaport tat-tifla ghax kienu ha jsiefru.*

*Huwa pprezenta numru ta' chats biex juri li ma kienx tort tieghu li ma iltaqghax mat-tifla izda t-tort huwa imputabbli lill-attrici li dejjem sabet xi skuza jew ohra biex thallih jara lit-tifla. Fol 757 et*

*Huwa jammetti li ma ghamel ebda sforz sabiex jara it-tifla u li kien biss fuq direzzjoni tal-perit legali waqt wahda mis-seduti li nzammu quddiemha li huwa beda jara t-tifla izda jghid li dan gara darba wahda biss ghax wara l-attrici dejjem ghamlitha difficli biex huwa jara t-tifla u li skond hu dan gara hekk kif hareg id-digriet ta' manteniment li rriduca l-ammont ta' manteniment li huwa ghandu jhallas lil minuri.*

*Il-konvenut jghid li fl-eccezzjonijiet tieghu huwa qed jaghmel din it-talba sabiex huwa jkollu access ghal bintu.*

*Illi din hija materja delikata hafna fl-umli fehma tal-attrici. It-tifla twieldet fit-3 ta' Mejju 2011 u ghalhekk f'Mejju li gej ser taghlaq ghaxar (10) snin u f'dawn l-ghaxar snin jekk rat darbtejn lil missierha u zgur li ma tarax lil missierha b'lenti tajba.*

*Li ghalhekk mhix kwistjoni li jigi ffissat l-access meta ghad ma hemm ebda relazzjoni bejn il-missier u bint. Il-missier irid jahdem ghaliha din ir-relazzjoni u dan billi jaccetta li bi zball jew mhux, billi dahqet bih l-attrici jew mhux dik hija bintu u ma tahti xejn ghal dak li gara. Li ghalhekk hija l-umli fehma tal-perit legali li l-access kif miftiehem bejn il- partijiet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2018 u cioe kull nhar ta' Tnejn mil-5pm sas-7pm u nhar ta' Hamis fl-istess hinijiet u fil-weekend temporanjament dan ikun fil-gurnata tas-Sibt mill-11am sas-1pm u dan ma jkunx fil-prezenza tal-omm.*

*Kontemporanjament il-konvenut ghandu bzonn jibda sessions ma child psychologist flimkien ma bintu sabiex jibni relazzjoni ma' bintu u tkun fid-diskezzjoni tac-child psychologist li tiddeciedi jekk l-attrici ghandhiex ukoll bzonn tattendi dawn is-sessions. Biss jekk il-missier mhux lest li jaccetta li bintu ma tahtix li giet fid-dinja u jitlob apologija lil bintu fir-rigward, l-iskop tal-access jintilef.*

*Lanqas ma huwa kaz li l-Qorti tisma lit-tifla anke permezz ta' nomina tal-Avukat tat-Tfal u dan ghaliex kollha nafu xi jkun l-ezitu tar-rapport tat-tfal cioe li t-tifla ma tridx tara lil missierha u ghalhekk tigi rispettata d-decizjoni tat-tifla.*

*Pero din hija l-fehma umli tal-esponenti li tammetti li mahiex esperta fir-rigward ta' bini ta' relazzjoni bejn genitur u bintu.*

***Spejjez ta' dawn il-proceduri***

*L-attrici qed titlob li dina l-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jigu sopportati kollha mill-konvenut.*

*Il-konvenut jikkontendi a fol 744 et li l-attrici qatt ma wriet rieda tajba biex il-kwistjoni tal-manteniment u kura u kustodja tigi risolta bonarjament. Hija riedet tidhol il-qorti u ttawwal biex minghaliha tpattihielu. Huwa ghamel divesi tentattivi ghal ftehim bonarju izda l-attrici ma riedet taf b'xejn. Anke meta hija bidlet l-avukat u minflok Dr Richard Sladden, hija qabdet lil Dr William Cuschieri huwa kien jitlobha tibghatlu l-ircevuti tal-ispejjez izda tali ircevuti qatt ma ghaddielu. Huwa baghat abozz ta' kuntratt fis-16 ta' Ottubru 2017 u wara sitt xhur l-avukat tieghu jigri wara l-avukat taghha u anke fuq stedina tal-perit legali, hija baqghet ma baghet ebda kontro-proposta.*

*F'dan ir-rigward il-perit legali thalli fl-idejn abbli ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Konkluzjoni:*

***L-ewwel talba** – din ghandha tigi milqugha*

***It-tieni talba-** Ghaldaqstant il-perit legali hija tal-fehma li d-decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandha tehodhom esklussivament il-attrici b'dan li:*

a. *l-attrici ghandha tinforma lil konvenut bl-isem tal-iskola fejn tattendi l-minuri;*
b. *il-konvenut ikollu access ghall-informazzjoni dwar il-minuri minghand id-dirigenti tal-iskola u mill-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti dwar l-istess minuri;*
c. *li l-attrici ghandha tinforma lil konvenut jekk il-minuri tkun ma tiflahx jew tkun rikoverata l-isptar;*
d. *li l-awtoritajiet tal-isptar ghandhom ihallu lil konvenut fejn il-minuri tkun rikoverata jara lill-istess minuri;*
e. *Li l-konvenut ikun jista jattendi l-Prize Day's u Parents Day tal-minuri;*
f. *Li l-konvenut ikun jista jitlob informazzjoni dwar il-minuri minghand l-ghalliema tal-attivitajiet extra-kurrikulari taghha jekk ikun il-kaz.*

***It-tielet talba**: Ghaldaqstant hija l-fehma tal-perit legali li tali talba ghandha tintlaqa u meta l-konvenut jaghmel sforz sew anke permezz ta' phsycological sessions bejnu u bejn bintu u omm bintu l-attrici u skond l-istess artikolu 154 tal-Kap 16 u jibda relazzjoni mat-tifla tali setgha tal-genitur a bazi tal-artikolu 154(6) tal-istess Kap jista jerga jitqieghed lilu fl-ezercizzju tal-jeddijiet li jkun tilef jekk ma tibqa ir-raguni li ghaliha tkun telfitu dawk il-jeddijiet.*

***Ir-raba talba**: Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-perit legali din it-talba ghandha tigi milqugha u l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ghal minuri fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar liema manteniment jinkludi l-ispejjez kollha rigwardanti l-isess minuri purche li kwalunkwe spiza ta' sahha li teccedi is-somma ta' mitt ewro (€100) u li ghaliha ma*

*jghamilx tajjeb l-istat, din ghandha tithallas mil-partijiet konguntivament bil-kunsens moghti preventivament bil-miktub mil-partijiet.*

***Il-hames talba**: Ghaldaqstant din it-talba fl-umli fehma tal-perit legali ghandha tigi milqugha u l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghal minuri fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar liema somma tinkludi l-ispejjez rigwardanti l-minuri purche li kwalunkwe spiza ta' sahha li teccedi is-somma ta' mitt ewro (€100) u li ghaliha ma jghamilx tajjeb l-istat, din ghandha tithallas mil-partijiet konguntivament bil-kunsens moghti preventivament bil-miktub mil-partijiet.*

***Is-sitt, seba u tmien talba**: dawn ghandhom jigu milqugha u l-konvenut jghaddi lil attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000).*

***Id-disa talba**: din ghandha tigi michuda kemm-il darba tilqa dak li rrelatat il-perit legali cioe li l-manteniment ghandu jinkludi l-ispejjez kollha rigwardanti l-minuri ghajr kwalunkwe spiza ta' sahha li teccedi is-somma ta' mitt ewro (€100) u li ghaliha ma jghamilx tajjeb l-istat, din ghandha tithallas mil-partijiet konguntivament bil-kunsens moghti preventivament bil-miktub mil-partijiet.*

***L-ghaxar talba hija t-talba tal-konvenut dwar l-access:** Li ghalhekke hija l-umli fehma tal-perit legali li l-access kif miftiehem bejn il-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2018 u cioe kull nhar ta' Tnejn mil-5pm sas- 7pm u nhar ta' Hamis fl-istess hinijiet u fil-weekend temporanjament dan ikun fil-gurnata tas-Sibt mill-11am sas-1pm u dan ma jkunx fil-prezenza tal-omm.*

*Kontemporanjament il-konvenut ghandu bzonn jibda sessions ma child psychologist flimkien ma bintu sabiex jibni relazzjoni ma' bintu u tkun fid-diskezzjoni tac-child psychologist li tiddeciedi jekk l-attrici ghandhiex ukoll bzonn tattendi dawn is-sessions. Biss jekk il-missier mhux lest li jaccetta li bintu ma tahtix li giet fid-dinja u jitlob apologija lil bintu fir-rigward, l-iskop tal-access jintilef.*

*Lanqas ma huwa kaz li l-Qorti tisma lit-tifla anke permezz ta' nomina tal-Avukat tat-Tfal u dan ghaliex kollha nafu xi jkun l-ezitu tar-rapport tat-tfal cioe li t-tifla ma tridx tara lil missierha u ghalhekk tigi rispettata d-decizjoni tat-tifla.*

*Pero din hija l-fehma umli tal-esponenti li tammetti li mahiex esperta fir-rigward ta' bini ta' relazzjoni bejn genitur u bintu.*

*Il-hdax il-talba hija dwar l-ispejjez tal-kawza: il-perit legali tirrimetti ruhha kif spjegat fir-relazzjoni.*

*Salv l-esponenti qeghda tissottometti lil dina l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment

morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha, tenut kont ukoll tan-noti ta' sottomissjonijiet u kritika ppreżentati mill-partijiet kontendenti.

## 4. L-Azzjoni Odjerna:

Din hija azzjoni li tirrigwarda l-minuri C D B. Il-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin u kellhom relazzjoni intima, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri C D B nhar it-3 ta' Mejju 2011. Il-frekwentazjoni tal-partijiet intemmet żmien ilu, iżda wara li l-konvenut ġie ddikjarat bħala l-missier naturali tal-minuri permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar is-26 ta' Mejju 2015, tenut kont ukoll tan-nuqqas ta' involviment tal-konvenut f'ħajjet il-minuri sa minn twelidha u kif ukoll tan-nuqqas ta' responsabbilita' bħala ġenitur illi jieħu ħsieb, jmantni u jeduka lil minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri tiġi formalment regolata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti:

i. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi;

ii. Tawtorizza lill-attriċi tieħu waħedha kwalunkwe deċiżjoni rigward il-minuri, inkluż dawk relatati mas-saħħa u edukazzjoni;

iii. Tordna li l-konvenut jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha tas-setgħa ta' ġenitur;

iv. Tiddikjara li l-konvenut kellu u għad għandu l-obbligu li *inter alia* jmantni u jikkontribwixxi għall-manteniment tal-minuri b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri;

v. Tillikwida manteniment għall-ħtiġijiet tal-minuri, liema somma għandha tkun revedibbli minn żmien għal żmien, u konsegwentament tordna lill-konvenut sabiex iħallas tali manteniment inkluż iż-żidiet perjodiċi;

vi. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data effettiva tal-kundanna tal-ħlas ta' manteniment, u konsegwentament tordna lill-konvenut sabiex iħallas tali somma ta' arretrati ta' manteniment;

vii. Tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha jew porzjon minnhom, relatati mas-saħħa, edukazzjoni u extra-kurrikulari tal-minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu, eċċepixxa illi filwaqt li jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn l-attriċi, huwa jirriżerva l-awtorita' ta' ġenitur u dana anke' billi jkollu l-fakolta' li jieħu deċiżjoni konġunta mal-attriċi fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Magħdud ma' dan, il-konvenut jaqbel li għandu jitħallas manteniment għal minuri iżda tali manteniment għandu jirrifletti l-bżonnijiet tal-minuri u l-mezzi finanzjarji tiegħu. Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, il-konvenut jisħaq li kwalsiasi arretrati jew hekk kif isejħilhom hu stess *"rifużjoni ta' spejjeż inkorsi"*, għandhom ikunu dovuti mid-data li huwa ġie rikonoxxut bħala l-missier naturali u mhux mid-data tat-twelid tal-minuri, salv illi l-attriċi tressaq l-aħjar prova tal-ispejjeż inkorsi minnha f'tali żmien. Finalment, il-konvenut jeċċepixxi illi l-Qorti għandha tapplika l-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, u dan senjatament fid-dawl tal-aċċess. Fil-fehma tal-konvenut, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu allokati fi sħiħ jew *se mai* in parte lill-attriċi.

## 5. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

## 6. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-

kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[23] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[24] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[25] u **Maria Dolores sive Doris H vs. Anthony H,**[26] illi*"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[27] u **Marlon Grech vs Charlene**

[23]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[24]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[25]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[26]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[27]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).

**Banks**[28] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' *setgħa tal-ġenitur*, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. Magħdud ma' dan, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *'Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri'*. Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur 1i jibqa' ħaj.*

[28]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, iżda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiż-żwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux miżżewġin *o meno.*

Fir-rigward ta' *__manteniment__,* il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,* għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-<u>*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*</u>, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet*

***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 7. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi sforz tali aġir, ikunu l-ġenituri stess li jagħżlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni krudili, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għożża li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sinteżi tal-każ odjern, fejn l-konvenut għal żmien twil għażel li ma jerfax ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala missier versu bintu b'mod kostanti, bil-konsegwenza li tefa' l-piż tat-trobbija tal-minuri esklussivament fuq spallejn l-attriċi filwaqt li hu għażel li jgħix ħajtu b'tali manjiera li żgur ma kienetx tinkludi lill-minuri C D B.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR: IL-KURA, IL-KUSTODJA U S-SETGĦA TAL-ĠENITUR

### i. L-Ewwel Talba – *L-Attriċi tiġi Ordnata tieħu Esklussivament f'idejha l-Kura u Kustodja tal-Minuri*:

Il-Qorti tara li l-Perit Legali waslet għal konklużjoni illi *"in vista li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni li l-attrici tigi fdata l-kura u kustodja tal-minuri din it-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha"*.[29] Min-noti ta' kritika tal-partijiet, jidher li kemm l-attriċi,[30] kif ukoll il-konvenut,[31] jikkonfermaw li jaqblu mal-konklużjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tal-minuri C D B għandha tiġi esklussivament fdata f'idejn ommha A B, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha.

### ii. It-Tieni Talba – *L-Attriċi tiġi Awtorizzata tieħu waħedha Kwalunkwe Deċiżjoni rigward il-Minuri, inkluż dawk relatati mas-Saħħa u Edukazzjoni*:

---

[29] Fol. 1666.
[30] Fol. 1702 *"L-esponwnti taqbel ma' dan is-sejbien u taghmel referenza għan-nota ta sottomissjonijiet tagħha u għar-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Anna Mallia"*.
[31] Fol. 1757 *"L-esponent ma joggezzjonax ghal dan izda jiccara li hu dejjem prova jibni relazzjoni ma' bintu C izda, kif johrog mill-atti, l-attrici ghamlitha difficli hafna sabiex l-intimat jezercita' l-access lejn bintu"*.

Il-Qorti tara li l-Perit Legali waslet għal konklużjoni illi *"d-deċizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandha tehodhom esklussivament l-attrici"*, salv numru ta' kundizzjonijiet li l-konvenut ikollu dritt għalihom, senjatament: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day,* (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha. Jidher li ż-żewġ partijiet qablu ma' tali konklużjoni.[32]

Madanakollu, il-Qorti tara li l-Perit Legali ma ħadietx konjizzjoni tal-fatt illi t-talba tal-attriċi ma tiċċentrax biss fuq il-kwistjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri, hekk kif fil-fatt tali talba hija sabiex *"tawtorizza lill-esponenti tiehu <u>kwalunkwe decizjoni wahedha</u> rigward il-minuri C D B <u>inkluzi dawk ta' sahha u edukazzjoni</u>"* (sottolinejar ta' din il-Qorti). Għaldaqstant dan ifisser li dak li trid l-attriċi huwa li tkun libera li tiddeċiedi waħedha fuq kull aspett tal-ħajja tal-minuri, inkluż <u>iżda mhux limitatament</u> għal kwistjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija obbligata li tara oltre minn tali kwistjonijiet.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, fejn il-kwistjoni ta' spejjeż hija ta' problema kruċjali u kostanti bejn il-partijiet, il-Qorti tordna illi:

*<u>Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja</u>* għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, inkluż dawk elenkati mill-Perit Legali u oħrajn bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

*<u>Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja</u>* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, u (iv) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet.

### iii. It-Tielet Talba – *Ordni sabiex il-Konvenut jiġi Mneħħi mill-Jeddijiet kollha tas-Setgħa ta' Ġenitur*;

[32] L-attriċi, a fol. 1703 *"L-esponenti taqbel ma' din il-konkluzjoni"*; Il-konvenut a fol. 1757 *"L-intimat fiċ-cirkostanzi, ma jsibx oggezzjoni ghall-konkluzjoni milhuqa mill-Perit Legali dwar l-ewwel talba (kif taqbel ukoll l-attrici), diment illi dak konkluz mill-Perit Legali dwar it-Tieni Talba jigi attwat fattwalment mill-attrici (li taqbel mal-istess konkluzjonijiet tal-Perit Legali, kif jaqbel l-esponent)"*.

F'dan ir-rigward, il-Perit Legali tagħmel referenza għall-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, u waslet għal konklużjoni illi *"tali talba ghandha tintlaqa u meta l-konvenut jaghmel sforz sew anke permezz ta' psychological sessions bejnu u bejn bintu u omm bintu l-attrici u skond l-istess artikolu 154 tal-Kap 16 u jibda relazzjoni mat-tifla tali setgha tal-genitur a bazi tal-artikolu 154(6) tal-istess Kap jista jerga jitqieghed lilu fl-ezercizzju tal-jeddijiet li jkun tilef jekk ma tibqa ir-raguni li ghaliha tkun telfitlu dawk il-jeddijiet"*.[33] Jirriżulta li l-Perit Legali waslet għal din il-konklużjoni stante illi fil-fehma tagħha: (a) il-konvenut naqas li jaqdi wieħed mill-obbligi elenkati fl-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, ċjoe' li jieħu ħsieb, imnatni u jeduka lill-bintu, (b) il-konvenut stenna sakemm ikun hemm digriet *pendente lite* sabiex jibda jħallas manteniment għall-ħtiġijiet tal-minuri, u (iii) għall-aċċess baqa' jġib l-iskużi li qiegħed jistenna l-eżitu ta' din il-kawża.

Min-naħa l-oħra, l-attriċi taqbel penjament mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali,[34] filwaqt li l-konvenut qiegħed jikkontesta tali konklużjoni hekk kif skontu huwa *"dejjem prova jibni relazzjoni ma' bintu C izda, kif johrog mill-atti, l-attrici ghamlitha difficli hafna sabiex l-intimat jezercita' l-access lejn bintu (u ovvjament wiehed ma jistax jinsa l-fattur tal-parental alienation li jkun sar a detrement tal-intimat matul iz-zmien"*,[35] u jikkorrabora l-verżjoni tiegħu billi jagħmel referenza għan-numru ta' messaġġi li hu kien jibgħat għal tlett (3) snin sħaħ lill-attriċi sabiex jiġi eżerċitat l-aċċess kif mifthiem volontarjament bejniethom.[36] Il-konvenut jisħaq illi *"sfortunatament kien hemm bidla min-naha tal-attrici meta l-esponent kien ghamel rikors sabiex l-ammont tal-manteniment jigi mnaqqas, wara li l-Perit Legali kienet indikat illi l-istess attrici kienet qed ittawwal il-proceduri bla bzonn. Dina l-Onorabbli Qorti kienet laqghet it-talba tal-esponent u sussegwentament naqqset il-manteniment dovut minn hames mitt Euro (€500) fix-xahar, ghal mitejn u hamsin Euro (€250). Inserta illi fiz-zmien li nghata dan id-digriet, l-attrici, u din mhux koincidenza jew kumbinazzjoni, waqfet tara u twiegeb il-messaggi tal-esponent. L-attrici fix-xhieda taghha kienet anki indikat illi biddlet in-numru taghha u fl-ebda hin ma ghaddiet in-numru gdid lill-esponent. Ovvjament fic-cirkostanzi huwa difficli li l-esponent jirnexxielu*

---

[33] Fol. 1670.
[34] Fol. 1703 *"L-esponenti taqbel m' din il-konklużjoni b'dan illi fattwalment hija tixtieq tirreġistra l-fatt illi l-konvenut qatt ma għamel xi sforz kif prospettat mill-Perit Legali u jidher illi huwa għandu dżinteress f'bintu bl-aktar mod kategoriku u assolut"*.
[35] Fol. 1759.
[36] Fol. 757 – 795, fejn juru l-messaġġi mibgħuta mill-konvenut għall-aċċess mit-12 ta' Frar 2018, u jirriżulta li mit-8 ta' Marzu 2018 'il quddiem l-attriċi qatt ma wieġbet għall-messaġġi tal-konvenut.

*johloq relazzjoni ma' bintu jekk hemm rezistenza tali min-naha tal-omm illi jsir dan".*[37]

Il-Qorti tibda sabiex tfakkar illi meta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser ta' bilfors illi tali ġenitur għandu jkun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. F'dan il-kuntest il-Qorti tara idoneju li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef pro et noe vs. Ramona Caruana**,[38] fejn ġie ċċarrat dan il-prinċipju: *"(...) s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb".*

Stabbilit il-premess, il-Qorti tirrileva illi hija tifhem il-pożizzjoni mehuda mill-Perit Legali, pero' ma temminx illi tali pożizzjoni drastika għandha tittiehed f'dawn iċ-ċirkostanzi. Huwa minnu li mit-twelid tal-minuri, ċjoe' mit-3 ta' Mejju 2011 sal-ġurnata meta ngħatat is-sentenza rigward il-paternita' tal-minuri, il-konvenut naqas milli jonora l-obbligi tiegħu bħala ġenitur kif elenkati f'Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, madanakollu, il-Qorti fl-istess waqt tosserva ukoll illi:

(a) Wara li l-konvenut ġie konfermat bħala l-missier naturali tal-minuri C D B, il-Qorti tara li sa minn Novembru tas-sena 2015,[39] il-konvenut beda jimpenja ruħu sabiex l-attriċi tibgħat il-proposti tagħha bl-intiża li l-partijiet jilħqu ftehim amikevoli bejniethom rigward manteniment u kif ukoll aċċess;[40]

---

[37] Fol. 1759 – 1760.
[38] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL).
[39] Fol. 799, korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet datat 3 ta' Mejju 2016, fejn l-Avukat tal-konvenut saħaq *"Ftakar biss Ii ilna sitt xhur ninsistu ahna ghal proposta".*
[40] Fol. 33, Ittra legali mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar it-22 ta' Frar 2016, fejn ġie rilevat illi *"Illi in segwitu ghas-Sentenza tas-26 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet A B pro et noe vs Dr. E D (Cit. 129/13 AL), huwa, tramite l-Avukat sottoskritt, talab diversi drabi lill-konsulenti legali tieghek, l-ewwel l-Avv. Richard Sladden, u anke l-Avv. William Cuschieri biex tghaddi l-proposti tieghek fir-rigward il-manteniment, u anke access, tal-minuri C D B, verbalment*

(b) Appena ngħata d-digriet *pendente lite* għal manteniment nhar is-26 ta' Lulju 2016, il-konvenut beda jħallas immedjatament u dejjem fil-ħin;[41]

(c) Għalkemm qatt ma saret talba formali lill-Qorti, jirriżulta illi fis-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar il-5 ta' Frar 2018,[42] il-konvenut talab li jkollu aċċess għal minuri kull nhar ta' Tnejn u Ħamis mill-5 sas-7 ta' filgħaxija, u nhar ta' Sibt mill-11 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar. L-attriċi qablet iżda saħqet illi l-aċċess irid isir gradwalment minħabba li t-tifla qatt ma rat lil missierha u li ikun għaqli li fil-bidu tkun preżenti waqt l-aċċess;

(d) Minn korrispondenza bejn il-partijiet fuq il-pjattaforma soċjali *Whatsapp*, eżebita mill-konvenut, jirriżulta illi minn nhar it-12 ta' Frar 2018, il-konvenut beda jibgħat lill-attriċi sabiex jiġi eżerċitat l-aċċess kif mifthiem quddiem l-Perit Legali, b'dana illi mit-8 ta' Marzu 2018 'il quddiem il-messaġġi mibgħuta ma bdewx jasulha lill-attriċi.[43]

Jidher ampjament ċar illi bejn il-partijiet ilha teżisti amożita' kbira, li fil-fehma tal-Qorti tali atmosfera qiegħda biss tinterferixxi u tippreġudika l-interessi tal-minuri hekk kif qed tkunilha diffiċli ferm illi ssir taf lil missierha u tibni relazzjoni miegħu. Għalkemm fil-bidu tat-tqala l-konvenut ma riedx jaf b'bintu, eventwalment u bis-saħħa tas-sentenza rigward il-paternita', il-konvenut beda jimpenja ruħu biex isewwi l-iżball li kkommetta għal snin sħaħ, ċjoe' li naqas milli jassumi r-responabbilita' ta' missier u ħalla lill-attriċi tfendi għal rasha. Dan ma jfissirx li l-konvenut ma għandux fejn jimmeljora lilu nnifsu fejn *si tratta* l-minuri, madanakollu jkun skorett jekk jingħad illi l-konvenut qiegħed jiġi jaqa' u jqum mill-interessi ta' bintu. Bil-mod il-mod, il-konvenut qiegħed jidħol fiż-żarbun ta' missier, u għaldaqstant ġialadarba l-Qorti qiegħda tara xaqq ta' tama li l-konvenut irid jipparteċipa bi sħiħ f'ħajjet il-minuri, f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-Qorti indubjament tagħżel illi tagħti lill-konvenut l-opportunita' li jagħmel dan. Għaldaqstant u kieku l-Qorti kellha tagħmel tagħha l-konklużjoni tal-Perit Legali u tiżvesti lill-konvenut mis-setgħa ta' ġenitur, hija tħoss li tkun

*u anke bil-miktub, u dan minn Novembru 2015, qabel ma int stess ghailt kwalunkwe interpellazzjoni dwar l-istess, izda int stess bqajt inadempjenti".*

[41] Fol. 1070, *statement* bankarju maħruġ mill-HSBC Bank Malta plc, fejn jistabbilixxi l-ħlas tal-manteniment.
[42] Fol. 1548.
[43] Fol. 757 – 795.

qiegħda tiċħad lill-konvenut u tagħmel tabirruħha li l-isforzi żgħar tiegħu matul dawn is-sitt (6) snin kienu inutli. B'hekk il-Qorti tħoss illi għall-passi żgħar li l-konvenut għamel f'dawn is-snin, għandu jkun per konsegwenza ppremjat billi jibqa' vestit bis-setgħa ta' missier, bid-dritt illi, *inter alia,* jieħu deċiżjonijiet konġunti mal-attriċi rigward kwistjonijiet straordinarji kif elenkati iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR: META JIBDA L-OBBLIGU GĦALL-ĦLAS TAL-MANTENIMENT, LIKWIDAZZJONI TA' ARRETRATI TA' MANTENIMENT U MANTENIMENT FUTUR

*In* primis, il-Qorti tibda sabiex tirribadixxi illi ġialadarba l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, bil-konsegwenza illi l-minuri ser tirrisjedi mal-istess attriċi, di prinċipju huwa naturali li l-konvenut irid iħallas manteniment għall-għixien u t-trobbija tal-minuri. Madanakollu u qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward it-talbiet tal-attriċi relatati mal-manteniment, il-Qorti tirrileva li ħadet konjizzjoni tal-impjiegi u ntrojtu tal-partijiet kontendenti, u dan kif elenkat tajjeb fir-rapport tal-Perit Legali.[44] B' referenza partikolari għall-konvenut, il-Qorti tara ukoll illi fin-nota ta' kritika tiegħu huwa jisħaq illi *"Fil-komputazzjoni tal-manteniment dovut ghandu jitqies ukoll illi wara li spiċċa l-kuntratt ta' tlett (3) snin mal-Agenzija tal-Ghajnuna (spicca f'April 2020), l-esponent ghamel zmien minghajr imjieg u dhul fiss matul pandemija u nkorra spejjez ta' ufficcju gdid (kera u ghamara) sabiex ikun jista' jahdem bhala self employed sabiex jipprova jibni prattika privata tieghu mill-gdid".*[45]

Il-Qorti tara illi f'din iċ-ċirkostanza ikun idoneju illi jiġi ċċarat illi kif qalet sewwa l-Perit Legali, il-konvenut ma ressaqx prova jekk huwa ġeddidx il-kuntratt tiegħu mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali *o meno*. Barra minn hekk, anke jekk il-konvenut jisħaq illi huwa avukat *self employed* fejn qiegħed jittenta jerġa' jibni l-prattika privata tiegħu u li għal żmien twil kien bla introjtu fiss, il-Qorti tara tali *'raġuni'* tal-konvenut bħala skuża frivola u nfantili. Jiġi ribadit illi għal kalkolu tal-manteniment, il-liġi ma tirrikjedix lill-Qorti tanalizza biss l-introjtu ta' ġenitur iżda ukoll, *inter alia*, il-ħila, il-beni u l-assi tiegħu. Għal Qorti jirriżulta ċar illi bil-kwalifiki ta' avukat, anke jekk il-konvenut ma huwiex *'miljunarju'* kif

[44] Ara fol. 1672 fir-rigward tal-attriċi; Ara fol. 1673 fir-rigward tal-konvenut.
[45] Fol. 1762.

jikkontendi hu stess, xorta waħda għandu l-kapaċita' u l-ħila neċessarja li jdaħħal introjtu konsiderevoli. Fil-fatt mill-atti jirriżulta li qabel mal-konvenut ġie ngaġġjat mal-Aġenzija għall-Għajnuna Legali fl-2017, huwa kien ilu jaħdem għal rasu bħala avukat sa mis-sena 2009. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti ġialadarba l-konvenut ta' sitta u għoxrin (26) sena rnexxielu jkampa jaħdem għal rasu għal tmien (8) snin sħaħ u jgħajjex lilu nnifsu bl-aħjar mod hekk kif jirriżulta mill-*istatements* bankarji tal-kontijiet tiegħu stess, il-Qorti għandha l-fiduċja sħiħa li dan jista' jseħħ mill-ġdid in vista tal-fatt ukoll li l-konvenut għad għandu l-ħiliet li kellu fl-2009, anzi flimkien ma' dan *ormai* għandu ukoll iktar esperjenza fil-qasam tal-avukatura li indubjament tali esperjenza ser tassistih sabiex titħaffef it-triq għall-irkupru tal-prattika privata tiegħu sabiex b'hekk din tqum fuq saqajha u tifjorixxi mill-ġdid.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tistabbilixxi minn meta jibda l-obbligu ta' ġenitur li jħallas manteniment, u fit-tieni lok tgħaddi sabiex twettaq dak l-eżerċizzju neċessarju għal-likwidazzjoni tal-manteniment passat u futur, fejn il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tal-atti ppreżentati, inkluż: (i) Il-Prospett tal-attriċi kif ippreżentat mar-rikors tas-6 ta' Lulju 2016,[46] (ii) L-Inventarju ulterjuri mit-twelid tal-minuri sal-1 ta' Marzu 2018,[47] (iii) ir-Rendikont ta' spejjeż mil-2011 sal-2017 flimkien mad-dokumenti u rċevuti,[48] (iv) il-Prospett datat 15 ta' Ottubru 2020 flimkien mal-irċevuti,[49] (v) in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attriċi,[50] (vi) in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut,[51] (vii) ir-Rapport tal-Perit Legali,[52] (viii) in-Nota ta' Kritika u Sottomissjonijiet tal-attriċi,[53] u (ix) in-Nota ta' Kritika u Sottomissjonijiet tal-konvenut.[54]

### iv. Ir-Raba' Talba – *Dikjarazzjoni li l-Obbligu tal-Ħlas tal-Manteniment għandu jiġi Effetwat mid-Data tat-Twelid tal-Minuri*:

Il-Perit Legali kkunsidrat tali talba erronjament bħala talba biex jiġi stabbilit il-*quantum* ta' manteniment għall-minuri. Madanakollu, fil-verita' din hija talba

[46] Fol. 38.
[47] Fol. 112.
[48] Fol. 252.
[49] Fol. 1616.
[50] Fol. 804.
[51] Fol. 852.
[52] Fol. 1653.
[53] Fol. 1701.
[54] Fol. 1756.

fejn għandu jiġi stabbilit u dikkjarat minn meta jibda jiddekorri l-obbligu li jitħallas manteniment.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[55] fejn ġie mgħallem illi: *"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Magħdud mal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **A Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[56] spjegat ukoll illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

Għaldaqstant kwalsiasi pretensjoni tal-konvenut illi arretrati ta' manteniment għandhom jitħallsu mid-data tas-sentenza tal-paternita', ċjoe' mis-26 ta' Mejju 2015 hija erronja. Il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba attriċi timmerita li tiġi milqugħa, u ċjoe' li l-konvenut għandu jmantni lil bintu t mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija.

**v. Il-Ħames u s-Sitt Talba – *Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Manteniment għall-Ħtiġijiet tal-Minuri, liema Somma għandha tkun Revedibbli minn Żmien għal Żmien*:**

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.
[56] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

Fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' manteniment futur, il-Qorti rat li fil-preżent il-konvenut qiegħed iħallas €250 fix-xahar, u dan apparti nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Madanakollu filwaqt li l-konvenut jisħaq illi huwa għandu jibqa' jħallas s-somma ta' €250 fix-xahar,[57] min-naħa l-oħra l-attriċi qiegħda titlob illi l-manteniment ma jkunx inqas minn €650 kull erba' (4) ġimgħat u dan oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni, liema somma għandha tiżdied skont kif tistipula l-Qorti.[58]

F'dan il-kuntest, il-Perit Legali, waslet għal konklużjoni tagħha wara li ħadet konsiderazzjoni tal-prospett datat 15 ta' Ottubru 2020, fejn l-attriċi tikkontendi li l-ispejjeż fix-xahar inkorsi għall-minuri huma dawk ta' €1,237.88.[59] Il-prospett tal-attriċi jikkonsisti fis-segwenti pretensjonijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Ikel | €675.58 fix-xahar[60] | €8,106.96 fis-sena |
| *Toiletries* u Deterġenti | €70.27 fix-xahar[61] | €843.24 fis-sena |
| *Outings,* Transport, Kontijiet tad-Dawl, Ilma u Internet | €376.50 fix-xahar[62] | €4,518 fis-sena |
| Ħwejjeġ | €124.53 fix-xahar[63] | €1,494.36 fis-sena |
| **TOTAL** | **€1,237.88 fix-xahar** | **€14,962.56 fis-sena** |

Wara li ħadet konsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Perit Legali, il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammonti ġusti fiċ-ċirkostanzi għandhom ikunu s-segwenti: (i) €498 fix-xahar ikel,[64] (ii) €46.80 fix-xahar għal *toiletries* u deterġenti,[65] (iii) €165 fix-

[57] Fol. 1764.
[58] Fol. 1706.
[59] Fol. 1616 et seq.
[60] Fol. 1616.
[61] Fol. 1618.
[62] Fol. 1619.
[63] Fol. 1620.
[64] Kif ikkalkulat mill-Perit Legali: (i) €22.60 cereal, (ii) €15.57 ħalib, (iii) €29.45 yoghurt, (iv) €53 chicken breast, (v) €135.78 smoothie, (vi) €32.86 ilma żgħar, (vii) €5 ilma kbir, (viii) €21.70 ċikkulata, (ix) €26.13 frott u ħaxix, (x) €59.50 laħam, (xi) €16.74 orange juice, (xii) €12.60 għaġin, (xiii) €34 hot chocolate, (xiv) €34.18 contorni.
[65] (i) €0,38 cotton buds, (ii) €1.39 toothpaste, (iii) €0.34 tooth brush, (iv) €1.15 mouthwash, (v) €5.29 shower gel, (vi) €2.00 toilet paper, (vii) €3.45 anti persiprant, (viii) €6.24 intimate wash, (ix) €3.80 washing detergent, (x) €3.73 fabric conditioner, (xi) €1.90 wet ones, (xii) €2.19 wipes, (xiii) €0.50 tissues, (xiv) €0.44 plasters, (xv) €13.02 shampoo u conditioner.

xahar f'*outings, fuel* u kontijiet tad-dawl u ilma,[66] (iv) €100 fi ħwejjeġ fix-xahar,[67] li flimkien jammontaw għal €809.80 fix-xahar. Din hija ċ-ċifra li bejn wieħed u ieħor tirrikjedi l-minuri fix-xahar, u dan skont il-provi mresqa u l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti. Għaldaqstant u tenut kont ta' tali kalkolu, is-somma li għandha titħallas mill-konvenut f'manteniment għal minuri C D B għandha tkun ta' €400 fix-xahar.

Magħdud mal-premess, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-manteniment għandu jinkludi fih sehem il-konvenut għall-ispejjeż tal-edukazzjoni, saħħa u anke' attivitajiet extra-kurrikulari. Għal tali kalkolu, il-Qorti rat ir-rendikont ippreżentat mill-attriċi.[68] Wara li l-Qorti rat dak pretiż minnha u l-irċevuti ppreżentati għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari nkorsi minnha bejn Lulju 2011 sa Diċembru 2017, il-Qorti waslet għal konklużjoni illi: (i) minn Lulju s Diċembru 2011 l-attriċi nefqet madwar €319.31,[69] (ii) fis-sena 2012 l-attriċi nefqet nadwar €610.68,[70] (iii) fis-sena 2013 l-attriċi nefqet madwar €777.55,[71] (iv) fis-sena 2014 l-attriċi nefqet madwar €1,812.96,[72] (v) fis-sena 2015 l-attriċi nefqet madwar €2,936.05,[73] (vi) fis-sena 2016 l-attriċi nefqet madwar €1,940.77,[74] u (vii) fis-sena 2017 l-attriċi nefqet madwar €1,515.[75] Għaldaqstant jekk il-Qorti tieħu l-medja ta' dawn ċifri,[76] hija tasal għas-somma mensili ta' €127. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi s-somma li għandha titħallas mill-konvenut għal sehemu mill-ispejjeż tal-minuri relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għandha tkun ta' €100, liema somma għandha tiġi inkluża mal-manteniment surreferit. Madanakollu, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li kwalsiasi spiża ta' saħħa li ma tkunx tista' tiġi

[66] (i) €50 ħruġ fix-xahar, (ii) €35 fix-xahar bħala dawl u ilma (il-Qorti rat fol. 1626 – 1628 bħala 3 kontijiet tad-dawl minn Diċembru 2018 sa Awwissu 2019, li flimkien jagħtu l-ammont ta' €2,042.28, iżda kont minnhom kien ferm eċċessiv u juri biċ-ċar li kien hemm konsum abnormali, u b'hekk kieku l-Qorti kellha tieħu konsiderzzjoni tal-kontijiet normali l-oħra, dawn jagħtu kont ta' €636.40 (€252.08 + €384.32) li jekk ikunu diviżi b'5 xhur (Jan – Mar, Ġun – Aww), jagħtu ċ-ċifra ta' €127.28 fix-xahar, u jekk din konsegwentament tiġi diviża b'4 min-nies (l-attriċi, G H, l-minuri, u iben l-attriċi u G), il-Qorti tasal għaċ-ċifra raġjonevoli ta' €31.82 kull persuna), (iii) €80 fix-xahar hija ċifra ġusta.
[67] Il-pretiża tal-attriċi hija ftit esaġerata tenut kont li hi qed tibbaża tali pretensjoni bla rċevuti. Il-Qorti hija konvinta li għalkemm ċertu ħwejjeġ iridu jinxtraw kull sena, oħrajn mhux ta' bilfors. B'hekk is-somma ta' €100 fix-xahar hija fiċ-ċirkostanzi raġjonevoli.
[68] Fol. 252.
[69] Skont il-prospett tagħha stess a fol. 252.
[70] *Ibid.*
[71] *Ibid.*
[72] *Ibid.*
[73] *Ibid.*
[74] *Ibid.*
[75] *Ibid.*
[76] Flimkien jammontaw għal €9,912.51, u jekk jiġu diviżi b'78 xahar (Lulju 2011 sa Diċembru 2017) = €127

pprovduta mill-Istat u li tkunu teċċedi l-€100, din għandha titħallas apparti b'mod konġunt mill-partijiet.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna *rebus sic stantibus* lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €500 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal C D B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance,* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**vi. Is-Seba' u t-Tmien Talba –** ***Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Arretrati ta' Manteniment mid-Data tat-Twelid, ossija mit-3 ta' Mejju 2011 sad-Data ta' din is-Sentenza*****:**

Il-Qorti tispjega li għal din t-taqsima tas-sentenza, u dan proprju in vista tal-provi u sottomissjonijiet li ġew imresqa quddiemha, hija ser tgħaddi sabiex taqsam dan l-eżerċizzju fi tnejn, ċjoe': (i) il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' manteniment dovut mil-konvenut mid-data tat-twelid tal-minuri C D B sas-26 ta' Lulju 2016, ċjoe' id-data tal-ewwel digriet *pendente lite* mogħti minn din il-Qorti, u (ii) il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' mateniment dovut mill-konvenut mis-26 ta' Lulju 2016 sad-data ta' din is-sentenza.

***Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Manteniment Dovut mill-Konvenut mid-Data tat-Twelid tal-Minuri C D B sas-26 ta' Lulju 2016, ċjoe' id-Data tal-Ewwel Digriet pendente lite mogħti minn din il-Qorti***

F'dan il-kuntest, il-Qorti tara illi l-attriċi qiegħda titlob mill-konvenut is-somma ta' €75,936.04 bħala arretrati ta' manteniment,[77] għal liema somma l-konvenut qiegħed joġġezzjona. Min-naħa l-oħra l-Perit Legali waslet għal konklużjoni illi *"meta ghoddiet it-total tas-somma li fil-fehma umli taghha huma dovuti lil konvenut dawn igibu total ta' tnejn u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin ewro (€32,125) dejjem skond il-kalkoli tal-perit legali. Stante li li l-konvenut ddikjara li huwa lest li jghaddilha s-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) huwa ghandu jghaddilha din is-somma ta' €35,000".*[78] Min-noti ta' kritika, konsegwentament jirriżulta li ż-żewġ partijiet ma jaqblux mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali.

Huwa opportun illi qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha, u fir-rigward tal-fatt illi l-attriċi ma tippreżentax kull irċevuta dwar dak li ġie minfuq fuq it-trobbija tal-minuri, filwaqt li l-konvenut isostni illi l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni biss ta' dawk l-ammonti li huma kkorraborati b'irċevuti, jiġi ribadit illi huwa stat ta' fatt li sabiex il-minuri trabbiet <u>esklussivament</u> minn ommha għal ħames (5) snin sħaħ, din kellha tipprovdi għaliha bl-għaraq ta' xbinha kuljum – għaldaqstant u kif jirriżulta ukoll mill-atti, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi xtrat u nefqet il-flus fuq il-minuri bl-intiża li din ma jkun jonqosha xejn. Għalkemm l-irċevuti huma importanti, fil-prattika huwa diffiċli mmens għal ġenitur li joqgħod jerfa' <u>kull irċevuta</u> rigwardanti l-minuri sa mid-data tat-twelid. Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha. Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn *si tratta* talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[79] fejn ġie ribadit illi: *"jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir*

[77] Fol. 1707.
[78] Fol. 1690.
[79] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).

*gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[80]".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex abbażi tal-provi sottomessi quddiemha,[81] u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, tagħti l-konklużjonijiet tagħha u konsegwentament tillikwida dik is-somma li l-konvenut għandu jħallas bħala sehemu f'manteniment versu bintu minuri C D B mid-data tat-twelid sas-26 ta' Lulju 2016:

**Sena 2011:**

| | **Spejjeż Allegati:** | **Irċevuti:** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Stem Cells* | €2,350 | Fol. 269 – 275 *Irċevuti li ħallset l-ammont ta' €2,350* | Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali, hekk kif tali proċedura anke jekk ma saritx bil-kunens tal-konvenut (stante li ma kienx preżenti), din saret fl-interess tal-minuri u m kienetx spiża personali tal-attriċi. Għaldaqstant għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, Aċċessorji u Kostumi | €1,500 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva u għandha tiġi ridotta għal €500 għal sitt (6) xhur, tenut kont ukoll li normalment it-trabi jaqilgħu ukoll numru ta' rigali bħala ħwejjeġ. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju |

[80] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[81] Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-prospett anness mal-affidavit tal-attriċi tat-13 ta' Ġunju 2019, a fol. 252.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | li l-attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes, u ta' spiss peress li t-trabi jikbru malajr. |
| | | | |
| Kirja ta' Appartament, inkluż l-isejjeż tal-ilma u d-dawl | €3,925.80 | Fol. 268 *Dokument li jikkonferma li ħallset is-somma ta' €3600 f'kirja u €325.80 fi sejjeż ta' ilma u dawl* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, ċjoe' li l-attriċi kellha tikri tali appartament mhux b'kappriċċ iżda bħala bżonn għal saħħitha. Madanakollu fil-fehma tal-Qorti għandha tittiehed in konsiderazzjoni s-somma ta' €3,600 tal-kirja u nofs l-ispejjeż tad-dawl u ilma, ċjoe' €162.90. |
| | | | |
| *Carer* għall-ewwel tlett (3) xhur wara t-twelid tal-Minuri | €1,500 | | Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali stante li ma tresqet l-ebda prova dwar tali *carer* u ħlas ta' dan is-servizz, u dan abbażi tal-massima legali *"min jallega jrid jipprova"*. L-attriċi kellha kull opportunita' li tressaq ix-xhieda tal-*carer* imsemmija minnha fl-affidavit tagħha, iżda dan naqset milli tagħmlu. Fid-dawl ta' dan, tali somma m'għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €1,250 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Passaport u Ritratti | €22 | Fol. 416: *Kopja tal-Passaport validu għal sentejn* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Safra ġewwa l-Olanda | €500 | Fol. 413: *Statement Bankarju rigward is-Safra lejn l-Olanda* | Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali in vista tal-fatt li fin-nuqqas tal-preżenza tal-missier, kellha tabilfors tkun l-attriċi illi torganizza mawra barra l-pajjiż mal-minuri. Madanakollu l-Qorti tara li għandha tieħu in konsiderazzjoni s-somma ta' €196.04, kif immarkat fil-i*statement* bankarju. |
| | | | |
| Liċenzja u Assigurazzjoni tal-Vettura | €387.49 | Fol. 432: *Statement ta' dak li ġie mħallas* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din m'għandhiex tiġi inkluża ġialadarba hija spiża personali tal-attriċi. |
| | | | |
| Rigali u Festini | €350 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali hekk kif ma tresqet l-ebda prova ta' dawn il-festini u rigali. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba u Ġugarelli oħra | €461.73 | Fol. 300 – 305 *Prospett ta' x'ġugarelli u kotba ġew mixtrija, iżda ebda rċevuta ta'* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *dawn ma ġiet eżebita* | somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi mehuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ikel inkluż Ħalib u *Cerelac* | €1,312.44[82] | | Fir-rigward ta' ħalib u *cerelac,* il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni anke jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti tara li għall-ewwel ftit xhur ebda tarbija ma tiekol ikel solidu u s-somma pretiża hija eżaġerata u għandha tiġi ridotta għal €100. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €1,212.44. |

[82] Ikel - €200, Ħalib - €861, *Cerelac* - €251.44.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €752.53[83] | Fol. 288 – 299 *Kontijiet maħruġa fuq l-indirizz 'Flat 3, Bramble Court, Triq Caravaggio, Għargħur', b'2 residenti, għal perjodu bejn 7 ta' Novembru 2011 sa 4 ta' Novembru 2016.* | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'61 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma li trid tiġi mehuda in konsiderazzjoni hija ta' €138. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittiehed in konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €319.31 | Fol. 434 - 437: *Prospett magħmul mill-attriċi*, Fol. 451 - 507: *Rċevuti ta' Mediċini minn 2011 sa 2015* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż relatati mat-Tqala tal-Attriċi | €420 | Fol. 260 – 263 *Ippreżentat 9 ritratti ta' ultrasounds u ritratt ta' cd, u bil-* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma hija raġjonevoli u għandha tittiehed in konsiderazzjoni. Anke |

[83] Dawl - €272.53, Gas - €480.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *kitba hemm imniżżel li dawn ittieħdu minn St Andrew's Clinic San Ġiljan għal €140* | fin-nuqqas ta' prova preċiża, ma hemm l-ebda dubju li l-attriċi nkorriet tali spiża. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* Deterġenti, *Wipes, Tissues,* u *Nappies* | €1,447.84[84] | *Nappies:* Fol. 276 - 278 | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' *toiletries* u *nappies,* is-sommom pretiżi għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ġialadarba huma raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* hija esaġerata, u kif ukoll dik tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €50 għal *wipes* u *tissues*, u €150 għal deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €1,213.20. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Fuel* | €800 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda |

[84] *Toiletries* - €350, Deterġenti - €234.64, *Wipes* u *Tissues* - €200, *Nappies* - €663.20.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €133.33 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l-kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €480. |
| | | | |
| Spejjeż għal Tarbija ta' Darba | €7,176.37 | Fol. 264 – 267 *Għall-affarijiet in ġenerali ppreżentat prospett u mhux irċevuta li b'esklużjoni għall-għamara tal-kamra tal-minuri jammontaw għal €3,869.37. Għall-għamara ppreżentat 2 invoices datati 30 ta' Settembru 2010 fl-ammont ta' €2,057, u u oħra datata 25 ta' Settembru 2013 fl-ammont ta' €1,250.* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. Huwa minnu illi l-attriċi ma pprovdietx rċevuta, iżda ma hemm l-ebda dubju li l-affarijiet imniżżlin fil-prospett kienu neċessarji. Għaldaqstant tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €24,475.51***
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €17,940.26***

**Sena 2012:**

| | **Spejjeż Allegati** | **Irċevuti** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Servizz ta' *Childcare* | €1,075 | Fol. 306 *Irċevuta eżebita* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni, liema servizz kien bżonnjuż sabiex l-attriċi setgħat tmur taħdem u tgħajjex lil bintha. |
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, Aċċessorji u Kostumi | €1,500 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva għal tifla ta' sena, u b'hekk għandha tiġi ridotta għal €1,000. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju li l-attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes. |
| | | | |
| *Carer* għal Minuri meta l-Attriċi kienet rikoverata l-Isptar | €700 | | Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali stante illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova li kienet rikoverata l-isptar u ma kellhiex ma' min tħalli lill-minuri. Fid-dawl tan-nuqqas ta' prova, il-Qorti ma tistgħax tieħu konsiderazzjoni ta' tali somma. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €2,750 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandhiex tittieħed in |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | konsiderazzjoni ġialadarba ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Aġġeġġi Eletroniċi | €97.96 | Fol. 413: *Statement Bankarju Rigward it-Tablet ta' €97.96* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, u dan anke tenut kont illi llum il-ġurnata t-tfal saru jagħmlu użu minn *tablets* kmieni fl-eta'. Għaldaqstant il-Qorti tara li tali somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Safra ġewwa Pariġi u Praga | €1,000[85] | Fol. 414: *Statement Bankarju Rigward is-Safar lejn Pariġi u Praga* | Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali in vista tal-fatt li fin-nuqqas tal-preżenza tal-missier, kellha tabilfors tkun l-attriċi illi torganizza mawra barra l-pajjiż mal-minuri. Madanakollu l-Qorti tara li għandha tieħu in konsiderazzjoni s-somma ta' €417.89 fir-rigward ta' Pariġi u €26.67 fir-rigward ta' Praga, kif immarkati fil-i*statement* bankarju. |
| | | | |
| Liċenzja u Assigurazzjoni tal-Vettura | €429.43 | Fol. 432: *Statement ta' dak li ġie mħallas* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din m'għandhiex tiġi inkluża ġialadarba hija spiża personali tal-attriċi. |
| | | | |
| Rigali u Festini | €400 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali hekk kif ma tresqet l-ebda prova ta' |

[85] Safra ġewwa Pariġi - €500, Safra ġewwa Praga - €500.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | dawn il-festini u rigali. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba u Ġugarelli oħra | €498.96 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is-somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi meħuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ikel inkluż Ħalib u *Cerelac* | €4,058.96[86] | | Fir-rigward ta' ħalib u *cerelac*, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni anke jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti |

[86] Ikel - €2,500, Ħalib - €1,092, *Cerelac* - €466.96.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | tara li s-somma pretiża hija esaġerata għal tifla ta' sena li għandha tieħu l-ħalib u l-*formula*. Għaldaqstant għandha tiġi ridotta għal €1,250. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €2,808.96. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €1,632.56[87] | | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'61 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma li trid tiġi meħuda in konsiderazzjoni hija ta' €276. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittiehed in konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |

[87] Dawl - €1,332.56, Gas - €300.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €610.68 | Fol. 434 - 437: *Prospett magħmul mill-attriċi*, Fol. 451 - 507: *Rċevuti ta' Mediċini minn 2011 sa 2015* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Entratura ġewwa *Lido* | €550 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* Deterġenti, *Wipes, Tissues,* u *Nappies* | €2,228.19[88] | *Nappies:* Fol 279 - 280 | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' *toiletries* u *nappies,* is-sommom pretiżi għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ġialadarba huma raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* huma esaġerati, u kif ukoll dawk tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €100 għal *wipes* u *tissues*, u €300 għal deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €1,875.95. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |

[88] *Toiletries* - €400, Deterġenti - €402.24, *Wipes* u *Tissues* - €350, *Nappies* - €1,075.95.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spejjeż ta' *Fuel* | €1,560 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €130 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l-kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €960. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €19,091.74***
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €9,299.11***

**Sena 2013:**

| | **Spejjeż Allegati** | **Irċevuti** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Servizz ta' *Childcare* | €1,050 | Fol. 307 *Irċevuta eżebita* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni, liema servizz kien bżonnjuż sabiex l-attriċi setgħat tmur taħdem u tgħajjex lil bintha. |
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, | €1,500 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva għal tifla ta' sena, u |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Aċċessorji u Kostumi | | | b'hekk għandha tiġi ridotta għal €1,000. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju li l-attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €2,950 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni ġialadarba ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Passaport u Ritratti | €22 | Fol. 417: *Passaport validu għal sentejn* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Safra ġewwa Firenze u Mawra ġewwa Kemmuna | €800[89] | Fol. 415: *Statement bankarju rigward Kemmunau Firenze* | Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali in vista tal-fatt li fin-nuqqas tal-preżenza tal-missier, kellha tabilfors tkun l-attriċi illi torganizza mawra barra l-pajjiż mal-minuri. Madanakollu l-Qorti tara li għandha tieħu in konsiderazzjoni s-somma ta' €350 rigward Firenze u €150 rigward Kemmuna, kif immarkati fil-i*statement* bankarju. |
| | | | |
| Presepju | €250 | Fol. 422: *Prospett bil-prezzijiet miktuba bl-idejn* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, u barra minn hekk lanqas ma tresqet |

[89] Safra ġewwa Firenze - €500, Mawra ġewwa Kemmuna - €300.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | prova suffiċjenti sal-grad tal-liġi. |
| | | | |
| Liċenzja u Assigurazzjoni tal-Vettura | €401.49 | Fol. 433: *Statement ta' dak li ġie mħallas* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din m'għandhiex tiġi inkluża ġialadarba hija spiża personali tal-attriċi. |
| | | | |
| Rigali u Festini | €400 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali hekk kif ma tresqet l-ebda prova ta' dawn il-festini u rigali. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba, Ġugarelli oħra u *Tricyle* | €1,007.85[90] | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is-somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi meħuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni. Flimkien ma' dawn, il- |

[90] Ġugarelli edukattivi, kotba u ġugarelli oħra - €927.90, *Tricycle* - €79.95.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Qorti tara li għandha tittieħed ukoll in konsiderazzjoni s-somma ta' €79.95 għal *tricycle*. |
| | | | |
| Ikel inkluż Ħalib u *Cerelac* | €4,558.96[91] | | Fir-rigward ta' ħalib u *cerelac,* il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni anke jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti tara li għal tifla ta' sentejn (2) is-somma pretiża hija eżaġerata u għandha tiġi ridotta għal €1,500. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €3,058.96. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €1,171.89[92] | | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' |

[91] Ikel - €3,000, Ħalib - €1,092, *Cerelac* - €466.96.
[92] Dawl - €571.89, Gas - €600.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'61 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma li trid tiġi meħuda in konsiderazzjoni hija ta' €276. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittieħed in konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Internet u *Cable* | €300 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, hekk kif illum kull familja issibilha internet u *cable,* bi tfal jew mingħajrhom. Barra minn hekk il-Qorti ma tarax illi l-attriċi resqet xi prova ta' kontijiet u kif ukoll prova illi minħabba l-minuri hija kellha tibda tħallas għal servizz iktar għoli minn qabel. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €677.53 | Fol. 438 - 441: *Prospett magħmul mill-attriċi*, Fol. 451 - 507: *Rċevuti ta' Mediċini minn 2011 sa 2015* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Entratura ġewwa *Lido* | €475 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma ma |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* Deterġenti, *Wipes*, *Tissues,* u *Nappies* | €2,365.19[93] | *Nappies*: Fol 281 - 282 | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' *toiletries* u *nappies,* is-sommom pretiżi għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ġialadarba huma raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* huma esaġerati, u kif ukoll dawk tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €100 għal *wipes* u *tissues*, u €300 għal deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €2,012.95. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Fuel* | €1,560 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €130 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l- |

[93] *Toiletries* - €400, Deterġenti - €402.24, *Wipes* u *Tissues* - €350, *Nappies* - €1,212.95.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €960. |
| Spejjeż Edukattivi | €100[94] | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma hija raġjonevoli u għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| Ħruġ matul il-Ġimgħa u Tmiem il-Ġimgħa | €1,500 | | Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li dawn it-tip ta' spejjeż il-konvenut ma għandux jikkontribwixxi għalihom. Huwa minnu li l-attriċi ma ppreżentat l-ebda rċevuta, iżda huwa naturali li ġialadarba l-minuri tgħix u toħroġ mal-omm, din ser tonfoq iktar flus meta tkun barra. Barra minn hekk f'tali żmien ma kienx hemm aċċess mal-missier, u b'hekk ma kienx hemm parita' bejn il-ġenituri. Għaldaqstant il-Qorti tara li tenut kont l-eta' tal-minuri, is-somma ta' €35 fix-xahar hija ġusta. Għaldaqstant għandha |

[94] *Satchel/Lunchbox* - €50, *Stationery* - €50

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | tittiehed in konsiderazzjoni tas-somma €420. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €21,089.91***
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €10,227.44***

**Sena 2014:**

| | **Spejjeż Allegati** | **Irċevuti** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Servizz ta' *Childcare* | €225 | Fol. 308 – 309 *Irċevuta eżebita* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni, liema servizz kien bżonnjuż sabiex l-attriċi setgħat tmur taħdem u tgħajjex lil bintha. |
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, Aċċessorji u Kostumi | €1,500 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva għal tifla ta' sena, u b'hekk għandha tiġi ridotta għal €1,000. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju li l-attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €4,200[95] | | Il-Qorti ma tinsabx tal-fehma li tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni, u lanqas dik is-somma li allegatament intefqet |

[95] Babysitting in ġenerali - €3,000, Babysiting sakemm l-attriċi kienet fuq xogħol barra minn Malta - €600, Babysitting sakemm l-attriċi kienet imsiefra - €600.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | għax l-attriċi kellha ssiefer fuq xogħol jew mistrieħ stante li ma tresqet l-ebda prova ta' dan. |
| | | | |
| Presepju | €200 | Fol. 422: *Prospett bil-prezzijiet miktuba bl-idejn* | Qorti taqbel mal-Perit Legali, u barra minn hekk lanqas ma tresqet prova suffiċjenti sal-grad tal-liġi. |
| | | | |
| Liċenzja u Assigurazzjoni tal-Vettura | €411.82 | Fol. 432: *Statement ta' dak li ġie mħallas* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din m'għandhiex tiġi inkluża ġialadarba hija spiża personali tal-attriċi. |
| | | | |
| Rigali u Fetini | €400 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali hekk kif ma tresqet l-ebda prova ta' dawn il-festini u rigali. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba, Ġugarelli oħra u *Scooter* | €571.14[96] | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is-somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi mehuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel |

[96] Ġugarelli edukattivi, kotba u ġugarelli oħra - €531.14, *Scooter* - €40.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. Flimkien ma' dawn, il-Qorti tara li għandha tittiehed ukoll in konsiderazzjoni s-somma ta' €40 għal *scooter*. |
| | | | |
| Aġġeġġi Eletroniċi | €920[97] | Fol. 383: *Invoice għal Tablet fl-ammont ta' €375,* Fol. 385: *Invoice għal Laptop fl-ammont ta' €479.51* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, illi tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni hekk kif huwa inkonċepibbli li tifla ta' tlett (3) snin jkollha żewġ (2) *tablets* u *laptop* a disposizzjoni tagħha. |
| | | | |
| Ikel inkluż Ħalib u *Cerelac* | €4,558.96[98] | | Fir-rigward ta' ħalib u *cerelac*, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni anke jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti tara li għal tifla ta' tlett (3) snin, is-somma pretiża hija eżaġerata u |

[97] *Tablet* - €375, *Laptop* - €545.
[98] Ikel - €3,000, Ħalib - €1,092, *Cerelac* - €466.96.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | għandha tiġi ridotta għal €1,500. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €3,058.96. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €1,244.02[99] | | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'61 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma li trid tiġi mehuda in konsiderazzjoni hija ta' €276. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittiehed in konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Internet u *Cable* | €300 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, hekk kif illum kull familja issibilha internet u *cable,* bi tfal jew mingħajrhom. Barra minn hekk il-Qorti ma tarax illi l-attriċi resqet |

[99] Dawl - €694.02, Gas - €550.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | xi prova ta' kontijiet u kif ukoll prova illi minħabba l-minuri hija kellha tibda tħallas għal servizz iktar għoli minn qabel. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €1,277.36 | Fol. 438 - 442: *Prospett magħmul mill-attriċi ta' €1,104.36,* Fol. 451 - 507: *Rċevuti ta' Mediċini minn 2011 sa 2015* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Entratura ġewwa *Lido* | €275 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* Deterġenti, *Wipes, Tissues,* u *Nappies* | €1,784.49[100] | *Nappies*: Fol. 283 - 285 | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' *toiletries* u *nappies,* is-sommom pretiżi għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ġialadarba huma raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* huma esaġerati, u kif ukoll dawk tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €100 għal *wipes* u *tissues*, u €300 għal |

[100] *Toiletries* - €400, Deterġenti - €402.24, *Wipes* u *Tissues* - €350, *Nappies* - €632.25.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija ta' €1,432.25. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Fuel* | €1,560 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €130 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l-kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija ta' €960. |
| | | | |
| Spejjeż Edukattivi | €535.60[101] | Fol. 313 – 319: *Prospett u rċevuti ta' spejjeż għall-iSkola li bil-miktub jammontaw għal €84.52*, Fol. 325 - 326: *Spejjeż għal* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u s-somma kif indikata mill-attriċi għandha tittieħed in koniderazzjoni. |

[101] *Satchel/Lunchbox* - €50, *Stationery* - €75, Klabb 3-16 - €54, Skola - €141.52, *Name-Tags* - €17.28, Uniformi u Żraben - €197.80.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *Attivitajiet li jsiru l-Iskola ta' €15,* Fol. 363: *Invoice* ta' *Name Tags* fl-ammont ta' €17.28, Fol 365 – 366, *Invoice għall-Uniformi fl-ammont ta' €162.8,* Fol. 368 – *Inovice għal Klabb 3-16 fl-ammont ta' €54.* | |
| Ħruġ matul il-Ġimgħa u Tmiem il-Ġimgħa | €2,000 | | Abbażi r-raġjunament tal-Qorti kif ribadit iktar 'il fuq, il-Qorti tara li tenut kont l-eta' tal-minuri, is-somma ta' €40 fix-xahar hija ġusta. Għaldaqstant għandha tittiehed in konsiderazzjoni tas-somma €480. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €21,963.39***
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €9,435.17***

**Sena 2015:**

| | **Spejjeż Allegati** | **Irċevuti** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, Aċċessorji u Kostumi | €2,000 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva għal tifla ta' erba' (4) snin, u b'hekk għandha tiġi ridotta għal €1,000. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju li l- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €3,800[102] | | Il-Qorti ma tinsabx tal-fehma li tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni, u lanqas dik is-somma li allegatament intefqet għax l-attriċi kellha ssiefer fuq xogħol stante li ma tresqet l-ebda prova ta' dan. |
| | | | |
| *Staycation* ġewwa Malta | €167.50 | Fol. 419 – 420: *Statement Bankarju* | Il-Qorti tara din is-somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni abbażi ta' dak li rreteniet il-Perit Legali. |
| | | | |
| Presepju | €104.15 | Fol. 422: *Prospett bil-prezzijiet miktuba bl-idejn* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, u barra minn hekk lanqas ma tresqet prova suffiċjenti sal-grad tal-liġi. |
| | | | |
| Liċenzja u Assigurazzjoni tal-Vettura | €428.50 | Fol. 432: *Statement ta' dak li ġie mħallas* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din m'għandhiex tiġi inkluża ġialadarba hija spiża personali tal-attriċi. |
| | | | |
| Rigali u Festini | €600 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali hekk kif ma tresqet l-ebda prova ta' dawn il-festini u rigali. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex |

[102] Babysitting in ġenerali - €3,100, Babysiting sakemm l-attriċi kienet fuq xogħol barra minn Malta - €700.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | tittiehed in konsiderazzjoni. |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba, Ġugarelli oħra u *Tricyle* | €1,148.51[103] | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is-somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi mehuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. Flimkien ma' dawn il-Qorti tara li għandha tittiehed ukoll in konsiderazzjoni s-somma ta' €170 għal rota. |
| | | | |
| Aġġeġġi Eletroniċi | €29.95 | Fol. 384: *Invoice għal Cover tat-Tablet fl-ammont ta' €29.95* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ikel inkluż Ħalib | €3,624[104] | | Fir-rigward ta' ħalib, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni anke |

[103] Ġugarelli edukattivi, kotba u ġugarelli oħra - €978.51, Rota - €170
[104] Ikel - €3,000, Ħalib - €624.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti tara li għal tifla ta' erba' (4) snin, is-somma pretiża hija eżaġerata u għandha tiġi ridotta għal €2,500. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €3,124. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €1,090.74[105] | | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'60 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma li trid tiġi meħuda in konsiderazzjoni hija ta' €276. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittiehed in |

[105] Dawl - €690.74, Gas - €400.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Internet u *Cable* | €300 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, hekk kif illum kull familja issibilha internet u *cable*, bi tfal jew mingħajrhom. Barra minn hekk il-Qorti ma tarax illi l-attriċi resqet xi prova ta' kontijiet u kif ukoll prova illi minħabba l-minuri hija kellha tibda tħallas għal servizz iktar għoli minn qabel. Għaldaqstant tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €1,733.83 | Fol. 443 - 448: *Prospett magħmul mill-attriċi*, Fol. 451 - 507: *Rċevuti ta' Mediċini minn 2011 sa 2015* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Entratura ġewwa *Lido* | €425 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma ma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* Deterġenti, *Wipes, Tissues,* u *Nappies* | €1,530.67[106] | *Nappies*: Fol. 286 - 287 | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' *toiletries* u *nappies,* is-sommom pretiżi għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ġialadarba huma raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li |

[106] *Toiletries* - €425, Deterġenti - €450, *Wipes* u *Tissues* - €400, *Nappies* - €255.67

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* hija esaġerata, u kif ukoll dik tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €150 għal *wipes* u *tissues*, u €320 għal deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €1,150.67. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Fuel* | €1,820 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €151.67 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l-kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €960. |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spejjeż Edukattivi | €870.22[107] | Fol. 312 – *Irċevuta ta' €16.99*, Fol. 320 – 324, 327 – 338, 347 - 355: *Spejjeż ta' Attivitajiet li jsiru l-Iskola jew Klabb 3-16 ta' €121.15*, Fol. 339- 342: *Prospett u ritratti tar-rigali għall-għalliema*, Fol. 343 – 345: *Prospett u Rċevuta waħda għall-iSpejjeż għall-Iskola fl-ammont ta' €123.28*, Fol. 357 – 358: *Rċevuta ta' €25 għal Skola Sajf*, Fol. 367: *Invoice għall-uniformi fl-ammont ta' €33.50*, Fol. 369 – 374: *Invoice għal Klabb 3-16 fl-ammont ta' €319.80* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u s-somma kif indikata mill-attriċi għandha tittieħed in koniderazzjoni. |
| | | | |
| Attivitajiet Extra-Kurrikulari | €332[108] | Fo. 386, 390: *Rċevuti għall-Għawm fl-ammont ta' €136*, Fol. 391 – 392: *Rċevuti għall-Stage Coach fl-ammont ta' €196* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ħruġ matul il-Ġimgħa u | €2,600 | | Abbażi r-raġjunament tal-Qorti kif ribadit iktar |

[107] *Satchel/Lunchbox* - €16.99, Klabb 3-16 - €319.80, Rigali għall-Għalliema - €164, Skola - €220.93, Skola Sajf - €75, Uniformi u Żraben - €73.50
[108] Kors tal-Għawm - €136, *Stage Coach* - €196

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tmiem il-Ġimgħa | | | 'il fuq, il-Qorti tara li tenut kont l-eta' tal-minuri, is-somma ta' €50 fix-xahar hija ġusta. Għaldaqstant għandha tittiehed in konsiderazzjoni tas-somma €600. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €22,605.07***
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €10,564.17***

**Sena 2016 (sa Lulju)**

| | **Spejjeż Allegati** | **Irċevuti** | **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ħwejjeġ, Żraben, Aċċessorji u Kostumi | €1,500 | | Il-Qorti tara li tali somma hija eċċessiva għal tifla ta' ħames (5) snin, u b'hekk għandha tiġi ridotta għal €500 għal perjodu ta' sitt (6) xhur. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ma resqet l-ebda prova, huwa ovvju li l-attriċi kellha tixtri lill-minuri x'tilbes. |
| | | | |
| *Baby Sitter* | €2,250 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandhiex tittiehed in konsiderazzjoni ġialadarba ma tresqet l-ebda prova |
| | | | |
| Passport u Ritratti | €22 | Fol. 418: *Passaport validu għal sentejn* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li din is-somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Staycation* ġewwa Malta | €153.50 | Fol. 421: *Statement Bankarju* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Festin ta' Għeluq Snin il-Minuri | €476.75 | Fol. 424: *Dikjarazzjoni li dan il-festin ġie jiswa €329.75*, Fol. 425 – 427: *Irċevuti għall-Festin li jammontaw għal €79.75*. Fol. 428 – 430: *Inviti għal Festini ta' Ħbieb fejn iddikjarat li ħallset €147 f'rigali* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni, ċjoe' dik ta' €329.75 kif iddikjarat mill-attriċi stess. Magħdud ma' dan il-Qortihija tal-fehma ukoll li s-somma ta' €147 għandha ukoll tittiehed in konsiderazzjoni bħala rigali għall-inviti li l-minuri kellha minn sħabha. |
| | | | |
| Ġugarelli Edukattivi, Kotba, Ġugarelli oħra | €250 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi ġialadarba l-attriċi ma ppreżentatx irċevuti ta' dak allegat minnha, is-somma pretiża minnha ma tistgħax tiġi mehuda fl-intier tagħha in konsiderazzjoni. Madanakollu, huwa inkonfutabbli illi t-tfal ikollhom numru ta' ġugarelli u kotba, u b'hekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li fin-nuqqas ta' rċevuti s-somma ta' €150 fis-sena hija suffiċjenti, liema somma għandha tittiehed in konsiderazzjoni. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ikel inkluż Ħalib | €2,764[109] | | Fir-rigward ta' ħalib, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali somma għandha tittieħed in konsiderazzjoni anke jekk ma ġewx ippreżentati rċevuti. Madanakollu tali somma fil-fehma tal-Qorti hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-ikel, il-Qorti tara li għal tifla ta' ħames (5) snin, is-somma pretiża hija eżaġerata u għandha tiġi ridotta għal €2,500. B'hekk is-somma komplessiva li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija ta' €1,614. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Dawl u Gas | €1,067.40 [110] | | Fir-rigward ta' dawl, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn il-kontijiet għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' €2,759.18 għal żewġ persuni, u b'hekk dak li nkorriet il-minuri huwa nofs tali somma ċjoe' €1,379.59. Jekk il-Qorti tieħu tali somma u tiddividiha b'60 xahar tasal għal ċifra ta' €23. Għaldaqstant is-somma |

[109] Ikel - €2,400, Ħalib - €364.
[110] Dawl - €737.40, Gas - €330.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | li trid tiġi meħuda in konsiderazzjoni hija ta' €138. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-gas, il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali u ċjoe' li ebda somma ma għandha tittieħed in konsiderazzjoni stante li ma tresqet l-ebda prova. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Internet u *Cable* | €175 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, hekk kif illum kull familja issibilha internet u *cable,* bi tfal jew mingħajrhom. Barra minn hekk il-Qorti ma tarax illi l-attriċi resqet xi prova ta' kontijiet u kif ukoll prova illi minħabba l-minuri hija kellha tibda tħallas għal servizz iktar għoli minn qabel. Għadaqstant tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' Saħħa tal-Minuri | €397.98 | Fol. 449 - 450: *Prospett magħmul mill-attriċi* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, li tali somma kif pretiża għandha tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Entratura ġewwa *Lido* | €175 | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li tali somma ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Toiletries,* | €875[111] | | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' |

[111] *Toiletries* - €250, Deterġenti - €325, *Wipes* u *Tissues* - €300.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deterġenti, *Wipes, Tissues,* u *Nappies* | | | *toiletries,* is-somma pretiża għandha tittieħed in konsiderazzjoni ġialadarba hija raġjonevoli. Min-naħa l-oħra l-Qorti ukoll tara li s-somma pretiża għal *wipes* u *tissues* hija esaġerata, u kif ukoll dik tad-deterġenti. Għalhekk is-somma li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija ta' €75 għal *wipes* u *tissues*, u €160 għal deterġenti. Għaldaqstant is-somma komplessiva li għandha tittieħed in konsiderazzjoni hija ta' €485. Dan wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova, madanakollu ma hemm l-ebda dubju li tali prodotti ġew użati. |
| | | | |
| Spejjeż ta' *Fuel* | €1,085 | | Il-Qorti tara li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova u qiegħda tippretendi s-somma ta' €180 fix-xahar, liema somma hija ndubjament eċċessiva. Il-Qorti tara ukoll eċċessiva l-kalkolazzjoni tal-Perit Legali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €80 fix-xahar bħala somma minfuqa għall-minuri fi *fuel* fix-xahar hija |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | waħda ġusta. B'hekk is-somma li għandha tittiehed in konsiderazzjoni hija ta' €480. |
| | | | |
| Spejjeż Edukattivi | €598.26[112] | Fol. 359 – 362: *Dokument maħruġ mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattvi għal Klab 3-16 Skola Sajf u Rċevuti li jammontaw €25.85*, Fol. 364: *Invoice* ta' *Name Tags,* Fol. 376 – 382: *Invoices għal Klabb 3-16 fl-ammont ta' €234.80*, Fol. 400 – 412: *Irċevuti għal Spejjeż Relatati mal-Iskola fl-ammont ta' €203.58.* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u s-somma kif indikata mill-attriċi għandha tittiehed in koniderazzjoni. |
| | | | |
| Attivitajiet Extra-Kurrikulari | €197.53[113] | Fol. 395: *Rċevuti għal Stage Coach fl-ammont ta' €171.25* | Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. |
| | | | |
| Ħruġ matul il-Ġimgħa u Tmiem il-Ġimgħa | €1,500 | | Abbażi r-raġjunament tal-Qorti kif ribadit iktar 'il fuq, il-Qorti tara li tenut kont l-eta' tal-minuri, is-somma ta' €50 fix-xahar hija ġusta. Għaldaqstant għandha tittiehed in |

[112] Klabb 3-16 - €234.80, Skola Sajf - €142.60, *Name-Tags* - €17.28, Spejjeż oħra - €203.58.
[113] *Stage Coach* - €197.53

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | konsiderazzjoni tas-somma €300 għal sitt (6) xhur. |

***TOTAL PRETIŻ MILL-ATTRIĊI = €13,487.42***[114]
***TOTAL LI WASLET GĦALIH IL-QORTI = €5,513.02***

Dan ifisser illi:

| Sena | Somma tal-Qorti | Sehem il-Konvenut |
|---|---|---|
| | | |
| 2011 (minn Lulju) | €17,940.26 | €8,970.13 |
| 2012 | €9,299.11 | €4,649.56 |
| 2013 | €10,227.44 | €5,113.72 |
| 2014 | €9,435.17 | €4,717.59 |
| 2015 | €10,564.17 | €5,282.09 |
| 2016 (sa Lulju) | €5,513.02 | €2,756.51 |
| | | |
| **TOTAL** | **€62,979.17** | **€31,489.60** |

Is-somma ta' €1,287.37 bħala spejjeż extra-ġudizzjarji relatati mal-kawża ta' paternita' tal-minuri,[115] għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni, b'dana illi fil-fehma ta' din il-Qorti dawn għandhom jitħallsu fl-interita' tagħhom mill-konvenut stante illi huwa evidenti illi huwa qatt ma ried jaf b'bintu minuri u l-attriċi ma kellhiex għażla ħlief li tirrikorri għal azzjoni legali sabiex tissalvagwardja l-interessi ta' bintha. Din is-somma għandha tiġi inkluża mas-somma ta' €31,489.60.

Għaldaqstant, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' **€32,776.97** lill-attriċi, rappreżentanti sehemu bħala manteniment għal minuri C D B, liema somma tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa, l-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn it-3 ta' Mejju 2011 sas-26 ta' Lulju 2016.

***Il-Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Mateniment Dovut mill-Konvenut mis-26 ta' Lulju 2016 sad-Data li din id-Deċiżjoni tgħaddi in Ġudikat:***

[114] Erronjament imniżżla €13,289.89.
[115] Fol. 509.

Il-Qorti tara illi fil-mori ta' din il-kawża ngħataw żewġ (2) digrieti *pendente lite* rigward il-manteniment għall-minuri:

1. Id-digriet datat 26 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €500 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni;[116]

2. Id-digriet datat 5 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti laqgħat it-tielet talba tal-konvenut u rriduċiet il-manteniment bin-nofs, u ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.[117]

Mill-atti jirriżulta illi fil-mori tal-kawża l-manteniment dejjem tħallas, hekk kif dan tikkonfermah l-attriċi nnifisha.[118] Madanakollu jirriżulta illi hemm kwistjoni li ġiet sollevata mill-attriċi li l-Qorti jeħtieġ li tindirizza, u ċjoe' li skont l-attriċi hija għandha tiġi mħallsa dak il-manteniment kif rivedut fis-sentenza finali mill-5 ta' Marzu 2018 sad-data meta tingħata tali sentenza,[119] għal liema kwistjoni l-konvenut qiegħed joġġezzjona.[120] Il-Qorti tara li l-konvenut jisħaq illi *"jekk l-attrici hadet fastidju b'dak id-digriet (tal-5 ta' Marzu 2018) dejjem setghet jekk riedet taghmel talba ghal revoka contrario imperio tal-istess digriet jew sussegwentament, permezz ta' rikors titlob li l-ammont ta' manteniment jerga' jizdied u dan setghet ghamlitu kemm-il darba xtaqet. Hadd ma waqqaf lill-attrici milli taghmel dan."*.[121]

F'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva illi din hija proċedura li ġieli ġiet segwita mill-Qorti tal-Familja. Fil-fatt issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**,[122] liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta'

[116] Fol. 48.
[117] Fol. 117.
[118] Fol. 1596 *"llum manteniment pendenti ma hemmx. Il-manteniment ihalsu bl-internet banking"*.
[119] Fol. 1705.
[120] Fol. 1766.
[121] *Ibid.*
[122] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2).

Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Fid-dawl tas-sentenza surreferita, il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut illi t-talba tal-attriċi ma tistgħax tiġi mehuda in konsiderazzjoni. Barra minn hekk ma huwiex minnu illi l-attriċi ma ppreżentatx rikors sabiex id-digriet tal-5 ta' Marzu 2018 jiġi varjat fis-sens illi l-manteniment *pendente lite* jiġi awmentat, hekk kif mill-atti jirriżulta li l-attriċi kienet ippreżentat rikors għal tali skop nhar is-27 ta' Marzu 2018,[123] iżda t-talba tal-attriċi ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat 17 ta' April 2018.[124] Pero' l-Qorti tfakkar illi dawn id-digrieti qatt ma jkunu finali, u l-Qorti għandha l-fakolta' li titbiegħed minnhom fis-sentenza finali tagħha.

Għaldaqstant, il-Qorti tara li bħala manteniment *pendente lite* (ad esklużjoni ta' nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari), sakemm ingħatat din is-sentenza, il-konvenut ħallas is-segwenti:

| | |
|---|---|
| Mis-26 ta' Lulju 2016 sal-aħħar ta' Diċembru 2016 | €2,500 (€500 x 5) |
| Mill-1 ta' Jannar 2017 sal-aħħar ta' Diċembru 2017 | €6,000 (€500 x 12) |
| Mill-1 ta' Jannar 2018 sal-aħħar ta' Frar 2018 | €1,000 (€500 x 2) |
| Mill-1 ta' Marzu 2018 sal-aħħar ta' Diċembru 2018 | €2,500 (€250 x 10) |
| Mill-1 ta' Jannar 2019 sal-aħħar ta' Diċembru 2019 | €3,000 (€250 x 12) |
| Mill-1 ta' Jannar 2020 sal-aħħar ta' Diċembru 2020 | €3,000 (€250 x 12) |
| Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-aħħar ta' Diċembru 2021 | €3,000 (€250 x 12) |
| Mill-1 ta' Jannar 2022 sas-27 ta' Jannar 2022 | €250 (€250 x 1) |
| **TOTAL** | **€21,250** |

Fil-fehma tal-Qorti u fiċ-ċirkostanzi odjerni, is-somma ta' €400 f'manteniment kif likwidata iktar 'il fuq f'din is-sentenza, għandha tiġi applikata b'effett mis-26 ta' Lulju 2016. Dan ifisser li b'tali rata, sehem il-konvenut mis-26 ta' Lulju 2016 sad-data ta' din is-sentenza huwa dak ta' €26,400.[125] Minn tali somma trid titnaqqas is-somma ta' €21,250 – liema somma hija diġa' mħallsa hekk kif ma hemm l-ebda kontestazzjoni li din ma tħallsitx, u b'hekk jifdal il-bilanċ ta' €5,150 li l-konvenut irid jgħaddi lill-attriċi bħala sehemu f'manteniment għall-minuri għal tali perjodu. Għandu jiġi sottolinejat illi tali somma ma tinkorporax sehem

[123] Fol. 122.
[124] Fol. 131.
[125] €400 x 66 xahar (minn Lulju 2018 sa Jannar 2022).

il-konvenut għall-ispejjeż tal-minuri rigward is-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, u dan stante li tali somma ser tiġi kkalkulata meta tiġi tratta talba numru disa' (9).

Għaldaqstant, il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' **€5,150** bħala arretrati f'manteniment li ma jinkludix l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni għal perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2016 sas-27 ta' Jannar 2022, in vista li l-Qorti qiegħda ukoll tordna li s-somma ta' €400 f'manteniment għandu jkollha effett mis-26 ta' Lulju 2016.

**vii. Id-Disa' Talba - *Ordni lill-Konvenut sabiex iħallas l-Ispejjeż kollha jew Porzjoni Minnhom, liema Spejjeż huma relatati mas-Saħħa, Edukazzjoni u Attivitajiet Extra-Kurrikulari tal-Minuri*:**

L-attriċi tressaq din it-talba bl-intiża li *"il-konvenut ikun ikkundannat iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u nofs l-ispejjeż kurrikulari tal-minuri u dan b'effett mid-data tat-twelid tagħha"*,[126] iżda min-naħa tiegħu l-konvenut jgħid illi tali talba ma hijiex ċara. Min-naħa l-oħra, il-Perit Legali fir-rigward ta' din it-talba tasal għal konklużjoni illi din għandha tiġi miċħuda kemm-il darba tilqa' dak li rrelatat fuqu dwar il-fatt li l-manteniment kif likwidat għandu jinkludi l-ispejjeż kollha rigwardanti l-minuri.[127]

Il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Perit Legali, hekk kif din it-talba hija ċara fl-intendiment tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti tara illi fil-kontro-eżami tiegħu ta' nhar il-15 ta' Ottubru 2020, il-konvenut iddikjara illi rigward spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni huwa qatt ma ħallas xejn.[128] Dan jista' jiġi kkorrborat ukoll mill-i*statements* bankarji tal-konvenut hekk kif il-Qorti tinnota illi permezz tal-*internet banking*, il-konvenut jibgħat lill-attriċi s-somma preċiża tal-manteniment mingħajr xejn oltre sabiex ikopri sehemu *se mai* mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni.[129] Madanakollu fil-proċess issir referenza għall-fatt li l-attriċi fetħet proċeduri għal tali spejjeż quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, madanakollu ma jidhirx illi tresqet prova ta' dan.

[126] Fol. 1710.
[127] Fol. 1696.
[128] Fol. 1611.
[129] Ara fol. 1070 et seq.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi in vista li ż-żewġ digrieti *pendente lite* datati 26 ta' Lulju 2016 u l-5 ta' Marzu 2018, kienu speċifikament ordnaw lill-konvenut sabiex apparti l-manteniment huwa jħallas ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni, it-talba kif dedotta tal-attriċi għandha tiġi milqugħa. B'hekk il-Qorti tara illi:

1. Sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn id-data tat-twelid tal-minuri u s-26 ta' Lulju 2016, dan ġie nkluż fis-somma li l-Qorti llikwidat fit-taqsima numru sitta (6) taħt is-sub-taqsima msemmija '*Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Manteniment Dovut mill-Konvenut mid-Data tat-Twelid tal-Minuri C D B sas-26 ta' Lulju 2016, ċjoe' id-Data tal-Ewwel Digriet pendente lite mogħti minn din il-Qorti'*;

2. Sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra-kurrikulari għal perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2016 sad-data meta tingħata din is-sentenza, il-Qorti tqis illi għandha tieħu konsiderazzjoni tas-somma ta' €125, kif spjegat iktar 'il fuq fit-taqsima fejn il-Qorti llikwidat il-manteniment futur li jinkludi fih l-ispiża mensili tal-attriċi għall-ispejjeż relatati għas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Għaldaqstant is-somma li l-konvenut għandu jħallas għal dan il-perjodu għal tali spejjeż hija dik ta' €8,250.[130]

Il-Qorti tirrileva ukoll illi dak is-safar elenkat mill-attriċi li seħħ wara s-26 ta' Lulju 2016, ma ttihiedx in konsiderazzjoni stante illi tali safar sar fil-mori ta' din il-kawża u b'hekk kellha l-obbligu li *se mai* tinforma lill-konvenut qabel ma tagħmel tali spejjeż tenut kont li tali safar kien ta' prijorita' sekondarja u mhux neċessita' assoluta.

Għaldaqstant, il-Qorti tordna illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' **€8,250** rappreżentanti sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri għall-perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2016 sal-lum, b'dana illi f'każ li hemm jew ikun hemm sentenza mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar dwar l-ispejjeż in kwistjoni għal perjodu partikolari, tali somma kif likwdiata mill-imsemmi Tribunal għandha tiġi mnaqqsa minn din is-somma.

[130] €125 x 66 xahar (Lulju 2016 – Jannar 2022).

**viii. Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Il-konvenut iressaq din l-eċċezzjoni b'mod partikolari sabiex jingħata d-dritt li jkollu aċċess għal minuri. Madanakollu, l-attriċi tirribatti illi l-konvenut ma talabx kif proċeduralment suppost l-aċċess u kwalsiasi deċiżjoni li tagħti aċċess lill-konvenut għall-minuri tkun waħda *ultra petita* u *extra petita*.[131] Magħdud ma' dan l-attriċi tkompli tisħaq illi *"l-konvenut ma għandux jingħata aċċess għall-minuri jew aċċess kif ġieb u laħaq billi huwa qatt ma wera ruħu interessat fil-minuri u jekk xejn huwa kien sors ta' uġiegħ mhux għall-esponenti bissm iżda għall-minuri wkoll. Illum il-minuri għalqet l-għaxar (10) snin u lill-konvenut ma tafux bħala missierha. Ma jkunx għaqli li jkun hemm xi arranġament dwar aċċess. L-arranġament ta' l-aċċess li l-Perit Legali tirreferi għalih fir-relazzjoni tagħha li kien sar quddiemha ma kienx irnexxa billi l-konvenut waqqfu hekk kif dina l-Onorabbli Qorti kienet naqqset il-manteniment kif mitlub ripetutament minnu. Biex wiehed jifhem sew l-animu tal-konvenut!"*.[132]

Il-Perit Legali kienet tal-fehma illi għandu jinżamm aċċess kif mifthiem bejn il-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2018, u ċjoe' nhar ta' Tnejn u Ħamis mill-5 sas-7 ta' filgħaxija, u nhar ta' Sibt mill-11 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar, liema aċċess ma għandux isir fil-preżenza tal-omm. Magħdud ma' dan, il-Perit Legali issuġġeriet ukoll illi l-konvenut għandu bżonn jibda sessjonijiet ma' *child psychologist* flimkien ma' bintu sabiex jibni relazzjoni ma' bintu u tkun fid-diskrezzjoni tac-*child psychologist* li tiddeċiedi jekk l-attriċi għandhiex ukoll bżonn tattendi dawn is-sessjonijiet.[133]

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward. Tenut kont ta' dan, anke' jekk fl-atti ġudizzjali odjerni ma kien hemm l-ebda talba *ad hoc*

[131] Fol. 1711.
[132] Fol. 1711.
[133] Fol. 1694.

rigward l-aċċess tal-missier versu bintu, din il-Qorti xorta waħda sejra tikkonsidra u tiddeċiedi dwarha.

Il-Qorti tirribadixxi illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-każ odjern, il-Qorti tara illi f'seduta quddiem il-Perit Legali kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex jibda jinżamm aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, u dan fil-preżenza tal-attriċi.[134] Madanakollu tali aċċess dam jiġi eżerċitat mill-Milied sa San Stiefnu, u mill-atti jirriżulta li ma hemmx qbil dwar ir-raġuni għaliex dan l-aċċess ma baqgħax iseħħ. L-attriċi tikkontendi illi kien tort tal-konvenut għaliex qatt ma impenja ruħu, u li huwa waqaf jibgħat biex jara lill-minuri wara li l-Qorti nhar il-5 ta' Marzu 2018 laqgħatlu t-talba sabiex l-manteniment jiġi ridott. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jisħaq illi kienet l-attriċi li ma rieditx tiltaqa' iktar wara li l-manteniment ġie ridott, hekk kif wara li ngħata d-digriet il-messaġġi li kien qiegħed jibgħatilha ma bdewx jaslulha.

F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel l-osservazzjonijet tagħha, u tara illi:

1. Fis-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar is-17 ta' April 2018,[135] l-Avukat tal-konvenut irrileva illi l-aċċess ma kienx qiegħed ikun possibbli stante li kull meta l-konvenut kien qiegħed jikkomunika mal-attriċi din ma kienetx qed tirrispondix. Madanakollu l-attriċi tiċħad dan u tivverbalizza li saħansitra ħadet it-tifla għall-aċċess iżda hu ma tfaċċax;

2. Fis-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar it-28 ta' Novembru 2019,[136] in kontro-eżami l-attriċi ddikjarat illi l-konvenut ma kienx qiegħed jibgħatilha messaġġi kull ġimgħa għall-aċċess. Tispjega illi wara dakinhar illi huwa qabad u ma ġiex, il-konvenut qatt ma bagħat iktar sabiex jeżerċita l-aċċess versu bintu. Madanakollu ġie ddikjarat illi hi qatt ma bblokjatu fuq il-pjattaforma soċjali *Whatsapp* iżda tammetti illi kienet biddlet in-numru taċ-ċellulari;

3. Fis-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar it-3 ta' Marzu 2020,[137] in kontro-eżami tikkonferma illi wara li biddlet il-*mobile number* hija ma

134 Fol. 1548.
135 Fol. 1555.
136 Fol. 1595.
137 Fol. 1608.

għaddietx tali numru lill-konvenut stante illi *"lili ghamilieli cara kemm-il darba li ma jridx ikellimni u ghamilt sentejn qabel bdejt il-kawza nipprova nikkomunika miegħu"*;

4. Il-konvenut ippreżenta l-korrispondenza bejnu u l-attriċi mit-12 ta' Frar 2018, fejn jirriżulta illi fil-5 ta' Marzu 2018 il-konvenut kien saqsiha jekk jistgħux jiltaqgħu iżda l-attriċi ma rrispondietx fl-affermattiv jew negattiv, u bgħatitlu iktar tard fejn infurmatu li kienu ser ikunu ftit tard għall-aċċess, meta fil-verita' l-konvenut hekk kif baqa' bla risposta għal sigħat twal probabbli ħaseb li ma kienux ser jiltaqgħu u ma marx għall-aċċess. Minn wara din il-ġurnata, u proprju fl-istess ġurnata meta ngħata d-digriet tal-Qorti fejn il-manteniment ġie ridott għal €250 fix-xahar, il-messaġġi tal-konvenut ma baqgħux jaslu lill-attriċi;

5. Fis-seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar il-15 ta' Ottubru 2020,[138] il-konvenut jikkonferma illi ma għandux relazzjoni ma' bintu għax l-aċċess twaqqaf. Jispjega ukoll illi ma ressaqx rikors għall-aċċess stante li bejn il-partijiet kien hemm ftehim, u li għadu s'issa jixtieq jara lit-tifla.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara illi almenu mill-2018 'il quddiem il-konvenut wera li kellu l-interess li jibda jsir jaf lil bintu. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx tort tal-konvenut li l-aċċess waqaf, hekk kif permezz tal-messaġġ mibgħut mill-konvenut lill-attriċi nhar il-5 ta' Marzu 2018 li jgħid: *"ibda wiegeb qabel 2pm fil-gurnata filkas…. Halli nkunu nafu xser jigri"*,[139] għall-Qorti juri li l-intenzjoni tal-konvenut li jara lil bintu kienet preżenti. Kienet proprju l-attriċi li ma rrispondietx lura, anzi addirittura biddlet in-numru taċ-ċellulari tagħha u ma nfurmatx lill-konvenut b'dan kollu. Magħdud ma' dan il-Qorti tkompli tikkonvinċi ruħha li l-attriċi ma ridietx lill-bintha tmur għall-aċċess mal-konvenut hekk kif fis-seduta tas-17 ta' April 2018 l-Avukat tal-konvenut infurmaha li minkejja l-klijent tiegħu kien qiegħed jipprova jikkomunika magħha biex jara lil bintu, hija ma kienetx qiegħda tikkomunika lura. Il-konvenuta ċaħdet li ma kienetx qiegħda tirrispondi. Madanakollu, il-messaġġi eżebiti mill-konvenut jistabbilixxu l-kuntrarju, u jikkonfermaw il-pożizzjoni tal-konvenut.

[138] Fol. 1612.
[139] Fol. 764.

Il-Qorti ma tixba' qatt tisħaq illi l-ulied m'għandhomx jisfaw il-vittmi tal-pika u r-rabja tal-ġenituri tagħhom, anzi l-interessi supremi tagħhom għandhom dejjem jiġu meqjusa. Tenut kont tal-premess, il-Qorti ma tinsabx tal-fehma illi l-minuri m'għandhiex tingħata l-possibilita' li tibni relazzjoni ma' missierha. Illum li l-minuri għandha għaxar (10) snin, indubjament għandha razzjonalita' adegwata u tifhem ukoll illi missierha qatt ma kien preżenti f'ħajjitha. Madanakollu dan ma jfissirx illi tali sitwazzjoni ma tistgħax tiġi rimedjata jekk hemm il-volonta' u dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri.

Għaldaqstant u bid-diskrezzjoni mogħtja lilha ai terimini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi odjerna ikun xieraq illi l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

1. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedha, u jaraw hi x'taħseb dwar missierha, il-possibilita' li tibni rapport miegħu u l-aspettattivi tagħha;

2. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker,* skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi, fejn għall-ewwel żewġ aċċessi l-attriċi tkun tista' tkun preżenti anke' sabiex il-minuri tħossha iktar kunfidenti, iżda sussegwentament tali aċċess ma għandux isir fil-preżenza tal-omm, sabiex b'hekk il-minuri ma tkunx influwenzata minn ommha waqt l-aċċess, u fl-istess waqt permezz tas-superviżjoni tas-*social worker* il-konvenut ikun kostrett li matul l-aċċess jqatta' ħin ta' kwalita' mal-minuri bl-intiża li tinbena relazzjoni bejniethom;

3. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu liż-żewġ partijiet sabiex jaħdmu fuq ir-rabja tagħhom lejn xulxin, bil-għan illi jitgħalmu jikkorrispondu ma' xulxin bl-iktar mod bażiku fl-interess suprem tal-minuri, sabiex il-ħajja tagħha tiġi ffaċilitata fejn *si tratta* aċċess;

4. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu lill-konvenut sabiex jitgħallem kif għandu jaġixxi u jimmaniġja lill-minuri sabiex bil-mod il-mod jibda jimla' ż-żarbun ta' missier u jaġixxi bil-*bonus pater familias* fil-konfront ta' bintu.

Il-Qorti tara li b'tali mod, l-interessi tal-minuri ikunu qegħdin jiġu ssalvagwardjati, bil-konsegwenza illi l-istess minuri tkun qiegħda tingħata l-opportunita' li ssir taf lill-konvenut bħala missierha, filwaqt li l-konvenut tali opportunita' tkun qiegħda sservih sabiex jirrimedja l-iżbalji tiegħu mwettqa minnu fil-passat.

## ix. Spejjeż relatati mal-Kawża Odjerna:

Kwistjoni oħra li dwarha ma hemmx qbil bejn il-partijiet hija l-ispejjeż tal-azzjoni odjerna. F'dan ir-rigward, il-Perit Legali ħalliet f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi x'għandu jsir fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti tara illi l-attriċi tikkontendi illi *"qabel ma nbdiet dina l-kawża saret ittra ufficjali, process ta' medjazzjoni u ġie mgħarraf lill-konvenut l-ammont pretiż mill-esponenti u f'hiex jikkonsisti iżda huwa baqa' jostina ruhu. La ħallas kollox u lanqas parti. It-trattattivi saru minghajr pregudizzju u għalhekk l-esponenti ma ressqitx provi dwar l-istess kuntrarjament għal dak illi għamel il-konvenut"*.[140] Minnaħa l-oħra l-konvenut jisħaq li *"kien ilu minn Novembru 2015 jitlob lill-attrici illi tghaddilu l-proposti taghha sabiex possibilment jaslu bonarjament. L-attrici ressqet tali proposti fit-2 ta' Mejju 2016"*.[141]

F'dan il-kuntest tara, illi l-konvenut jisħaq illi huwa kien ilu minn Novembru tal-2015 jitlob lill-attriċi bil-proposti, iżda din resqet l-istess nhar it-2 ta' Mejju 2016. Fil-fehma tal-konvenut il-proċeduri odjerni setgħu jiġu evitati kieku l-attriċi impenjat ruħha qabel sabiex tgħaddi l-proposti tagħha. Madanakollu l-Qorti tara illi d-data li fiha l-attriċi għaddiet il-proposti tagħha lill-konvenut, il-proċeduri odjerni kienu għadhom fl-istadju ta' medjazzjoni u dan in vista li d-digriet tal-Qorti fejn il-medjazzjoni ġiet magħluqa u l-partijiet ġew awtorizzati sabiex jipprosegwu bil-kawża odjerna, huwa datat 31 ta' Mejju 2016.[142] Jiġi osservat ukoll illi l-azzjoni odjerna, ir-rikors għall-mandat kawtelatorju ta' sekwestru u r-rikors għall-manteniment *pendente lite*, ġew intavolati kontestwalment nhar is-6 ta' Lulju 2016. Dan ifisser illi ġialadarba l-azzjoni *de quo* ġiet intavolata nhar is-6 ta' Lulju 2016, il-partijiet kellhom ftit inqas minn xahrejn sabiex jesploraw il-possibilita' ta' transizzjoni amikevoli bejniethom minn meta l-attriċi għaddiet lill-konvenut il-proposti tagħha – madanakollu tali transizzjoni evidentament ma

[140] Fol. 1751.
[141] Fol. 1771.
[142] Fol. 20.

seħħitx. Magħdud ma' dan, il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi s-sentenza rigward il-paternita' tal-minuri C D B ġiet deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2015, u b'hekk skont id-dikjarazzjoni tal-konvenut stess, jirriżulta li huwa għażel li jipprokrastina għal sitt (6) xhur sħaħ milli jkellem lill-attriċi dwar proposti rigward manteniment u aċċess, meta bħala avukat huwa konxju u mgħarraf sew dwar l-obbligi legali tiegħu bħala missier. B'hekk huwa assurd illi f'dan l-istadju l-konvenut jippretendi illi l-attriċi jkollha tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża u dawk relatati.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u konsegwentament taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri C D B għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi A B, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba, b'dana illi:

    i. Fir-rigward ta' *deċiżjonijiet ta' natura* ordinarja, dawn għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, inkluż dawk elenkati mill-Perit Legali u oħrajn bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, u

    ii. Fir-rigward ta' *deċiżjonijiet ta' natura straordinarja* li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, u (iv) safar barra minn Malta, dawn għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet.

3. Tiċħad it-tielet talba sabiex il-konvenut jiġi żvestit mill-jeddijiet kollha tas-setgħha ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 subinċiż (1)(e) tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara illi l-konvenut bħala l-missier naturali ta' C D B kellu u għad għandu l-obbligu li, fost oħrajn jipprovdi manteniment

għall-ħtiġijiet tal-minuri b'effett mid-data tat-twelid tagħha, ossija mit-3 ta' Mejju 2011;

5. Tilqa' l-ħames u s-sitt talba, u *rebus sic stantibus* tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €500 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal Andra D B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

6. Tilqa' is-seba' u t-tmien talba, u tordna lill-konvenut iħallas:

    i. Is-somma ta' €32,776.97 lill-attriċi, rappreżentanti sehemu bħala manteniment għal minuri C D B, liema somma tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa, l-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn it-3 ta' Mejju 2011 sas-26 ta' Lulju 2016; u,

    ii. Is-somma ta' €5,150 bħala arretrati f'manteniment li ma tinkludix l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni għal perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2016 sal-lum, in vista li l-Qorti qiegħda ukoll tordna li s-somma ta' €400 f'manteniment għandu jkollha effett mis-26 ta' Lulju 2016.

7. Tilqa' id-disa' talba, u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €8,250 rappreżentanti sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri għall-perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2016 sal-lum, b'dana illi f'każ li hemm jew ikun hemm sentenza mit-

Tribunal għat-Talbiet Żgħar dwar l-ispejjeż in kwistjoni għal perjodu partikolari, tali somma kif likwidata mill-imsemmi Tribunal għandha tiġi mnaqqsa minn din is-somma.

8. Ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi Jkun xieraq illi l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

   i. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedha, u jaraw hi x'taħseb dwar missierha, il-possibilita' li tibni rapport miegħu u l-aspettattivi tagħha;

   ii. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker*, skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi, fejn għall-ewwel żewġ aċċessi l-attriċi tkun tista' tkun preżenti anke' sabiex il-minuri tħossha iktar kunfidenti, iżda sussegwentament tali aċċess ma għandux isir fil-preżenza tal-omm, sabiex b'hekk il-minuri ma tkunx influwenzata minn ommha waqt l-aċċess, u fl-istess waqt permezz tas-superviżjoni tas-*social worker* il-konvenut ikun kostrett li matul l-aċċess jqatta' ħin ta' kwalita' mal-minuri bl-intiża li tinbena relazzjoni bejniethom;

   iii. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu liż-żewġ partijiet sabiex jaħdmu fuq ir-rabja tagħhom lejn xulxin, bil-għan illi jitgħalmu jikkorrispondu ma' xulxin bl-iktar mod bażiku fl-interess suprem tal-minuri, sabiex il-ħajja tagħha tiġi ffaċilitata fejn *si tratta* aċċess;

   iv. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu lill-konvenut sabiex jitgħallem kif għandu jaġixxi u jimmaniġġja lill-minuri sabiex bil-mod il-mod jibda jimla' ż-żarbun ta' missier u jaġixxi bhala *bonus pater familias* fil-konfront ta' bintu.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali, tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru u atti oħra relatati mal-istess mandat, għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur